# SUSSIDJU
## GĦAS-SENA PASTORALI DDEDIKATA LILL-EWKARISTIJA
2026-2027



# SUSSIDJU
## GĦAS-SENA PASTORALI DDEDIKATA LILL-EWKARISTIJA

## 2026-2027



Ippubblikat mid-Djoċesi ta' Għawdex u Lumen Christi Publications
f'Ottubru 2026
għas-Sena Pastorali 2026-2027 dwar l-Ewkaristija

*Ikkollaboraw f'din l-edizzjoni:*
Mons. Joseph Sultana, Segretarju Pastorali Djoċesan;
Dun Injazju Borg, Delegat tal-Isqof għal-Liturġija;
il-Kan. Mikiel Galea; Francesco Pio Attard

*Fil-qoxra:*
Lazzaro Pisani, *L-Aħħar Ċena*, 1917,
Kwadru titulari tal-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Ewkaristiku Salvatur, l-Għasri

Mitbugħ: Gozo Press Ltd, Għajnsielem, Għawdex

ISBN: 978-9918-9577-6-7

# WERREJ

| | | |
|---|---|---|
| I | Nerġgħu niskopru l-istagħġib Ewkaristiku | 5 |
| II | Il-Jum tal-Mulej | 39 |
| III | Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fil-jum tal-Ħadd | 53 |
| IV | Mistagoġija tal-Quddiesa | 61 |
| V | Il-Quddiesa "Rorate": ġojjell tal-Avvent | 79 |
| VI | Nota dwar il-kant waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi | 103 |
| VII | Shema: Lejl imdawwal mill-Ewkaristija | 109 |
| VIII | Il-Quddiesa mfissra | 123 |



# I

# NERĠGĦU NISKOPRU L-ISTAGĦĠIB EWKARISTIKU

## *Sintesi tal-prietki tar-Randan 2022*
## *minn Patri Raniero Cantalamessa* OFMCAP

### 1. Il-Liturġija tal-Kelma

L-Ewkaristija tinsab fiċ-ċentru ta' kull żmien liturġiku. L-Ewkaristija li niċċelebraw kuljum hija l-Għid ta' kuljum. Kull pass żgħir 'il quddiem fl-għarfien tagħha jwassal għall-maturità fil-ħajja spiritwali tal-persuna u tal-komunità ekkleżjali. Iżda, b'xorti ħażina, minħabba li nirrepetuha ta' spiss, hija wkoll dik li l-aktar tista' tinbidel f'rutina, f'xi ħaġa li nqisuha bħala ovvja.

San Ġwanni Pawlu II, fl-Ittra enċiklika *Ecclesia de Eucharistia* ta' April 2003, jgħid li l-Insara għandhom jerġgħu jiskopru u jżommu dejjem ħaj *"l-istagħġib Ewkaristiku"*. Għal dan l-għan għandhom iservu r-riflessjonijiet tagħna: biex nerġgħu nsibu l-istagħġib Ewkaristiku.

Meta nitkellmu dwar l-Ewkaristija, ma jfissirx li qed naħarbu mir-realtà ta' dinja sekularizzata li qed ngħixu fiha. Pjuttost, hija stedina biex inħarsu lejha minn perspettiva ogħla u inqas marbuta maċ-ċirkustanzi tal-mument.

L-Ewkaristija hija l-preżenza fl-istorja ta' dik il-ġrajja li għal dejjem qalbet il-pożizzjonijiet bejn ir-rebbieħa u l-vittmi. Fuq is-salib Kristu għamel lill-vittma r-rebbieħ veru: *"Victor quia victima"*, isejjaħlu Santu Wistin: rebbieħ għax vittma.

L-Ewkaristija toffrilna ċ-ċavetta vera biex naqraw l-istorja. Tiggarantilna li Ġesù jinsab magħna, mhux biss fl-intenzjoni jew fil-ħsieb, imma tassew f'din id-dinja tagħna li tidher li tista' taħrab minn idejna minn mument għall-ieħor. Kull Ewkaristija terġa' tgħidilna: *"Agħmlu l-qalb: jien irbaħt id-dinja!"* (Ġw 16:33).

### L-Ewkaristija fl-istorja tas-salvazzjoni

Nibdew b'mistoqsija: *X'post tokkupa l-Ewkaristija fl-istorja tas-salvazzjoni?* It-tweġiba hija: *ma tokkupax post wieħed, iżda tokkupa l-istorja kollha!*

L-Ewkaristija hija koestensiva mal-istorja tas-salvazzjoni. Madankollu, hija preżenti fi tliet modi differenti, fi tliet żminijiet jew fażijiet differenti tas-salvazzjoni:

1. fit-Testment il-Qadim hija preżenti *bħala figura*;
2. fit-Testment il-Ġdid hija preżenti *bħala ġrajja*;
3. fiż-żmien tal-Knisja hija preżenti *bħala sagrament*.

Il-figura tħabbar u tħejji l-ġrajja; is-sagrament *"ikompli" u jagħmel attwali* l-ġrajja.

Fit-Testment il-Qadim, l-Ewkaristija hija preżenti *"bħala figura"*. Waħda minn dawn il-figuri kienet il-manna; oħra kienet is-sagrifiċċju ta' Melkisedek; oħra kienet is-sagrifiċċju ta' Iżakk. Fis-sekwenza *Lauda Sion Salvatorem*, miktuba minn San Tumas ta' Aquino għall-Festa tal-*Corpus Christi*, insibu l-kliem li jfisser: "Imħabbra minn qabel fil-figuri: issagrifikat f'Iżakk, indikat fil-ħaruf tal-Għid, mogħti lill-missirijiet bħala manna". Bħala figuri tal-Ewkaristija, San Tumas isejjaħ dawn ir-riti *"is-sagramenti tal-Liġi l-Qadima"*.

Bil-miġja ta' Kristu u bil-misteru tiegħu tal-mewt u l-qawmien mill-imwiet, l-Ewkaristija ma tibqax preżenti bħala figura, iżda bħala *ġrajja*, bħala realtà. Insejħulha "ġrajja" għaliex hija xi ħaġa li seħħet storikament, fatt uniku fiż-żmien u fl-ispazju, li seħħ darba biss u ma jistax jiġi ripetut: "Issa, fl-aħħar taż-żminijiet, deher darba għal dejjem biex ineħħi d-dnub bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu" (Lhud 9:26).

Fl-aħħar, fiż-żmien tal-Knisja, l-Ewkaristija hija preżenti bħala *sagrament*, jiġifieri fis-sinjal tal-ħobż u tal-inbid, imwaqqaf minn Kristu. Huwa importanti li nifhmu sewwa d-differenza bejn il-ġrajja u s-sagrament: fil-prattika, id-differenza bejn *l-istorja u l-liturġija*.

Santu Wistin jgħinna nifhmu dan. Aħna, jgħid dan il-qaddis kbir, nafu u nemmnu b'fidi żgura li Kristu miet darba waħda għalina: hu, il-Ġust, għall-midinbin; hu, il-Mulej, għall-qaddejja. Nafu perfettament li dan seħħ darba waħda biss.

U madankollu, is-sagrament iġedded perjodikament iċ-ċelebrazzjoni tiegħu, bħallikieku dak li l-istorja tħabbar li seħħ darba waħda kien qed jerġa' jseħħ għal darb'oħra.

Madankollu, il-ġrajja u s-sagrament ma jmorrux kontra xulxin, bħallikieku s-sagrament huwa qarrieqi u l-ġrajja biss hija vera. Għax dak li l-istorja tafferma li seħħ fir-realtà darba waħda biss, is-sagrament *iġedded spiss iċ-ċelebrazzjoni tiegħu fil-qalb tal-fidili*. L-istorja tikxef dak li seħħ darba waħda u kif seħħ; il-liturġija tagħmel li l-passat ma jintesa qatt; mhux fis-sens li terġa' tagħmlu jseħħ (*non faciendo*), imma fis-sens li tiċċelebrah (*sed celebrando*).

### Ir-relazzjoni bejn is-sagrifiċċju tas-Salib u l-Quddiesa

Li niċċaraw ir-rabta li teżisti bejn is-sagrifiċċju uniku tas-Salib u l-Quddiesa hija ħaġa delikata ħafna u dejjem kienet waħda mill-punti ta' l-akbar nuqqas ta' qbil bejn Kattoliċi u Protestanti.



Santu Wistin juża żewġ verbi: *iġedded* u *jiċċelebra*. Dawn huma eżatti ħafna, bil-kundizzjoni li nifhmuhom wieħed fid-dawl tal-ieħor: il-Quddiesa ġġedded l-ġrajja tas-Salib billi tiċċelebrah – mhux billi terġa' tagħmlu – u tiċċelebrah billi ġġedded il-preżenza tiegħu – mhux sempliċement billi tfakkru.

Il-kelma li forsi llum fiha l-akbar qbil ekumeniku hija l-verb *"tirrappreżenta"*, użat ukoll minn Pawlu VI fl-Enċiklika *Mysterium Fidei*, mifhum fis-sens qawwi ta' *"terġa' tippreżenta"*, jiġifieri tagħmel xi ħaġa preżenti mill-ġdid. F'dan is-sens ngħidu li *l-Ewkaristija "tirrappreżenta" s-Salib*.

Skont l-istorja, kien hemm Ewkaristija waħda biss: dik li wettaq Ġesù permezz tal-ħajja u l-mewt tiegħu. Skont il-liturġija, iżda, jiġifieri bis-saħħa tas-sagrament, hemm Ewkaristiji daqskemm ġew iċċelebrati u daqskemm għad jiġu ċċelebrati sal-aħħar tad-dinja.

Il-ġrajja seħħet darba waħda biss; is-sagrament iseħħ "kull darba" (*quotiescumque*). Bis-saħħa tas-sagrament tal-Ewkaristija, b'mod misterjuż, aħna nsiru *kontemporanji tal-ġrajja*; il-ġrajja issir preżenti għalina u aħna nsiru preżenti għaliha.

## L-Ewkaristija bħala sagrament

Fil-Knisja tal-ewwel sekli kienet teżisti katekeżi speċjali, imsejħa *mistagoġika*, li kienet riservata għall-Isqof u kienet tingħata wara, u mhux qabel, il-Magħmudija. L-għan tagħha kien li tikxef lin-neofiti t-tifsira tar-riti li kienu ġew iċċelebrati u l-fond tal-misteri tal-fidi: il-Magħmudija, il-Griżma jew id-Dilka, u b'mod speċjali l-Ewkaristija.

Fuq dawn il-linji, nipproponu din il-*katekeżi mistagoġika dwar l-Ewkaristija*.

Biex nibqgħu kemm jista' jkun marbuta man-natura sagramentali u ritwali tagħha, se nimxu mill-qrib mal-iżvolġiment tal-Quddiesa fit-tliet partijiet tagħha:

1. il-Liturġija tal-Kelma;
2. il-Liturġija tal-Ewkaristija;
3. it-Tqarbin;

u fl-aħħar inżidu riflessjoni dwar *il-kult Ewkaristiku barra mill-Quddiesa*.

## Il-Liturġija tal-Kelma

Fl-ewwel jiem tal-Knisja, il-Liturġija tal-Kelma kienet separata mil-Liturġija Ewkaristika. Id-dixxipli, jgħidulna l-Atti tal-Appostli, "kuljum kienu jmorru t-tempju flimkien"; hemmhekk kienu jisimgħu l-qari tal-Bibbja, jitolbu s-salmi u t-talb flimkien mal-Lhud l-oħra; fi ftit kliem, kienu jagħmlu dak li jsir fil-Liturġija tal-Kelma skont id-drawwa tal-Lhud.

Imbagħad kienu jinġabru separatament, fi djarhom, biex *"jaqsmu l-ħobż"*, jiġifieri biex jiċċelebraw l-Ewkaristija (ara Atti 2:46). Iżda din il-prassi ma damitx ma saret impossibbli, kemm minħabba l-ostilità tal-awtoritajiet Lhud lejhom, kemm għaliex l-Iskrittura kienet issa kisbet għalihom tifsira ġdida, kollha orjentata lejn Kristu.

Għalhekk il-qari tal-Iskrittura mexa wkoll mit-Tempju u mis-sinagoga lejn il-postijiet ta' qima Kristjani, u ftit ftit ħa l-forma tal-Liturġija tal-Kelma li llum tiġi qabel it-Talba Ewkaristika. Fid-deskrizzjoni taċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika li ta San Ġustinu fit-tieni seklu, mhux biss il-Liturġija tal-Kelma hija parti integrali minnha, iżda mal-qari tat-Testment il-Qadim kienu diġà żdiedu dak li l-qaddis isejjaħ *"it-tifkiriet tal-Appostli"*, jiġifieri l-Evanġelji u l-Ittri, fil-prattika t-Testment il-Ġdid.

## Il-Kelma ta' Alla fil-Liturġija

Meta jixxandar fil-Liturġija, il-qari bibliku jikseb tifsira ġdida u aktar qawwija milli meta jinqara f'kuntesti oħra. L-għan tiegħu mhuwiex tant li nkunu nafu aħjar il-Bibbja, kif jiġri meta naqrawha waħidna, iżda li *nagħrfu lil dak li jagħmel lilu nnifsu preżenti fil-qsim tal-ħobż*, u li kull darba jdawwal aspett partikolari tal-misteru li nkunu qegħdin niċċelebraw.

Dan jidher b'mod kważi programmatiku fl-episodju taż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws. Kien waqt li semgħu l-ispjegazzjoni tal-Iskrittura li qalbhom bdiet tħeġġeġ, tant li mbagħad setgħu jagħrfuh "fil-qsim tal-ħobż" (Lq 24:1ss). Dik ta' Ġesù Rxoxt kienet l-ewwel "Liturġija tal-Kelma" fl-istorja tal-Knisja!

It-tieni karatteristika: fil-Quddiesa, il-kliem u l-ġrajjiet tal-Bibbja ma jiġux biss irrakkontati, iżda *nerġgħu ngħixuhom*; il-memorja ssir realtà u preżenza. Dak li seħħ "dak iż-żmien", iseħħ "f'dan iż-żmien", "illum", kif tħobb tesprimi ruħha l-liturġija. Aħna m'aħniex biss semmiegħa tal-Kelma, iżda *interlokuturi u protagonisti fiha*. Il-Kelma hija indirizzata lilna; aħna msejħin biex nieħdu aħna l-post tal-persuni li qed jiġu mfakkra. L-Iskrittura mxandra matul il-Liturġija tipproduċi effetti li huma 'l fuq minn kull spjegazzjoni umana, bl-istess mod bħas-sagramenti li jipproduċu dak li jfissru.

It-testi ispirati minn Alla għandhom ukoll *qawwa ta' fejqan*.

Wara l-qari tal-Evanġelju fil-Quddiesa, il-liturġija kienet tistieden lill-ministru jbus il-ktieb waqt li jgħid: "Bil-qari tal-Evanġelju, nitnaddfu minn dnubietna".

Il-Liturġija tal-Kelma hija l-aqwa riżorsa li għandna biex kull darba nagħmlu mill-Quddiesa *ċelebrazzjoni ġdida u attraenti*, u b'hekk nevitaw il-periklu kbir ta' ripetizzjoni monotona li, speċjalment għaż-żgħażagħ, tista' tidher tedjanti. Biex dan iseħħ, għandna ninvestu aktar ħin u aktar talb fit-tħejjija tal-omelija. Il-fidili għandhom ikunu jistgħu jifhmu li l-Kelma ta' Alla tmiss is-sitwazzjonijiet reali tal-ħajja u hija l-unika Kelma li għandha tweġibiet għall-aktar mistoqsijiet serji tal-eżistenza.

### Kif titħejja l-omelija?

Hemm żewġ modi kif wieħed jista' jħejji omelija. Wieħed jista' joqgħod fuq mejda u jagħżel is-suġġett skont l-esperjenzi u l-għarfien tiegħu;

imbagħad, wara li jkun ħejja t-test, jinżel għarkupptejh u jitlob lil Alla jnissel l-Ispirtu tiegħu fi kliemu. Dan huwa tajjeb, imma mhuwiex mod profetiku.

Biex ikun profetiku, wieħed għandu jsegwi t-triq bil-maqlub: *l-ewwel jinżel għarkupptejh u jitlob lil Alla x'inhi l-kelma li Alla jixtieq li tinstema' għall-poplu tiegħu*. Għax Alla għandu l-kelma tiegħu għal kull okkażjoni u ma jonqosx milli juriha lill-ministru tiegħu meta dan jitlobha b'umiltà u b'insistenza.

Fil-bidu ma tkun xejn ħlief ċaqliqa żgħira fil-qalb, dawl ċkejken li jinxtegħel fil-moħħ, kelma mill-Iskrittura li tiġbed l-attenzjoni u titfa' dawl fuq sitwazzjoni li tkun qed tgħix. Mal-ewwel daqqa t'għajn ma tkun xejn ħlief żerriegħa żgħira, iżda fiha dak li n-nies ikollhom bżonn jisimgħu f'dak il-mument.

Wara dan, wieħed jista' joqgħod fuq mejda, jiftaħ il-kotba tiegħu, jikkonsulta n-noti, jiġbor u jordna l-ħsibijiet tiegħu, u jikkonsulta l-Missirijiet tal-Knisja.

Imma issa m'għadhiex il-kelma ta' Alla li qed isservi lill-kultura tiegħek; hija l-kultura tiegħek li qed isservi lill-Kelma ta' Alla. Hekk biss il-Kelma turi l-qawwa intrinsika tagħha.

## Il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu

Iżda rridu nżidu ħaġa oħra: l-attenzjoni kollha li nagħtu lill-Kelma ta' Alla, waħedha, mhijiex biżżejjed. Fuqha għandha tinżel "il-qawwa mill-għoli". Fl-Ewkaristija, il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu mhijiex limitata biss għall-mument tal-Konsagrazzjoni, għall-epiklesi li tingħad qabilha. Il-preżenza tiegħu hija daqstant ieħor indispensabbli għal-Liturġija tal-Kelma u, kif se naraw fiż-żmien opportun, ukoll għat-Tqarbin. L-Ispirtu s-Santu jkompli fil-Knisja l-ħidma ta' Kristu Rxoxt li, wara l-Għid, "fetaħ moħħ id-dixxipli biex jifhmu l-Iskrittura" (ara Lq 24:45).

L-Iskrittura, tgħid id-*Dei Verbum* tal-Konċilju Vatikan II, "għandha tinqara u tiġi interpretata bl-għajnuna tal-istess Spirtu li bih inkitbet". Fil-Liturġija tal-Kelma, il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu titwettaq permezz tad-*dilka spiritwali* preżenti f'dak li jitkellem u f'dak li jisma'. Din id-dilka, iżda, hija bħal fwieħa mferrgħa f'reċipjent magħluq: tibqa' ma tiċċaqlaqx u ma xxerridx il-fwieħa tagħha jekk ir-reċipjent ma jinkisirx u ma jinfetaħx. Hekk ġara bil-vażett tal-alabastru li kissret il-mara tal-Evanġelju; il-fwieħa tiegħu xterdet mad-dar kollha (Mk 14:3).

Hawn jidħol is-sehem tagħna fir-rigward tad-dilka. Id-dilka ma tiddependix minna, iżda jiddependi minna li nneħħu l-ostakli li jżommuha milli tinfirex. Mhuwiex diffiċli nifhmu xi jfisser għalina li nkissru l-vażett tal-alabastru. Il-vażett huwa l-umanità tagħna, l-ego tagħna, u xi kultant l-intellettwaliżmu niexef tagħna. Li nkissruh ifisser li *npoġġu lilna nfusna fi stat ta' ċediment għal Alla* u ta' reżistenza għad-dinja.

Id-dilka mhijiex meħtieġa biss għall-predikaturi biex ixandru l-Kelma b'mod effettiv; hija meħtieġa wkoll għal dawk li jisimgħuha biex jilqgħuha. L-Evanġelista Ġwanni kiteb lill-komunità tiegħu: "Intom għandkom id-dilka li ġejja mill-Qaddis, u lkoll għandkom l-għarfien… Id-dilka li rċevejtu mingħandu tibqa' fikom u ma għandkomx bżonn li xi ħadd jgħallimkom" (1 Ġw 2:20,27).

Dan ma jfissirx li kull tagħlim estern huwa inutli, iżda waħdu jista' jkun ta' ftit ġid. "Huwa l-għalliem ta' ġewwa", jikkummenta Santu Wistin, "dak li tassew jgħallem; huwa Kristu, bl-ispirazzjoni tiegħu, li jgħallem. Meta tonqos id-dilka tiegħu, il-kliem estern jagħmel biss ħoss fieragħ u bla siwi".

## 2. Ħudu u kulu: dan hu Ġismi

Il-Missirijiet tal-Knisja aċċettaw l-Iskrittura tal-poplu Lhudi, iżda mhux il-liturġija tagħhom, li ma setgħux jibqgħu jieħdu sehem fiha wara s-separazzjoni tal-Knisja mis-Sinagoga. Għalhekk huma użaw il-figuri



li jinsabu fl-Iskrittura – il-ħaruf tal-Għid, is-sagrifiċċju ta' Iżakk, dak ta' Melkisedek, il-manna – iżda mhux il-kuntest liturġiku konkret li fih il-poplu Lhudi kien jiċċelebra dawn il-memorji kollha, jiġifieri l-ikla ritwali ċċelebrata darba fis-sena fl-ikla tal-Għid (is-Seder) u kull ġimgħa fil-kult tas-sinagoga.

L-ewwel isem li bih l-Ewkaristija hija msejħa fit-Testment il-Ġdid minn Pawlu huwa dak ta' "ikla tal-Mulej" (*kuriakon deipnon*) (1 Kor 11:20), b'riferiment ċar għall-ikla Lhudija li minnha issa tiddistingwi ruħha minħabba l-fidi f'Ġesù. L-Ewkaristija hija s-sagrament tal-kontinwità bejn it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid, bejn il-Ġudaiżmu u l-Kristjaneżmu.

## L-Ewkaristija u l-'Berakah' Lhudija

Hija din il-perspettiva li fiha Benedittu XVI jqiegħed il-kapitlu ddedikat lit-twaqqif tal-Ewkaristija fit-tieni volum tiegħu dwar Ġesù ta' Nazaret. Wara l-opinjoni li llum hija prevalenti fost l-istudjużi, huwa jaċċetta l-kronoloġija ta' Ġwanni li tgħid li l-Aħħar Ikla, li dwarha jitkellem ir-Raba' Vanġelu, ma kinitx ikla tal-Għid, iżda kienet ikla solenni ta' tislima (proprjament, l-"aħħar ikla"!), u jqis li wieħed jista' "jsegwi l-iżvilupp tal-Ewkaristija Nisranija, jiġifieri tal-kanoni mill-berakah Lhudija".

Għal diversi raġunijiet kulturali u storiċi, minn żmien l-Iskolastika 'l quddiem, wieħed ipprova jispjega l-Ewkaristija fid-dawl tal-filosofija, b'mod partikolari tal-kunċetti Aristoteljani ta' sustanza u aċċidenti. Dan kien ukoll mod kif l-għarfien ġdid ta' dak iż-żmien jitqiegħed għas-servizz tal-fidi u, għalhekk, f'imitazzjoni tal-metodu tal-Missirijiet tal-Knisja. Fi żmienna għandna nagħmlu l-istess bl-għarfien il-ġdid, din id-darba ta' natura storika u liturġika aktar milli filosofika. Dawn għandhom il-vantaġġ li huma l-kategoriji li bihom kien jaħseb u jitkellem Ġesù, li żgur ma kinux il-kunċetti Aristoteljani ta' materja u forma, sustanza u aċċidenti, iżda dawk ta' sinjal u realtà u ta' tifkira.

Fuq il-bażi ta' xi studji riċenti, nixtieq nuri d-dawl ħaj li jaqa' fuq l-Ewkaristija Nisranija meta nqiegħdu r-rakkonti Evanġeliċi tat-twaqqif tagħha fl-isfond ta' dak li nafu dwar l-ikla ritwali Lhudija. Il-ġdid tal-ġest ta' Ġesù mhux ser jidher imnaqqas, iżda għall-kuntrarju ser jidher eżaltat bl-ogħla mod. Ir-rabta bejn ir-rit antik u dak ġdid hija mogħtija mid-*Didachè*, kitba tal-era Appostolika li nistgħu nqisuha bħala l-ewwel abbozz ta' anafora Ewkaristika. Ir-rit tas-sinagoga kien magħmul minn sensiela ta' talb imsejħa "berakah", li bil-Grieg tiġi tradotta bħala "Ewkaristija".

Fil-bidu tal-ikla, kull wieħed min-naħa tiegħu kien jieħu f'idejh tazza nbid u, qabel ma jressaqha lejn xofftejh, kien jgħid barka li l-liturġija tal-lum titlobna ngħidu kważi kelma b'kelma fil-mument tal-Offertorju: "Imbierek int, Mulej, Alla tagħna, Sultan taż-żminijiet kollha, li tajtna dan il-frott tad-dielja".

Iżda l-ikla kienet tibda uffiċjalment biss meta l-missier tal-familja, jew il-kap tal-komunità, kien jaqsam il-ħobż li kellu jitqassam fost dawk li kienu fuq il-mejda. U, fil-fatt, Ġesù jieħu l-ħobż, jgħid il-barka, jaqsmu u jqassmu billi jgħid: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom". U hawn ir-rit – li kien biss tħejjija – isir realtà.

Wara l-barka tal-ħobż kienu jiġu servuti l-platti tas-soltu. Meta l-ikel ikun wasal kważi fi tmiemu, dawk li jkunu fuq il-mejda jkunu lesti għall-att ritwali kbir li jagħlaq iċ-ċelebrazzjoni u jagħtiha t-tifsira l-aktar profonda tagħha. Kollha kienu jaħslu jdejhom, bħal fil-bidu. Wara dan, quddiemhom ikun hemm tazza nbid imħallat mal-ilma, u dak li jippresiedi jistieden lil kulħadd jagħmel it-tliet talbiet ta' radd il-ħajr: l-ewwel wieħed għal Alla l-Ħallieq, it-tieni għall-ħelsien mill-Eġittu, u t-tielet għax Alla jkompli l-ħidma tiegħu fil-preżent.

Wara li tintemm it-talba, it-tazza kienet tgħaddi minn id għal id u kulħadd kien jixrob. Dan kien ir-rit antik li Ġesù kien wettaq ħafna drabi matul ħajtu.

Luqa jgħid li wara li kielu Ġesù ħa l-kalċi u qal: "Dan il-kalċi huwa l-Patt il-ġdid f'demmi li jixxerred għalikom". Xi ħaġa deċiżiva sseħħ fil-mument li Ġesù jżid dan il-kliem mal-formula tat-talb ta' radd il-ħajr, jiġifieri mal-*berakah* Lhudija.

Dak ir-rit kien ikla sagra li fiha wieħed jiċċelebra u jirringrazzja lil Alla s-Salvatur, li kien ħeles lill-poplu tiegħu sabiex jagħmel miegħu patt ta' mħabba, magħluq fid-demm ta' ħaruf. Issa, fil-mument li Ġesù jiddeċiedi li jagħti ħajtu għal dawk tiegħu bħala l-Ħaruf veru, huwa jiddikjara magħluq dak il-Patt il-qadim li lkoll flimkien kienu qed jiċċelebraw liturġikament. F'dak il-mument, bi ftit kliem sempliċi, huwa jagħmel magħhom il-Patt il-ġdid u etern f'demmu.

Meta jżid il-kliem "agħmlu dan b'tifkira tiegħi", Ġesù jagħti dimensjoni dejjiema lid-don tiegħu. Mill-imgħoddi, il-ħarsa titfa' 'l quddiem lejn il-futur. Dak kollu li kien għamel s'issa fl-ikla, huwa jqiegħdu f'idejna. Meta nirrepetu dak li għamel hu, jiġġedded dak l-att ċentrali tal-istorja tal-bniedem li huwa l-mewt tiegħu għad-dinja. Il-figura tal-Ħaruf tal-Għid li fuq is-salib issir ġrajja, fl-ikla tingħatalna bħala sagrament, jiġifieri bħala tifkira dejjiema tal-ġrajja.

## Saċerdot u vittma

Din hija n-natura personali u eżistenzjali tas-saċerdot u tal-miġemgħa tal-fidili fil-mument tal-Quddiesa. Biex nifhmu l-ħidma tas-saċerdot fil-Konsagrazzjoni, huwa ta' importanza kbira li nkunu nafu n-natura tas-sagrifiċċju u tas-saċerdozju ta' Kristu, għaliex minnhom joħroġ is-saċerdozju Nisrani, kemm dak batteżimali komuni għal kulħadd, kemm dak tal-ministri ordnati.

Fil-verità, aħna m'għadniex "saċerdoti skont l-ordni ta' Melkisedek"; aħna saċerdoti "skont l-ordni ta' Ġesù Kristu"; fuq l-altar naġixxu *in persona Christi*, jiġifieri nirrappreżentaw lill-Qassis il-Kbir li hu Kristu. L-Ittra lil-Lhud tispjega fiex tikkonsisti n-novità u l-uniċità tas-saċerdozju ta' Kristu: "Hu daħal darba għal dejjem fis-Santwarju, mhux bid-demm tal-mogħoż

u tal-għoġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess, u kiseb għalina fidwa għal dejjem" (Lhud 9:12). Kull saċerdot joffri xi ħaġa barra minnu nnifsu; Kristu offra lilu nnifsu. Kull saċerdot ieħor joffri vittmi; Kristu offra lilu nnifsu bħala vittma!

Santu Wistin ġabar fi ftit kliem in-natura ta' dan it-tip ġdid ta' saċerdozju li fih is-saċerdot u l-vittma huma l-istess persuna: *"Ideo sacerdos quia sacrificium"*, saċerdot għax vittma. L-istudjuż Franċiż René Girard iddefinixxa din in-novità tas-sagrifiċċju ta' Kristu bħala "l-fatt ċentrali fl-istorja reliġjuża tal-umanità", li temm għal dejjem il-patt intrinsiku bejn is-sagru u l-vjolenza.

Fi Kristu, huwa Alla li jsir vittma. M'għadhomx il-bnedmin li joffru sagrifiċċji lil Alla biex jikkalmawh u jagħmluh favorevoli lejhom; huwa Alla li jissagrifika lilu nnifsu għall-umanità, billi jagħti għall-mewt għalina lill-Iben Waħdieni tiegħu (ara Ġw 3:16). Ġesù ma ġiex bid-demm ta' ħaddieħor, iżda bid-demm tiegħu stess; ma qigħedx dnubietu fuq spallejn oħrajn – annimali jew ħlejjaq umani – iżda qiegħed id-dnubiet tal-oħrajn fuq spallejh: "Hu stess tgħabba bi dnubietna fuq is-salib f'ġismu" (1 Piet 2:24).

Dan kollu jfisser li fil-Quddiesa aħna rridu nkunu fl-istess ħin saċerdoti u vittmi. Il-mistika Messikana Concepción Cabrera de Armida, magħrufa familjarment bħala Conchita, li mietet fl-1937 u ġiet ibbeatifikata mill-Papa Franġisku fl-2019, kitbet lil binha Ġiżwita, li kien sejjer jiġi ordnat saċerdot, dan il-kliem: "Ftakar, ibni, meta żżomm f'idejk l-Ostja Mqaddsa, ma tgħidx: 'Hawn hu l-ġisem ta' Ġesù, hawn hu demmu', iżda tgħid: 'Dan hu ġismi, dan hu demmi': jiġifieri, fik trid isseħħ trasformazzjoni totali, trid tintilef fih, tkun Ġesù ieħor".

Dan kollu ma japplikax biss għas-saċerdoti ordnati, iżda għall-imgħammdin kollha. Test famuż tal-Konċilju jgħid hekk: "Il-fidili, bis-saħħa tas-saċerdozju rjali tagħhom, jieħdu sehem fl-offerta tal-Ewkaristija… Meta jieħdu sehem fis-sagrifiċċju Ewkaristiku, għajn u quċċata tal-ħajja

Nisranija kollha, joffru lil Alla l-Vittma divina u lilhom infushom magħha; hekk ilkoll, kemm bl-offerta u kemm bit-Tqarbin imqaddes, jagħmlu s-sehem tagħhom fl-azzjoni liturġika, mhux bl-istess mod, iżda kull wieħed bil-mod tiegħu".

Fuq l-altar hemm żewġ iġsma ta' Kristu: hemm il-ġisem reali tiegħu (il-ġisem "imwieled minn Marija Verġni", li miet, qam mill-imwiet u tela' s-sema), u hemm il-ġisem mistiku tiegħu li hu l-Knisja.

Issa, fuq l-altar hemm preżenti tassew il-ġisem reali tiegħu u hemm preżenti b'mod mistiku l-ġisem mistiku tiegħu, fejn "mistiku" tfisser: bis-saħħa tal-għaqda inseparabbli tiegħu mal-Kap. M'hemm l-ebda taħwid bejn dawn iż-żewġ preżenzi, li huma distinti iżda inseparabbli.

Peress li hemm żewġ "offerti" u żewġ "għotjiet" fuq l-altar – dik li għandha ssir il-ġisem u d-demm ta' Kristu (il-ħobż u l-inbid) u dik li għandha ssir il-ġisem mistiku ta' Kristu –, għalhekk hemm ukoll żewġ "epiklesijiet" fil-Quddiesa, jiġifieri żewġ invokazzjonijiet tal-Ispirtu s-Santu.

Fl-ewwel waħda ngħidu: "Qaddes, għalhekk, nitolbuk, dawn l-offerti bil-barka tal-Ispirtu tiegħek, biex isiru għalina l-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu".

Fit-tieni waħda, li tingħad wara l-Konsagrazzjoni, ngħidu: "Miċ-ċokon tagħna nitolbu li l-Ispirtu s-Santu jgħaqqadna f'ġisem wieħed, lilna li nieħdu sehem mill-ġisem u d-Demm ta' Kristu".

Hekk l-Ewkaristija tagħmel il-Knisja: l-Ewkaristija tagħmel il-Knisja billi tagħmel mill-Knisja Ewkaristija! L-Ewkaristija mhijiex biss, b'mod ġeneriku, is-sors jew il-kawża tal-qdusija tal-Knisja; hija wkoll il-"forma" tagħha, jiġifieri l-mudell tagħha. Il-qdusija tan-Nisrani għandha sseħħ skont il-"forma" tal-Ewkaristija; għandha tkun qdusija Ewkaristika. In-Nisrani ma jistax jillimita ruħu li jiċċelebra l-Ewkaristija; irid ikun Ewkaristija ma' Ġesù.

### Il-ġisem u d-demm

Issa nistgħu niġbdu l-konsegwenzi prattiċi ta' dan it-tagħlim għall-ħajja tagħna ta' kuljum. Jekk fil-Konsagrazzjoni aħna wkoll dawk li, indirizzati lejn ħutna, ngħidu: "Ħudu, kulu: dan hu ġismi. Ħudu, ixorbu: dan hu demmi", irridu nkunu nafu xi jfissru "ġisem" u "demm", biex inkunu nafu x'qed noffru.

Il-kelma "ġisem", fil-Bibbja, ma tindikax komponent jew parti mill-bniedem li, magħquda mal-komponenti l-oħra li huma r-ruħ u l-ispirtu, tifforma l-bniedem sħiħ. Fil-lingwaġġ bibliku, u għalhekk f'dak ta' Ġesù u ta' Pawlu, "ġisem" jindika l-bniedem kollu kemm hu, sa fejn jgħix ħajtu f'ġisem, f'kundizzjoni korporali u mortali. "Ġisem" għalhekk jindika l-ħajja kollha. Ġesù, meta waqqaf l-Ewkaristija, ħallielna bħala rigal ħajtu kollha, mill-ewwel mument tal-Inkarnazzjoni sal-aħħar mument, b'dak kollu li konkretement kien jimla din il-ħajja: is-skiet, l-għaraq, it-taħbit, it-talb, it-taqbid, l-umiljazzjonijiet. Mhux il-"ħajja" b'mod astratt, iżda l-"esperjenza konkreta tal-ħajja".

Imbagħad Ġesù jgħid: "Dan hu demmi". X'qed iżid bil-kelma "demm", jekk diġà tana ħajtu kollha f'ġismu? Iżid il-mewt! Wara li tana l-ħajja, jagħtina wkoll l-aktar parti prezzjuża tagħha, il-mewt tiegħu. Il-kelma "demm" fil-Bibbja ma tindikax parti mill-ġisem, jiġifieri parti minn parti tal-bniedem; tindika ġrajja: il-mewt. Jekk id-demm huwa s-sede tal-ħajja (hekk kienu jaħsbu dak iż-żmien), it-"tixrid" tiegħu huwa s-sinjal ċar tal-mewt. L-Ewkaristija hija l-misteru tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, jiġifieri tal-ħajja u l-mewt tal-Mulej!

Issa, fir-rigward tagħna, x'noffru aħna meta noffru ġisimna u demmna, flimkien ma' Ġesù, fil-Quddiesa? Noffru wkoll dak li offra Ġesù: il-ħajja u l-mewt. Bil-kelma "ġisem", nagħtu dak kollu li jikkostitwixxi konkretement il-ħajja li ngħixu f'din id-dinja, l-esperjenza tagħna tal-ħajja: iż-żmien, is-saħħa, l-enerġija, il-kapaċitajiet, l-affezzjoni, forsi sempliċement tbissima.

Bil-kelma "demm" nesprimu wkoll l-offerta tal-mewt tagħna. Mhux neċessarjament il-mewt definittiva, il-martirju għal Kristu jew għal ħutna. Mewt hija dak kollu li fina, sa minn issa, jipprepara u jantiċipa l-mewt: umiljazzjonijiet, fallimenti, mard li jżommna mwaħħlin, limitazzjonijiet minħabba l-età jew is-saħħa: dak kollu, f'kelma waħda, li "jimmortifika" lilna.

## 3. It-Tqarbin bil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu

Dan huwa l-mument tal-Quddiesa li jesprimi bl-aktar mod ċar l-għaqda u l-ugwaljanza fundamentali tal-membri kollha tal-poplu ta' Alla, 'il fuq minn kull distinzjoni ta' grad u ta' ministeru. Sa dak il-mument, tkun tidher id-distinzjoni bejn il-ministeri: fil-Liturġija tal-Kelma, id-distinzjoni bejn il-Knisja li tgħallem u l-Knisja li titgħallem; fil-Konsagrazzjoni, id-distinzjoni bejn is-saċerdozju ministerjali u s-saċerdozju universali. Fit-Tqarbin m'hemm l-ebda distinzjoni. It-Tqarbin li jirċievi l-imgħammed sempliċi huwa identiku għal dak li jirċievi s-saċerdot jew l-Isqof. It-Tqarbin Ewkaristiku huwa t-tħabbira sagramentali li, fil-Knisja, il-*koinonia* tiġi qabel il-ġerarkija u hija aktar importanti minnha.

Ejjew nirriflettu fuq it-Tqarbin Ewkaristiku billi nibdew minn silta ta' San Pawl: "Il-kalċi tal-barka li fuqu ngħidu l-barka, mhuwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu, mhuwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la hemm ħobż wieħed, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; għax ilkoll nieħdu sehem mill-ħobż wieħed" (1 Kor 10:16-17).

Il-kelma "ġisem" tidher darbtejn f'dawn iż-żewġ versi, iżda b'tifsira differenti. Fl-ewwel każ ("il-ħobż li naqsmu, mhuwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu?"), il-ġisem jindika l-ġisem reali ta' Kristu, imwieled minn Marija, li miet u qam mill-imwiet; fit-tieni każ ("aħna ġisem wieħed"), il-ġisem jindika l-ġisem mistiku, il-Knisja. Ma setax jingħad b'mod aktar ċar u aktar sintetiku li t-Tqarbin Ewkaristiku huwa dejjem għaqda ma' Alla u għaqda ma' ħutna; li fih hemm dimensjoni vertikali u dimensjoni orizzontali. Ejjew nibdew mill-ewwel waħda.



## L-Ewkaristija: għaqda ma' Kristu

Ejjew nifhmu aktar fil-fond x'tip ta' għaqda tinħoloq bejnietna u bejn Kristu fl-Ewkaristija.

Fi Ġwanni 6:57, Ġesù jgħid: "Bħalma bagħatni l-Missier, li hu ħaj, u jiena ngħix b'Missieri, hekk ukoll min jiekol lili, hu wkoll jgħix bija". Il-prepożizzjoni "bi" (bil-Grieg, *dià*) hawnhekk għandha valur kawżali u finali; tindika fl-istess ħin moviment ta' oriġni u moviment ta' destinazzjoni. Dan ifisser li min jiekol il-ġisem ta' Kristu jgħix "bih", jiġifieri minħabba fih, bis-saħħa tal-ħajja li ġejja minnu, u jgħix "għalih", jiġifieri għall-glorja tiegħu, għall-imħabba tiegħu, għas-Saltna tiegħu.

Kif Ġesù jgħix mill-Missier u għall-Missier, hekk ukoll, meta nieħdu sehem fil-Misteru qaddis tal-Ġisem u d-Demm tiegħu, aħna ngħixu minn Ġesù u għal Ġesù. Fil-fatt, huwa l-prinċipju vitali aktar qawwi li jassimila fih innifsu dak li hu inqas qawwi, u mhux bil-maqlub. Hija l-pjanta li tassimila fiha l-minerali, u mhux bil-maqlub; huwa l-annimal li jassimila kemm il-pjanta u kemm il-minerali, u mhux bil-maqlub.

Hekk ukoll issa, fuq il-livell spiritwali, huwa dak divin li jassimila fih innifsu dak li hu uman, u mhux bil-maqlub. Għalhekk, waqt li fil-każijiet l-oħra kollha huwa min jiekol li jassimila fih dak li jiekol, hawnhekk huwa dak li qed jittiekel li jassimila fih lil dak li jiekol minnu. Lil dak li jersaq biex jirċevih, Ġesù jirrepetilu dak li darba sema' jingħad lil Santu Wistin: "Mhux int se tassimila lili fik, imma jien se nassimila lilek fija".

Filosfu atew qal: "Il-bniedem hu dak li jiekol" (F. Feuerbach), billi ried jgħid li fil-bniedem ma teżistix differenza kwalitattiva bejn il-materja u l-ispirtu, iżda li kollox jispiċċa fil-komponent organiku u materjali. Dan l-atew, mingħajr ma kien jaf, ta l-aħjar formulazzjoni ta' misteru Nisrani. Bis-saħħa tal-Ewkaristija, il-Kristjan tassew isir dak li jiekol!

San Ljun il-Kbir kien kiteb ħafna qabel: "Is-sehem tagħna fil-Ġisem u fid-Demm ta' Kristu ma għandu l-ebda għan ieħor ħlief li jibdilna f'dak li nieklu".

Għalhekk fl-Ewkaristija m'hemmx biss għaqda bejn Kristu u bejnietna, iżda wkoll assimilazzjoni. L-għaqda mhijiex biss għaqda ta' żewġ iġsma, ta' żewġ imħuħ, ta' żewġ testmenti, iżda assimilazzjoni fl-uniku ġisem, fl-uniku moħħ u fir-rieda waħda ta' Kristu. "Min jingħaqad mal-Mulej hu ruħ waħda miegħu" (1 Kor 6:17).

L-Ittra lill-Efesin tgħid li ż-żwieġ uman huwa simbolu tal-għaqda bejn Kristu u l-Knisja: "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u jsiru t-tnejn ġisem wieħed. Dan il-misteru – qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja – huwa kbir!" (Efes 5:31-33). L-Ewkaristija – biex nużaw xbieha kuraġġuża iżda vera – hija l-konsumazzjoni taż-żwieġ bejn Kristu u l-Knisja, u ħajja Nisranija mingħajr l-Ewkaristija hija żwieġ validu, iżda mhux ikkunsmat.

Fil-mument tat-Tqarbin, dak li jkun qiegħed jiċċelebra, jgħid: "Henjin dawk li huma mistiedna għall-ikla tal-Ħaruf!" (*"Beati qui ad cœnam Agni vocati sunt"*).

U l-Apokalissi – minn fejn ittieħdet din il-frażi – jgħid b'mod aktar espliċitu: "Henjin dawk li huma mistiedna għall-ikla tat-tieġ tal-Ħaruf" (19:9). Issa – dejjem skont San Pawl – il-konsegwenza immedjata taż-żwieġ hija li l-ġisem (jiġifieri l-persuna kollha kemm hi) tar-raġel isir tal-mara u, bil-maqlub, il-ġisem tal-mara jsir tar-raġel (ara 1 Kor 7:4). Dan ifisser li l-laħam inkorruttibbli u li jagħti l-ħajja tal-Verb Inkarnat isir "tiegħi", iżda wkoll li l-laħam tiegħi, l-umanità tiegħi, issir ta' Kristu, u hu jagħmilha tiegħu.

Fl-Ewkaristija aħna nirċievu l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, iżda wkoll Kristu "jirċievi" ġisimna u demmna! Ġesù, jikteb Santu Ilarju ta' Poitiers, "jieħu l-laħam ta' dak li jieħu tiegħu".

Kristu jgħidilna: "Ħu, dan hu ġismi", iżda aħna wkoll nistgħu ngħidulu: "Ħu, dan hu ġismi".

Ejjew issa nippruvaw nifhmu l-konsegwenzi ta' dan kollu. Matul il-ħajja tiegħu fuq l-art, Ġesù ma għaddiex mill-esperjenzi umani kollha possibbli u immaġinabbli. Biex nibdew, kien raġel u mhux mara: ma għexx il-kundizzjoni ta' nofs l-umanità; ma kienx miżżewweġ, ma esperjenzax xi jfisser li tkun magħqud għal ħajtek kollha ma' ħlejqa oħra, li jkollok it-tfal, jew, agħar minn hekk, li titlef it-tfal; miet żgħir u ma għarafx ix-xjuħija.

Imma issa, bis-saħħa tal-Ewkaristija, hu jgħaddi minn dawn l-esperjenzi kollha. Jgħix fil-mara l-kundizzjoni femminili, fil-marid il-mard, fl-anzjan ix-xjuħija, fir-refuġjat il-prekarjetà tiegħu, f'dak li jinsab taħt il-bumbardamenti t-terrur tiegħu. M'hemm xejn mill-ħajja tiegħi li ma jappartjenix lil Kristu!

Ħadd m'għandu jgħid: "Ah, Ġesù ma jafx xi jfisser tkun miżżewweġ, tkun mara, tkun tlift iben, tkun marid, tkun anzjan, tkun persuna ta' kulur!". Dak li Kristu ma setax jgħix "skont il-ġisem", issa jgħixu u "jesperjenzah", wara l-qawmien tiegħu, "skont l-Ispirtu", bis-saħħa tal-għaqda sponsali tal-Quddiesa.

Kienet fehmet ir-raġuni profonda ta' dan Santa Eliżabetta tat-Trinità meta kitbet lil ommha: "L-għarusa tappartjeni lill-għarus. L-Għarus tiegħi ħa lili. Irid li nkun għalih umanità miżjuda". X'motiv bla tarf ta' stagħġib u ta' faraġ meta naħsbu li l-umanità tagħna ssir l-umanità ta' Kristu! Imma wkoll x'responsabbiltà toħroġ minn dan kollu! Jekk għajnejja saru għajnejn Kristu, jekk fommi sar fomm Kristu, x'raġuni għandi biex inħalli l-ħarsa tiegħi toqgħod fuq xbihat li jqanqlu l-passjonijiet, biex ilsieni jitkellem kontra ħija, jew biex ġismi jintuża bħala strument tad-dnub?

Fit-Tqarbin aħna nirċievu xejn inqas mill-qdusija ta' Kristu! Fejn qatt tista' sseħħ b'mod konkret, fil-ħajja tal-fidil, dik l-"għaqda tal-għaġeb" (*admirabile commercium*) li dwarha titkellem il-Liturġija, jekk mhux fil-mument tat-Tqarbin?

Hemmhekk għandna l-possibbiltà li nagħtu lil Ġesù l-ħwejjeġ maħmuġin tagħna u nirċievu mingħandu l-"mantar tal-ġustizzja" (Iż 61:10). Fil-fatt, huwa miktub li hu "minħabba f'Alla sar għalina għerf, ġustizzja, qdusija u fidwa" (ara 1 Kor 1:30). Dak li hu sar "għalina" huwa destinat lilna, jappartjeni lilna.

"Għax – jikteb [it-teologu Biżantin Nicholas] Cabasilas – aħna nappartjenu lil Kristu aktar milli lilna nfusna, ladarba hu xtrana bi prezz għoli (1 Kor 6:20), u għalhekk, bil-maqlub, dak li hu ta' Kristu jappartjeni lilna aktar milli kieku kien tagħna". Irridu niftakru biss ħaġa waħda: aħna nappartjenu lil Kristu bi dritt; hu jappartjeni lilna bil-grazzja!

### L-Ewkaristija: għaqda mat-Trinità

Li nirriflettu fuq l-Ewkaristija huwa bħal meta naraw jinfetħu quddiemna, hekk kif nimxu 'l quddiem, orizzonti dejjem aktar wesgħin li jinfetħu wieħed fuq l-ieħor, bla ma wieħed jasal biex jara fejn jispiċċaw.

Ix-xefaq Kristoloġiku tat-Tqarbin li kkontemplajna sa issa jinfetaħ fil-fatt fuq orizzont Trinitarju. Fi kliem ieħor, permezz tal-għaqda ma' Kristu nidħlu f'għaqda mat-Trinità kollha. Fit-"talba saċerdotali" tiegħu, Ġesù jgħid lill-Missier: "Jiena fihom u inti fija, biex isiru ħaġa waħda għalkollox, ħalli d-dinja tagħraf li inti bgħattni u li ħabbejt lilhom kif ħabbejt lili" (Ġw 17:23). Dak il-kliem: "Jiena fihom u inti fija", ifisser li Ġesù jinsab fina u li f'Ġesù hemm il-Missier. Għalhekk, wieħed ma jistax jirċievi lill-Iben mingħajr ma jirċievi, miegħu, ukoll lill-Missier.

Il-kliem ta' Kristu: "Min ra lili ra lill-Missier" (Ġw 14:9) ifisser ukoll: "Min jirċievi lili jirċievi lill-Missier". Ir-raġuni aħħarija għal dan hija li l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu huma natura divina waħda u inseparabbli; huma "ħaġa waħda". It-Trinità kollha tagħtina l-Ewkaristija u tagħti lilha nnifisha lilna fl-Ewkaristija. L-Ewkaristija mhijiex biss l-Għid tagħna ta' kuljum; hija wkoll il-Pentekoste tagħna ta' kuljum!

## L-għaqda ta' bejnietna

Ejjew issa nerġgħu lura lejn l-art u ngħaddu għat-tieni dimensjoni tat-Tqarbin Ewkaristiku: l-għaqda mal-ġisem ta' Kristu li hu l-Knisja.

Inġibu quddiem għajnejna l-kliem tal-Appostlu: "Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda" (1 Kor 10:17).

Waqt li jiżviluppa ħsieb li kien diġà abbozzat fid-*Didachè*, Santu Wistin jara analoġija fil-mod kif jiġu ffurmati ż-żewġ iġsma ta' Kristu: dak Ewkaristiku u dak ekkleżjali.

Fil-każ tal-Ewkaristija, għandna l-qamħ li għall-ewwel ikun imxerred fuq l-għoljiet, li, wara li jiġi maħsud, mitħun, magħġun fl-ilma u msajjar fin-nar, isir il-ħobż li jasal fuq l-altar.

Fil-każ tal-Knisja, għandna l-kotra ta' persuni li, miġbura flimkien mill-predikazzjoni tal-Evanġelju, mitħuna bis-sawm u l-penitenza, magħġuna fl-ilma fil-Magħmudija u msajra fin-nar tal-Ispirtu, jiffurmaw il-ġisem li hu l-Knisja.

## L-għaqda mal-foqra

Dan jgħodd b'mod speċjali fir-rigward tal-foqra, tal-imnikktin u ta' dawk emarġinati. Dak li qal dwar il-ħobż: "Dan hu Ġismi", qal ukoll dwar il-fqir, meta ddikjara b'mod solenni: "Kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt 25:40)

Dan huwa bħallikieku qal: "Jien kont dak li kien bil-ġuħ, jien kont dak li kellu l-għatx, jien kont il-barrani, il-marid, il-ħabsi" (ara Mt 25:35ss).

Oħt il-filosfu kbir Blaise Pascal tirrakkonta dan il-fatt dwar ħuha. Matul l-aħħar marda tiegħu, ma kien kapaċi jżomm xejn minn dak li kien jiekol u, għalhekk, ma kinux iħalluh jirċievi l-vjatku li kien qed jitlob b'insistenza.



Imbagħad qal: "Jekk ma tistgħux tagħtuni l-Ewkaristija, għall-inqas daħħlu fqir fil-kamra tiegħi. Jekk ma nistax nitqarben mar-Ras, irrid għall-inqas nitqarben mal-ġisem tiegħu".

L-uniku impediment għat-Tqarbin li San Pawl isemmi b'mod espliċitu huwa l-fatt li, fl-assemblea, "wieħed bil-ġuħ u l-ieħor fis-sakra": Meta tiltaqgħu f'post wieħed mhux l-ikla tal-Mulej li intom tieklu. Għax kull wieħed minnkom iġib, jaqbad u jiekol l-ikel tiegħu; wieħed bil-ġuħ u l-ieħor fis-sakra" (1 Kor 11:20-21).

Li tgħid "dan mhux ikel tal-ikla tal-Mulej" huwa bħallikieku tgħid: l-Ewkaristija tagħkom m'għadhiex Ewkaristija vera! Din hija affermazzjoni qawwija, anki mil-lat teoloġiku, li forsi ma nagħtux biżżejjed attenzjoni għaliha.

Illum il-ġurnata, is-sitwazzjoni fejn wieħed għandu l-ġuħ u ieħor qed jinfexx fl-ikel m'għadhiex problema lokali, iżda dinjija. Ma jista' jkun hemm xejn komuni bejn l-ikla tal-Mulej u l-ikla tar-raġel għani, fejn sid il-mejda jagħmel festa kbira u jiekol b'lussu, filwaqt li jinjora lill-fqir li jinsab barra l-bieb (ara Lq 16:19ss). It-tħassib li naqsmu dak li għandna ma' min jinsab fil-bżonn, kemm dawk qrib tagħna u kemm dawk 'il bogħod, għandu jkun parti integrali mill-ħajja Ewkaristika tagħna. Ġesù qal: "Il-foqra ssibuhom dejjem magħkom, imma lili mhux se ssibuni dejjem magħkom" (Mt 26:11).

Dan huwa minnu wkoll fis-sens li mhux dejjem nistgħu nirċievu l-Ġisem ta' Kristu fl-Ewkaristija u, anki meta nirċevuh, dan idum magħna biss ftit minuti; filwaqt li dejjem nistgħu nirċevuh fil-foqra.

## 4. Il-Preżenza reali ta' Ġesù fl-Ewkaristija

Wara l-katekeżijiet mistagoġiċi tagħna dwar it-tliet partijiet tal-Quddiesa – il-Liturġija tal-Kelma, il-Konsagrazzjoni u t-Tqarbin – issa xieraq li nimmeditaw fuq l-Ewkaristija bħala l-Preżenza Reali ta' Kristu fil-Knisja.

Kif nistgħu nersqu lejn misteru hekk għoli u tant inaċċessibbli? Mill-ewwel jiġu f'moħħna t-teoriji u d-diskussjonijiet infiniti li jeżistu dwaru, id-differenzi bejn il-Kattoliċi u l-Protestanti, bejn il-Latini u l-Ortodossi, u nitħajru naħsbu li huwa impossibbli ngħidu xi ħaġa oħra dwar dan il-misteru li jista' jibni l-fidi tagħna u jsaħħan lil qalbna, mingħajr ma inevitabbilment nidħlu f'polemika bejn dawn il-Knejjes.

Id-direzzjoni biex nibdew nimxu f'din it-triq tal-ekumeniżmu Ewkaristiku hija t-triq tar-rikonoxximent reċiproku, it-triq Nisranija tal-*agápe*, jiġifieri tal-qsim. Mhuwiex il-każ li ninjoraw id-differenzi reali, jew li nonqsu f'xi ħaġa mid-duttrina Kattolika awtentika. Pjuttost, hija kwistjoni li nġibu flimkien l-aspetti pożittivi u l-valuri awtentiċi li jinsabu f'kull waħda mit-tliet tradizzjonijiet Kristjani ewlenin, sabiex nibnu "massa" ta' verità komuni li tibda tiġbidna lejn l-għaqda.

### It-tradizzjoni Latina: Preżenza reali, iżda moħbija

Mela, b'dan l-ispirtu, ejjew immorru nżuru t-tliet tradizzjonijiet Ewkaristiċi ewlenin – dik Latina, dik Ortodossa u dik Protestanta – sabiex nitgħallmu mir-rikkezza ta' kull waħda minnhom u niġbruhom kollha fit-teżor komuni tal-Knisja. L-idea li jkollna fl-aħħar dwar il-misteru tal-Preżenza Reali tkun aktar rikka u aktar ħajja.

Fil-viżjoni tat-teoloġija u tal-liturġija Latina, bla dubju ċ-ċentru tal-azzjoni Ewkaristika, li minnu tixtered il-preżenza reali ta' Kristu, huwa l-mument tal-Konsagrazzjoni. Fiha, Ġesù jaġixxi u jitkellem fl-ewwel persuna.

San Ambroġ jikteb: "Dan il-ħobż huwa ħobż qabel il-kliem sagramentali; iżda, meta ssir il-Konsagrazzjoni, il-ħobż isir il-Ġisem ta' Kristu… B'liema kliem titwettaq il-Konsagrazzjoni u ta' min huwa dan il-kliem? Tal-Mulej Ġesù! Dak kollu li jingħad qabel dak il-mument jingħad mill-qassis li jfaħħar lil Alla, jitlob għall-poplu, għas-slaten u għall-oħrajn; iżda meta jasal il-mument li jitwettaq is-sagrament venerabbli, il-qassis ma jużax aktar kliemu stess, iżda kliem Kristu. Għalhekk hija l-kelma li twettaq is-sagrament… Ara kemm hi effettiva l-kelma ta' Kristu!

Qabel il-Konsagrazzjoni ma kienx hemm il-Ġisem ta' Kristu, iżda wara l-Konsagrazzjoni ngħidlek li issa hemm il-Ġisem ta' Kristu. Huwa qal u sar, ordna u ġie maħluq (ara Salm 33:9)".

Nistgħu nitkellmu, fil-viżjoni Latina, dwar *realiżmu Kristoloġiku*. "Kristoloġiku", għaliex l-attenzjoni kollha hawn hija ffukata fuq Kristu, meqjus kemm fl-eżistenza storika u inkarnata tiegħu u kemm bħala Rxoxt; Kristu huwa kemm l-oġġett u kemm is-suġġett tal-Ewkaristija, jiġifieri dak li jitwettaq fl-Ewkaristija u dak li jwettaq l-Ewkaristija. "Realiżmu", għaliex dan Ġesù ma jitqiesx preżenti fuq l-altar sempliċement f'sinjal jew f'simbolu, iżda tassew u fir-realtà tiegħu.

Il-Konċilju ta' Trento, aktar tard, ippreċiża aħjar dan il-mod ta' kif wieħed jifhem il-Preżenza Reali, billi uża tliet avverbji: *vere*, *realiter*, *substantialiter*. Ġesù huwa preżenti tassew, mhux biss f'immaġni jew f'figura; huwa preżenti realment, mhux biss b'mod suġġettiv, skont il-fidi ta' dawk li jemmnu; huwa preżenti sostanzjalment, jiġifieri skont ir-realtà profonda tiegħu li hija inviżibbli għas-sensi, u mhux skont l-apparenzi li jibqgħu dawk tal-ħobż u tal-inbid.

Huwa minnu li jista' jkun hemm il-periklu li wieħed jaqa' f'"realiżmu" mhux raffinat, jew f'realiżmu esaġerat. Iżda r-rimedju għal dan il-periklu jinsab fit-tradizzjoni nnifisha. Santu Wistin iċċara darba għal dejjem li l-preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija sseħħ *"fis-sagrament"*. Fi kliem ieħor, mhijiex preżenza fiżika, iżda sagramentali, medjata mis-sinjali li huma, proprju, il-ħobż u l-inbid. F'dan il-każ, iżda, is-sinjal ma jeskludix ir-realtà, iżda jagħmilha preżenti, bl-uniku mod li bih Kristu Rxoxt li "jgħix fl-Ispirtu" (1 Piet 3:18) jista' jagħmel lilu nnifsu preżenti għalina, sakemm għadna ngħixu fil-ġisem.

Ġesù huwa għalhekk preżenti fl-Ewkaristija b'mod uniku li m'għand xebh miegħu mkien ieħor. L-ebda aġġettiv, waħdu, ma huwa biżżejjed biex jiddeskrivi din il-preżenza; lanqas l-aġġettiv "reali". Reali ġejja minn *res* (ħaġa) u tfisser: b'mod ta' ħaġa jew oġġett; iżda Ġesù mhuwiex preżenti

fl-Ewkaristija bħala "ħaġa" jew oġġett, iżda bħala persuna. Jekk irridu nagħtu isem lil din il-preżenza, ikun aħjar insejħulha sempliċement *preżenza "Ewkaristika"*, għaliex isseħħ biss fl-Ewkaristija.

### L-azzjoni tal-Ispirtu s-Santu: it-tradizzjoni Ortodossa

It-teoloġija Latina għandha ħafna għana, iżda ma teżawrixxix – u lanqas ma tista' teżawrixxi – il-misteru. Fil-passat, għall-inqas, kien jonqosha l-importanza dovuta lill-Ispirtu s-Santu, li madankollu huwa essenzjali biex nifhmu l-Ewkaristija. Għalhekk, issa nduru lejn il-Lvant, sabiex nistaqsu lit-tradizzjoni Ortodossa, iżda bi spirtu kompletament differenti minn dak tal-imgħoddi: mhux aktar imħassbin minħabba d-differenza, iżda ferħanin għall-kumplimentarjetà li hija ġġib lill-viżjoni Latina tagħna.

Fit-tradizzjoni Ortodossa, fil-fatt, titqiegħed f'dawl sħiħ l-azzjoni tal-Ispirtu s-Santu fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika. Dan il-konfront diġà ġab il-frott tiegħu, wara l-Konċilju Vatikan II. Sa dak iż-żmien, fil-Kanoni Ruman tal-Quddiesa, l-uniku riferiment għall-Ispirtu s-Santu kien dak fid-Dossoloġija finali: "Bi Kristu, ma' Kristu, fi Kristu… flimkien mal-Ispirtu s-Santu…". Issa, min-naħa l-oħra, il-Kanoni l-ġodda kollha għandhom invokazzjoni doppja tal-Ispirtu s-Santu: waħda fuq id-doni, qabel il-Konsagrazzjoni, u oħra fuq il-Knisja, wara l-Konsagrazzjoni.

Il-liturġiji tal-Lvant dejjem attribwew it-twettiq tal-Preżenza reali ta' Kristu fuq l-altar lill-ħidma speċjali tal-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu li fl-Għid daħal fil-qabar u, billi "mess" il-ġisem bla ħajja ta' Ġesù, tah il-ħajja mill-ġdid, fl-Ewkaristija jirrepeti dan il-miraklu. Huwa jiġi fuq il-ħobż u l-inbid, li huma elementi bla ħajja, u jagħtihom il-ħajja, jagħmilhom il-ġisem u d-demm ħajjin tal-Feddej. Tassew – kif qal Ġesù nnifsu meta tkellem dwar l-Ewkaristija - "hu l-Ispirtu li jagħti l-ħajja" (Ġw 6:63).

Huwa importanti, madankollu, li nqisu ħaġa waħda – u hawn naraw kif anki t-tradizzjoni Latina għandha xi ħaġa x'toffri lill-aħwa Ortodossi. L-Ispirtu s-Santu ma jaġixxix separatament minn Ġesù, iżda fi ħdan il-kelma ta' Ġesù. Dwaru Ġesù qal: "Ma jitkellimx minn rajh, imma jgħid dak

kollu li jkun sema'... Huwa jagħtini glorja għax jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom" (Ġw 16:13-14). Għalhekk m'għandniex nisseparaw il-kliem ta' Ġesù ("Dan huwa Ġismi") mill-kliem tal-epiklesi ("Bil-barka tal-Ispirtu tiegħek, biex isiru għalina l-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu").

L-appell għall-għaqda, għall-Kattoliċi u għall-aħwa Ortodossi, jitla' mill-fond nett tal-misteru Ewkaristiku. Anki jekk, minħabba l-ħtieġa tal-affarijiet, it-tifkira tat-twaqqif u l-invokazzjoni tal-Ispirtu jseħħu f'mumenti distinti (il-bniedem ma jistax jesprimi l-misteru f'mument wieħed), l-azzjoni tagħhom, madankollu, hija magħquda. L-effikaċja żgur tiġi mill-Ispirtu (mhux mill-qassis u lanqas mill-Knisja), iżda din l-effikaċja titħaddem fi ħdan il-kelma ta' Kristu u permezz tagħha.

L-effikaċja li tagħmel lil Ġesù preżenti fuq l-altar ma tiġix – għidt – mill-Knisja, iżda – inżid – ma sseħħx mingħajr il-Knisja. Il-Knisja hija l-istrument ħaj li permezz tiegħu u flimkien miegħu jaħdem l-Ispirtu s-Santu. Dan jiġri, għall-miġja ta' Ġesù fuq l-altar, bħalma jiġri għall-miġja tiegħu fl-aħħar taż-żmien fil-glorja: "L-Ispirtu u l-Għarusa" [il-Knisja!] "jgħidu" lil Ġesù: "Ejja!" (ara Apok 22:17). U hu jiġi.

### L-importanza tal-fidi: l-ispiritwalità Protestanta

It-tradizzjoni Latina qiegħdet fid-dawl *"min"* huwa preżenti fl-Ewkaristija, Kristu; it-tradizzjoni Ortodossa qiegħdet fid-dawl *"minn min"* titwettaq il-preżenza tiegħu, mill-Ispirtu s-Santu; it-teoloġija Protestanta tqiegħed fid-dawl *"fuq min"* taħdem din il-preżenza. Fi kliem ieħor, f'liema kundizzjonijiet is-sagrament iwettaq, fil-fatt, f'dak li jirċevih, dak li jfisser. Dawn il-kundizzjonijiet huma differenti, iżda jinġabru f'kelma waħda: *il-fidi.*

Il-fidi ma "tagħmilx" is-sagrament, iżda sempliċement *tirċevih*. Hija biss il-kelma ta' Kristu, ripetuta mill-Knisja u magħmula effettiva mill-Ispirtu s-Santu, li "tagħmel" is-sagrament. Imma x'jiswa sagrament "magħmul", jekk ma jkunx "riċevut"? Dwar l-Inkarnazzjoni, nies bħal Oriġene, Santu



Wistin u San Bernard esprimew dan il-ħsieb: "X'jiswa għalija li Kristu twieled darba minn Marija f'Betlehem, jekk ma jitwelidx ukoll, permezz tal-fidi, f'qalbi?".

L-istess ħaġa għandha tingħad ukoll dwar l-Ewkaristija: x'jiswa għalija li Kristu huwa tassew preżenti fuq l-altar, jekk ma jkunx preżenti *għalija*? Diġà fiż-żmien meta Ġesù kien preżenti fiżikament fuq l-art, kienet meħtieġa l-fidi; inkella – kif jirrepeti ħafna drabi hu stess fil-Vanġelu – il-preżenza tiegħu ma kienet isservi għal xejn, ħlief għall-kundanna: "Ħażin għalik, Korażajn! Ħażin għalik, Kafarnahum!".

Il-fidi hija meħtieġa sabiex il-preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija tkun mhux biss "reali", iżda wkoll "personali", jiġifieri minn persuna għal persuna. Ħaġa oħra hija "li tkun hemm" u ħaġa oħra hija "li tkun preżenti". Il-preżenza tassumi wieħed li huwa preżenti u wieħed li għalih huwa preżenti; tassumi komunikazzjoni reċiproka, skambju bejn żewġ suġġetti ħielsa, li jagħrfu lil xulxin. Għalhekk hija ħafna aktar mis-sempliċi fatt li wieħed ikun f'ċertu post.

Dimensjoni suġġettiva u eżistenzjali bħal din tal-preżenza Ewkaristika ma tħassarx il-preżenza oġġettiva li tiġi qabel il-fidi tal-bniedem, iżda pjuttost tassumiha u tagħtiha l-valur tagħha. Luteru, li tant saħaq fuq ir-rwol tal-fidi, huwa wkoll wieħed minn dawk li sostnew bl-akbar qawwa d-duttrina tal-Preżenza Reali ta' Kristu fis-Sagrament tal-Altar. Waqt dibattitu ma' riformaturi oħra dwar dan is-suġġett, huwa ddikjara b'qawwa kbira: "Ma nistax nifhem il-kliem 'Dan huwa Ġismi' b'mod differenti minn kif jinstema'. Għalhekk l-oħrajn għandhom juru kif fejn il-kelma tgħid: 'Dan huwa Ġismi', il-Ġisem ta' Kristu mhuwiex hemm. Ma rridx nisma' spjegazzjonijiet ibbażati fuq ir-raġuni. Quddiem kliem tant ċar, ma naċċettax mistoqsijiet; niċħad ir-raġunament u r-raġuni sana tal-bniedem. Provi materjali, argumenti ġeometriċi: dawn kollha niċħadhom kompletament. Alla jinsab 'il fuq minn kull matematika u l-Kelma ta' Alla għandha tiġi adorata bi stagħġib".

## Sens tal-preżenza

Wasalna fl-aħħar tal-pellegrinaġġ qasir tagħna Ewkaristiku permezz tad-diversi konfessjonijiet Kristjani. Għbarna aħna wkoll xi qfief bil-frak li baqa' mill-qoffa kbira tal-multiplikazzjoni tal-ħobż li seħħet fil-Knisja. Iżda ma nistgħux nispiċċaw hawn il-meditazzjoni tagħna fuq il-Misteru tal-Preżenza Reali. Ikun bħallikieku ġbarna l-frak u ma kilniehx. Il-fidi fil-Preżenza Reali hija ħaġa kbira, iżda mhijiex biżżejjed għalina; għall-inqas il-fidi mifhuma b'ċertu mod.

Mhuwiex biżżejjed li jkollna idea teoloġikament perfetta u ekumenikament miftuħa dwar il-Preżenza Reali ta' Ġesù fl-Ewkaristija. Kemm hemm fost it-teologi li jafu kollox dwar dan il-misteru, iżda ma jafux il-Preżenza Reali! Għaliex, f'sens bibliku, "jaf" ħaġa biss dak li jagħmel esperjenza tagħha. Wieħed jaf tassew x'inhu n-nar biss meta, għall-inqas darba, ikun intlaqat minn fjamma u kellu jiġbed idu malajr lura biex ma jinħaraqx.

San Girgor ta' Nissa ħallielna espressjoni sabiħa ħafna biex jindika dan il-livell ogħla tal-fidi meta jitkellem dwar *"ċertu sentiment tal-preżenza"* (*"aisthesis tes parusias"*). Dan iseħħ meta wieħed jinħakem mill-preżenza ta' Alla, ikollu ċerta perċezzjoni – mhux biss idea – li Hu preżenti. Mhijiex perċezzjoni naturali; hija frott ta' grazzja li taħdem bħal qasma f'livell ieħor, qabża fil-kwalità.

Hemm analoġija qawwija ħafna ma' dak li kien jiġri wara l-qawmien mill-imwiet, meta Ġesù kien jgħarraf lilu nnifsu lil xi ħadd. Kienet ħaġa f'daqqa li, f'waqt wieħed, kienet tbiddel kompletament l-istat tal-moħħ u tal-qalb ta' persuna.

Mill-fidi u mis-"sentiment" tal-Preżenza Reali għandha twarrad b'mod spontanju r-*riverenza*, anzi, it-*tenerezza lejn Ġesù Sagramentat*. Dan huwa sentiment tant delikat u personali li sempliċement billi nitkellmu dwaru nirriskjaw li nħassruh.

San Franġisk ta' Assisi kellu qalbu mimlija b'sentimenti bħal dawn lejn Ġesù fl-Ewkaristija. Huwa kien jitqanqal quddiem Ġesù Sagramentat, bħalma f'Greccio tqanqal quddiem il-Bambin ta' Betlehem; kien jarah hekk abbandunat f'idejna, hekk bla difiża, hekk umli. Fl-*Ittra* tiegħu *lill-Ordni kollu*, huwa jikteb kliem imħeġġeġ li jservi bħala konklużjoni għall-meditazzjoni tagħna dwar il-Preżenza Reali ta' Ġesù fl-Ewkaristija: "Ħarsu lejn id-dinjità tagħkom, ħuti saċerdoti, u kunu qaddisin għaliex Hu qaddis… Kemm tkun miżerja kbira, u kemm tkun miżerja ta' ċokon, kieku, waqt li jkollkom lil Ġesù hekk preżenti, kontu tħabblu raskom b'xi ħaġa oħra minn dawk kollha li jeżistu fid-dinja kollha.

Ħa titriegħed l-umanità kollha, ħa jitheżżeż l-univers kollu u ħa jifraħ is-sema, meta fuq l-altar, f'idejn is-saċerdot, isir preżenti Kristu, l-Iben ta' Alla l-ħaj. O għoli tal-għaġeb u umiltà tal-għaġeb!".



## II

# IL-JUM TAL-MULEJ

## *Ix-xhieda biblika u Patristika dwar il-Ħadd*

L-ewwel kapitlu tal-ktieb tal-Apokalissi jippreżenta l-viżjoni grandjuża ta' Kristu rxuxtat u glorjuż, viżjoni li Ġwanni kellu fil-gżira ta' Patmos, fejn kien jgħix bħala priġunier ippersegwitat minħabba l-Kelma ta' Alla u x-xhieda li kien ta lil Ġesù (Apok 1:9-20). U din il-viżjoni ta' Kristu, rebbieħ fuq il-mewt, Ġwanni jgħid li seħħet "fil-jum tal-Mulej" (*"en tê kyriakê heméra"*, Apok 1:10).

Ninsabu fl-aħħar tal-ewwel seklu. Il-Knisja, imwielda mill-mewt u l-qawmien ta' Ġesù, kienet diġà preżenti fil-forma ta' komunitajiet żgħar iżda ħajjin mifruxa madwar il-Mediterran kollu, u l-Insara kienu diġà jiddistingwu jum wieħed mis-sebat ijiem tal-ġimgħa u jsejħulu "Jum il-Mulej".

Fost il-ħafna realtajiet tal-ħajja, l-Insara tal-bidu kienu jiddistingwu xi wħud waqt li jsejħulhom li huma tal-Mulej, jiġifieri li jappartjenu lill-Mulej: l-ewwel nett kien hemm l-ikla, li Pawlu jsejħilha "ċena tal-Mulej" (*"kyriakòn deîpnon"*, 1 Kor 11:20); il-jum tal-ġimgħa msejjaħ il-"Jum tal-Mulej", bħas-silta tal-Apokalissi; u aktar tard huma kienu jsejħu wkoll il-post fejn kienet tiġi ċċelebrata l-Ewkaristija bħala "post tal-Mulej" (*"tò kyriakòn"*).

B'mod konkret, il-jum tal-Mulej huwa l-jum tal-*Kýrios* (bil-Grieg), il-jum tad-*Dominus* (bil-Latin), jiġifieri l-jum tal-Ħadd: minn hawn ġej l-isem

"Ħadd". Dan huwa l-jum li fih jiġi ċċelebrat Kristu rxoxtat u ħaj, Kristu l-Mulej preżenti fil-miġemgħa liturġika biex tisma' l-Kelma u tieħu sehem fl-ikla Ewkaristika. Għalhekk, fiċ-ċentru tal-viżjoni u smigħ ta' Ġwanni hemm Kristu rxoxtat, dak li jgħid: "Jiena l-Ewwel u l-Aħħar u l-Ħaj. Jiena kont mejjet, imma issa jien ħaj għal dejjem ta' dejjem u għandi l-imfietaħ tal-mewt u ta' post il-mejtin" (Apok 1:17-18).

Huwa dak li hu preżenti f'nofs il-miġemgħa, bħalma hu preżenti f'nofsna, fl-assemblej Ewkaristiċi tagħna. Din l-osservazzjoni ta' Ġwanni dwar il-Jum tal-Mulej hija importanti għaliex tagħtina xhieda ta' prattika li kienet diġà stabbilita sa mill-bidu nett tal-Knisja: hemm jum li l-Knisja ssejjaħlu "Jum il-Mulej", u li tiddistingwih mill-jiem l-oħra, u li fih tagħmel memorja b'mod speċjali tal-Qawmien ta' Kristu.

## Minn fejn ġejja din id-drawwa? Għaliex il-Ħadd?

L-ewwel nett irridu niftakru li fit-Testment il-Qadim jissemma' t-"tielet jum" bħala l-jum li fih Alla juri ruħu u jimmanifesta ruħu. Meta Alla ried jagħmel il-patt mal-poplu tiegħu u juri ruħu, dan għamlu "fit-tielet jum" wara l-wasla tagħhom fis-Sinaj: f'dak it-tielet jum seħħet il-manifestazzjoni ta' Alla l-ħaj, l-għoti tal-Kelma tiegħu permezz tal-Liġi, u t-twettiq tal-Patt (Eż 19:16).

Imma jissemma wkoll il-"jum tal-Mulej" bħala jum mistenni u mitlub, bħala l-jum li fih Alla kellu juri lilu nnifsu fil-glorja tiegħu, u jimponi ruħu bħala l-uniku Alla ħaj fl-istorja tal-bnedmin.

Issa, dawn il-kliem, "tielet jum" u "jum tal-Mulej", ġew imfakkra mill-Appostli u mill-Knisja li kienet għadha kif twieldet biex jerġgħu jaqraw l-avveniment li minnu ħarġet il-fidi tagħhom.

Fil-fatt, mas-sebħ tat-tielet jum wara l-mewt ta' Ġesù, id-dixxipli nisa skoprew il-qabar vojt. L-Evanġelji jgħidu bi qbil bejniethom li dan kien il-jum wara s-Sibt, jiġifieri s-sebħ tal-ewwel jum tal-ġimgħa tal-Lhud. U f'dak il-jum Alla wera ruħu bil-qawwa billi qajjem mill-mewt lil Ġesù!

Dakinhar twieldet il-fidi tal-Għid f'Ġesù, il-Mulej ħaj. Skont ir-raba' Evanġelju, kien fl-ewwel jum tal-ġimgħa li Ġesù ġie u qagħad f'nofs id-dixxipli tiegħu (Ġw 20:19), u għamel l-istess tmint ijiem wara (Ġw 20:26), dejjem fl-ewwel jum wara s-Sibt. Hekk beda jidher ukoll il-Jum tal-Mulej bħala l-jum tal-Parusija, jiġifieri tal-miġja u l-preżenza ta' Kristu Ħaj u Rxoxtat.

Fil-bidu tas-snin 50, Pawlu fakkar lill-Insara ta' Korintu fil-fidi tal-Knisja: "Ġesù Kristu qam mill-imwiet fit-tielet jum skont l-Iskrittura" (1 Kor 15:3-4), kif għadna nistqarru llum fil-Kredu.

Hawn għalhekk jinsab ix-xefaq tal-Ħadd: biex jagħmlu memorjal tal-qawmien ta' Ġesù; biex jistqarruh bħala preżenza ħajja f'nofs il-Knisja tiegħu; u biex isaħħu l-istennija tal-miġja fil-glorja ta' Ġesù, Bin il-Bniedem. Għalhekk l-Insara kienu jinġabru f'dak il-jum, l-ewwel jum wara s-Sibt, u jsejħulu "Jum il-Mulej".

Din il-bidla kellha tikkawża tbatija u ma kienx faċli għall-Insara tal-bidu, dixxipli tal-Mulej, li kienu Lhud u għalhekk kienu fidili għall-ħarsien tas-Sibt b'ubbidjenza għal-Liġi.

Żgur li l-Appostli komplew iqaddsu s-Sibt billi jmorru fit-Tempju jew fis-Sinagoga biex jisimgħu l-Kelma ta' Alla. Komplew ukoll jgħixu l-mistrieħ u l-ferħ li jkunu flimkien bħal aħwa. Imma bdew iħossu wkoll il-ħtieġa li jkollhom spazji u żminijiet differenti biex jesprimu l-fidi tagħhom u jiltaqgħu flimkien madwar Kristu rxoxtat.

Forsi għalina llum mhuwiex possibbli li nifhmu l-istorja tal-Ħadd u l-bidu tiegħu b'mod sħiħ u b'ċertezza assoluta dwar id-dettalji kollha. Madankollu, fil-kitbiet tat-Testment il-Ġdid hemm xhieda prezzjuża.

F'Atti 20:7-12, Luqa jagħtina din ix-xhieda: "Fl-ewwel jum tal-ġimgħa nġbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż. Pawlu, li kellu jitlaq l-għada, qagħad jitħaddet magħhom u dam jitkellem sa nofs-il-lejl. Kien hemm



ħafna msiebaħ fil-kamra ta' fuq fejn konna miġbura. Wieħed żagħżugħ, jismu Ewtiku, kien bilqiegħda f'ħoġor it-tieqa, u ħadu n-ngħas sewwa, għax Pawlu ġibed fit-tul fi kliemu. Fl-aħħar in-ngħas għelbu u waqa' għal isfel mit-tielet sular, u refgħuh mejjet. Pawlu niżel isfel, tbaxxa fuqu, refgħu f'dirgħajh u qal: 'Tibżgħu xejn, għax ruħu għadha fih'. Imbagħad raġa' tela' fuq, qasam il-ħobż u kiel; u ssokta jitkellem magħhom sa ma sebaħ. Imbagħad telaq. Lil dak iż-żagħżugħ ħaduh ħaj, u tfarrġu mhux ftit".

Għalhekk, fi Troas, fis-snin 57-58, għandna xhieda li l-Insara kienu jinġabru "fl-ewwel jum tal-ġimgħa" biex jisimgħu lill-Appostlu u għall-qsim tal-ħobż.

Pawlu, f'1 Korintin, jitlob ukoll li fl-ewwel jum tal-ġimgħa l-Insara jagħmlu ġest ta' qsim u ta' karità, billi jwarrbu mill-flus li jkunu faddlu għalihom infushom biex jgħinu lill-foqra tal-Knisja. Din hija nota sinifikanti, kważi profezija tal-Ħadd bħala l-jum tal-komunjoni konkreta tal-ġid fil-karità fraterna (1 Kor 16:1-2).

Għaldaqstant l-Insara adottaw ir-ritmu ta' kull ġimgħa tal-Lhud, imma peress li l-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet, id-dehriet tiegħu u l-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq il-Knisja kienu kollha seħħew fl-ewwel jum tal-ġimgħa, huma taw importanza ċentrali lil dan il-jum, li sar għalihom il-Jum tal-Mulej. Huwa f'dan il-jum li huma jiċċelebraw l-Għid Nisrani, bl-għarfien li se jibqgħu jagħmluh sa ma jasal il-Mulej Ġesù fil-glorja (1 Kor 11:26).

Maż-żmien, l-ewwel komunitajiet Insara komplew jikbru fil-fidi tagħhom, jikbru fl-għarfien tal-misteru Nisrani, u fuq kollox jgħixu l-Jum tal-Mulej, hekk li waslu biex jiżviluppaw teoloġija tal-Ħadd li nistgħu nduquha permezz tal-ismijiet li ngħataw lil dan il-jum.

### a) Il-Ħadd huwa l-ewwel nett il-jum tal-qawmien ta' Ġesù Kristu, u għalhekk jum ta' festa!

Huwa l-jum tal-festa għall-Insara, għax il-fidi tagħhom tkanta li l-mewt ġiet megħluba għal dejjem u li Alla fetaħ għal kulħadd is-Saltna tiegħu

billi ta l-ħajja ta' dejjem. Tant hija qawwija l-kuxjenza tal-festa ta' dan il-jum li Tertulljanu jixhed li fil-jum tal-Ħadd huwa pprojbit li wieħed jinżel għarkupptejh biex jitlob. Dan kien ifisser il-libertà u d-dinjità tal-Insara bħala wlied Alla, u kien jissimbolizza, permezz tal-pożizzjoni wieqfa tagħhom waqt il-liturġija, il-kundizzjoni tagħhom bħala dawk li qamu mill-mewt flimkien ma' Kristu. Barra minn hekk, Tertulljanu jixhed ukoll li nhar il-Ħadd huwa pprojbit għall-Insara li jkollhom atteġġjament li jġib miegħu ansjetà, inkwiet jew dwejjaq. Tant kien meqjus bħala jum ta' festa li Tertulljanu, u aktar tard ukoll il-Konċilji, kitbu: "Għalina l-Insara, li nsumu jew naduraw lil Alla għarkupptejna nhar ta' Ħadd inqisuh bħala impjetà" (*De corona* III, 4).

### b) Il-Ħadd jissejjaħ ukoll jum il-Mulej

Dak li qam mill-imwiet huwa ħaj u, jekk qam, jagħmel lilu nnifsu preżenti fil-Knisja tiegħu. Huwa wkoll dak li ġej, dak li jiġi fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika meta l-Insara jsejħulu: "Marána tha", "Ejja, Mulej!" (1 Kor 16:22; *Didaché* X,6), u dak li għandu jiġi biex jagħmel il-parusija tiegħu fil-"jum" li Alla biss jafu. Il-Knisja miġbura f'dak il-jum għall-qsim tal-ħobż, għall-Ewkaristija, tfakkar il-miġja tal-Mulej fil-glorja u ġġedded din it-tama permezz tal-istennija fit-talb u fil-komunjoni. Injazju ta' Antjokja jistaqsi: "Min huma l-Insara?". U jwieġeb: "Dawk li jgħixu skont il-Jum tal-Mulej" (*Lil Magnesju* IX,1). U tgħix il-Jum tal-Mulej ifisser li wieħed jissottometti ruħu għas-sinjorija ta' Kristu, u jistenna l-jum tal-ġudizzju u tal-glorja.

### ċ) Il-Ħadd jissejjaħ ukoll l-ewwel jum tal-ġimgħa

Oriġinarjament, dan kien sempliċement l-isem tal-jum li jiġi wara s-Sibt, l-aħħar jum tal-ġimgħa skont il-Lhud: *jom rishon*, "l-ewwel jum". Għall-Insara, iżda, din id-definizzjoni tarrikkixxi ruħha bir-rabta mal-ewwel jum tal-ħolqien (Ġen 1:3-5), il-jum li fih inħoloq id-dawl. Dan sar il-jum li fih Ġesù Kristu, id-dawl tad-dinja (Ġw 8:12), għeleb id-dlam tal-mewt u tad-dnub u ta bidu għall-ħolqien il-ġdid. Il-Ħadd huwa t-tifkira tat-tieni ħolqien, jgħidu Atanasju, Ewsebju ta' Lixandra u Ljun il-Kbir; huwa l-jum li fih in-Nisrani jiftakar u jiċċelebra li hu "ħolqien ġdid" fi Kristu (ara 2 Kor 5:17).

### d) Fl-aħħar nett, il-Ħadd jissejjaħ ukoll it-tmien jum

Huwa minnu li l-Ħadd huwa l-ewwel jum wara s-Sibt, il-bidu tal-ġimgħa, imma kien ukoll jinħass bħala kontinwazzjoni tas-Sibt, bħala t-tmien jum tal-ġimgħa.

Din hija espressjoni li tidher paradossali, imma li trid tindika veritajiet profondi: dak l-ewwel jum wara s-Sibt, li diġà fil-Vanġelu skont Luqa (kap. 24) jidher bħala jum twil ħafna, bla tmiem, li fih iseħħu d-dehriet tal-Qawmien mill-imwiet lin-nisa, lid-dixxipli ta' Għemmaws, lill-Ħdax li kienu f'Ġerusalemm, u t-Tlugħ ta' Ġesù fis-Sema, jista' jinqara bħala t-tmien jum, figura tal-eternità, tal-jum li jiġi wara l-jiem.

Bħala t-tmien jum, il-Ħadd huwa għalhekk tifkira eskatoloġika, stimolu eskatoloġiku għall-Knisja. Anki l-forma ottagonali tal-kappelli tal-Magħmudija kienet iġġorr din it-tifsira eskatoloġika: fihom, fil-fatt, kien jiġi ċċelebrat is-sagrament tas-sejħa għall-ħajja ta' dejjem: *"inchoatio vitæ æternæ"*. Din hija r-riflessjoni tal-Insara tal-ewwel sekli dwar il-Ħadd: huwa messaġġ għani u profond li jitkellem dwar l-identità tagħna bħala Insara.

Imma kif għandna ngħixu l-Ħadd illum?

## Ngħixu l-Ħadd illum

It-tema tal-Ħadd hija fundamentali għall-futur tal-fidi Nisranija u, għalhekk, għall-futur tal-Knisja, għax mingħajr il-Ħadd m'hemmx possibbiltà li ngħixu l-*ecclesia*, il-Knisja, u mingħajr il-Knisja l-fidi ssir ideoloġija, memorja storika għażiża u meqjuma tal-ġrajja passata ta' Ġesù, ingredjent fost ħafna oħrajn tal-identità kulturali.

Mingħajr il-Ħadd ma teżistix il-parroċċa u mingħajr il-parroċċa ma jeżistix il-Ħadd. Ma għandniex ninsew li dawn iż-żewġ realtajiet, dik spazjali (post) u dik temporali (żmien), dejjem dehru essenzjali għall-poplu ta' Alla fil-Patt il-Qadim, fit-Testment il-Ġdid u fil-ħajja tal-Knisja: l-Insara, biex ikunu tassew Insara, dejjem iridu jinġabru f'ċertu jum *"pántes homoû epì tò autò"*, "ilkoll flimkien fl-istess post" (Atti 2:1).



X'inhuma, mela, l-indikazzjonijiet li joħorġu bħala prijoritarji u urġenti mill-konvinzjoni li l-futur tal-fidi u tal-Knisja jiddependi wkoll mill-mod kif ngħixu l-Ħadd?

**a) Il-Ħadd huwa l-jum tal-assemblea**

L-ewwel nett, il-Ħadd huwa l-jum tal-assemblea li fih l-Insara jinġabru flimkien u jagħrfu lilhom infushom bħala *ecclesia*, bħala Knisja. Jekk huwa minnu li diġà fi żmien l-Appostli kien hemm Insara li ma kinux jattendu għal-laqgħat u għalhekk l-Ittra lil-Lhud kellha twissihom (Lhud 10:25: "Tħallux il-laqgħat tagħkom, bħalma għandhom id-drawwa jagħmlu xi wħud minnhom…"), illum il-parteċipazzjoni fl-assemblea tal-Ħadd saret aktar limitata. Kulma jmur l-Insara qed isiru minoranza fis-soċjetà, imma fosthom ukoll iddgħajfet il-kuxjenza dwar it-tifsira tal-Ħadd u dwar il-parteċipazzjoni fl-assemblea tal-Ħadd.

Imma llum wasal iż-żmien li nerġgħu nipproponu l-Ħadd: ma għandniex nibqgħu nirrassenjaw ruħna għad-dgħufija u saħansitra għat-telf tat-tifsira tal-Għid li għandu dan il-jum, imma għandna nipproponu b'intelliġenza u b'kuraġġ lill-Insara biex jgħixu l-Ħadd bħala Nsara.

"B'intelliġenza": jiġifieri mingħajr ma nrawmu l-ħolma illużorja li nerġgħu lura għall-kundizzjonijiet ta' soċjetà li m'għadhiex teżisti, u billi nistaqsu lilna nfusna x'kien il-livell ta' għarfien u ta' parteċipazzjoni ta' dawk li, fi żminijiet oħra, kienu jattendu għall-quddiesa tal-Ħadd f'numru ferm akbar. Dakinhar kien hemm sens qawwi tal-'preċett', imma kien hemm ukoll il-kwalità ta' għarfien li għandna llum?

Il-Ħadd għandu jerġa' jiġi propost sabiex jerġa' jkun dak li l-Insara qalu u esperjenzaw li hu sa mill-bidu nett tal-Knisja. U dan irid isir ukoll b'kuraġġ, billi nitolbu prattika profetika ta' dan il-jum.

F'dinja frammentata, mifnija bil-firdiet u bin-nuqqas ta' għarfien tal-ieħor, l-Insara jagħmlu qabelxejn ġest qawwi u elementari: jinġabru fl-istess jum, il-Ħadd, u fl-istess post, il-ġemgħa parrokkjali, biex ikunu flimkien,

jagħrfu lil xulxin bħala aħwa, membri tal-istess ġisem li hu l-Ġisem ta' Kristu, u jistqarru l-paternità waħda ta' Alla.

Kull nhar ta' Ħadd iseħħ miraklu u aħna, li nfittxu mirakli straordinarji, lanqas nindunaw bih. Huwa l-miraklu ta' nies li jinġabru flimkien, jagħrfu lil xulxin u jgħidu li jridu jirrikonċiljaw ruħhom. Kull assemblea liturġika, imqar dik mill-iżgħar u l-aktar irħula mbiegħda, fil-fatt, hija anti-Babel. Dan il-"miraklu sempliċi" juri li hu possibbli li nirrikonċiljaw ruħna u niltaqgħu minkejja d-differenzi! Hija tħabbira li huwa possibbli ngħixu flimkien, inkissru l-iżolament, inwarrbu l-aggressività li teskludi u nirrifjutaw l-anonimità. Jekk il-fidili jgħixu dak li jiċċelebraw, il-prattika tagħhom tal-Ħadd tkun tassew profetika.

Il-jum tal-Mulej huwa, għalhekk, il-jum li fih l-assemblea Nisranija twieġeb għall-Kelma ta' Alla li ssejħilha u tiġborha flimkien: b'hekk hija turi ruħha bħala Knisja.

Hija impressjonanti l-eżortazzjoni li ssir lill-Isqof u li tinsab fid-*Didascalia Apostolorum*: "Isqof, meta tgħallem, ordna u ħeġġeġ lill-poplu biex ikun fidil fl-għaqda tiegħu fl-assemblea, biex qatt ma jonqos milli jattendi, biex dejjem jinġabar flimkien, ħalli ma ċċekkinx il-Knisja u ma tnaqqasx il-Ġisem ta' Kristu billi ma tipparteċipax fl-assemblea… Għax intom membri ta' Kristu… tneħħux mill-assemblea l-membri tiegħu, la tqattgħux u lanqas ixxerrdu l-ġisem tiegħu billi ma tipparteċipawx fl-assemblea" (II,59,1-3). Il-Knisja hija l-Ġisem reali ta' Kristu, u jekk ma jkunx hemm parteċipazzjoni fl-assemblea fil-Jum tal-Mulej, ikun hemm tnaqqis, tiċrita fil-Ġisem ta' Kristu! Dan tassew mhuwiex sempliċement kwistjoni ta' preċett!

### b) Il-Ħadd huwa l-jum tal-Ewkaristija

Jekk il-Ħadd huwa l-jum tal-assemblea biex infakkru l-Qawmien ta' Ġesù mill-imwiet, ngħixu l-komunjoni miegħu u nħabbru l-istennija tal-miġja tiegħu, allura huwa l-jum tal-Ewkaristija. M'hemmx Ħadd mingħajr assemblea; m'hemmx Ħadd mingħajr Ewkaristija. Il-Ħadd u l-Ewkaristija

jinvolvu lil xulxin u jappartjenu lil xulxin, għax l-Ewkaristija ssib il-mument xieraq u oriġinali tagħha fil-Ħadd, filwaqt li l-Ħadd jieħu t-tifsira tiegħu mill-Ewkaristija. Peress li l-Għid huwa l-kontenut fundamentali tal-Ħadd, allura l-Ewkaristija, sagrament tal-Għid, hija essenzjali biex il-Ħadd ikun il-Jum tal-Mulej.

Huwa f'dan il-jum qaddis u hieni li tidher fil-milja tagħha d-dipendenza bejn il-Knisja u l-Ewkaristija: waqt li l-Knisja tagħmel l-Ewkaristija, hija l-Ewkaristija li tagħmel il-Knisja, issawwarha u tibniha.

Skont ix-xhieda tal-Vanġeli, Ġesù rxoxt deher fost id-dixxipli tiegħu billi spjegalhom l-Iskrittura u qasam il-ħobż, kiel u xorob magħhom, u b'hekk qiegħed il-pedament għaċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika ta' kull ġimgħa fil-jum tal-Ħadd.

U l-Ewkaristija hija dak ir-radd ta' ħajr li l-Knisja tagħmel meta tilqa' d-don tal-Kelma tal-Mulej u tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. Nisrani li nhar ta' Ħadd ma jipparteċipax fil-mejda tal-Mulej, il-mejda tal-Kelma u tal-Ħobż, jinfired mill-Mulej, jgħid Ġwanni Kriżostmu. Il-Knisja ma teżistix mingħajr l-Ewkaristija, u d-dinja, mingħajr l-Ewkaristija, ma tirċevix l-enerġiji ta' trasfigurazzjoni u ta' salvazzjoni li joħorġu minn dan is-sagrament.

Imma għad għandna din il-kuxjenza?

Fl-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu, l-importanza tal-Ewkaristija tal-Ħadd kienet tant qawwija li l-Insara ma kinux joqogħdu lura milli jaffaċċjaw ir-riskju tal-martirju biex jipparteċipaw fl-Ikla tal-Mulej. Fl-Atti tal-Martri jingħad li waqt il-persekuzzjoni mmexxija mill-imperatur Ruman Djoklezjanu (304 WK) ġew arrestati xi Nsara għax inqabdu waqt iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika. Meta ttieħdu quddiem il-Prokonslu, ġew interrogati. Fosthom ġie interrogat Emeritu, li fid-dar tiegħu kienet ġiet iċċelebrata l-Ewkaristija: "F'darek inżammu laqgħat kontra d-digriet tal-imperaturi?". "Iva", wieġeb Emeritu, "fid-dar tiegħi ċċelebrajna l-Ewkaristija". "Għaliex ħallejt lill-oħrajn jidħlu? Suppost kellek twaqqafhom!". U Emeritu

wieġeb: "Aħna l-Insara ma nistgħux ngħixu mingħajr l-Ewkaristija tal-Ħadd [*Sine dominico non possumus*]!" (*Acta Saturnini, Dativi, et aliorum plurimorum martyrum in Africa*, IX).

Hija l-identità Nisranija stess li nsibu fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika tal-Ħadd! Ma tistax tkun Nisrani mingħajr l-Ewkaristija tal-Ħadd.

**ċ) Il-Ħadd huwa wkoll il-jum tal-mistrieħ, tal-ferħ u tal-komunjoni**

Mill-assemblea Ewkaristika, id-don kbir li jinfirex fuq il-ħajja Nisranija huwa dak tal-paċi (*shalom*), tal-ħajja sħiħa u hienja. Fil-laqgħa mal-Mulej irxoxt, il-komunità Nisranija tgħix ferħ kbir, dak li esperjenzaw id-dixxipli meta Ġesù ġie u wera ruħu ħaj fosthom, u tirċievi l-paċi mingħand dak li qam mill-imwiet. Il-paċi hija, fil-fatt, id-don li l-Irxoxt ta lid-dixxipli: "Il-paċi magħkom!" (Ġw 20:19,26).

Pietru ta' Lixandra jesprimi ruħu hekk fil-bidu tas-seklu 4: "Aħna niċċelebraw il-Ħadd bħala jum ta' ferħ minħabba Dak li qam mill-imwiet!" (*Ep. Can.*, XV).

U fid-*Didascalia Apostolorum*, l-Insara jiġu mħeġġa hekk: "Fil-jum tal-Ħadd kunu hienja f'kull waqt: jagħmel dnub min jitnikket fil-jum tal-Mulej" (V,20,11).

Dan il-ferħ huwa mistqarr b'mod speċjali fil-mistrieħ, għax il-mistrieħ huwa sinjal kbir ta' libertà: il-mistrieħ jagħtina l-possibbiltà nieqfu, jippermettilna naħsbu, insiru aktar konxji u responsabbli, u nħarsu lejna nfusna u lejn l-oħrajn b'għaqal.

B'hekk nistqarru li nemmnu f'Alla li tassew huwa Missier ta' kulħadd, nemmnu f'Alla l-Mulej tad-dinja u tal-istorja, u ninħelsu mill-aljenazzjoni ta' min jaħseb li hu l-imgħallem tal-ħajja u tal-ġrajja tal-bniedem. Ferħ, mistrieħ u komunjoni, laqgħa mal-aħwa fil-qsim tal-Ewkaristija, imma wkoll tal-ġid spiritwali u materjali. M'hemmx festa mingħajr laqgħa u

akkoljenza; m'hemmx festa mingħajr qsim; m'hemmx festa mingħajr it-tixrid tad-don u mingħajr il-gratuwità.

Il-Ħadd huwa tassew il-jum tagħna, huwa l-jum tal-Mulej u l-jum tal-bniedem. Li ngħixuh huwa kundizzjoni essenzjali biex inkunu Nsara, imma huwa wkoll servizz għall-umanità kollha, għax huwa tifkira profetika tal-komunjoni bejn il-bnedmin, minkejja d-differenzi u d-diversità tagħhom. Il-Ħadd isir tfakkira li huwa possibbli niġġieldu kontra Babel; li l-qsim huwa possibbli u li l-gratuwità tagħti l-frott. Għaldaqstant, jekk aħna nħarsu l-Ħadd, il-Ħadd iħarisna!



## III

# IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-EWKARISTIJA FIL-JUM TAL-ĦADD

### *Noti mħejjija mill-Kan. Michael Galea*

• Fil-ktieb tal-Ġenesi, l-ewwel ktieb tal-Iskrittura, l-Awtur Sagru jpinġilna lil Alla li mix-xejn joħloq is-sema, l-art, il-baħar u dak kollu li hemm fihom. Fl-aħħar nett joħloq il-bniedem, nistgħu ngħidu li huwa l-kapulavur ta' dak kollu li ħareġ minn idejh. Fis-sitt jum, Alla ħares lejn kulma kien għamel u ara, kollox kien tajjeb ħafna. U dalam u sebaħ is-sitt jum (1:1-13).

• Ikompli jgħid l-Awtur Sagru: "U hekk intemmu s-sema u l-art bit-tagħmir kollu tagħhom. U fis-seba' jum, wara li temm ix-xogħol kollu li kien għamel, huwa waqaf fis-seba' jum mix-xogħol tiegħu li kien għamel… U bierek Alla s-seba' jum u qaddsu, għax fih waqaf mix-xogħol tiegħu li kien għamel. *U bierek Alla s-seba' jum u qaddsu*, għax fih waqaf mix-xogħol kollu tiegħu li kien għamel" (2:2-3).

• Nistgħu ngħidu li d-dixxendenti kollha ta' Adam u Eva, jiġifieri dawk kollha li minn ġenerazzjoni għall-oħra ġew matul il-miljuni ta' snin, dejjem ħassew il-bżonn li jistrieħu, għax il-bniedem mhux magna, la għandu jistma lil ħadd bħala magna, u inqas u inqas għandu jiġi stmat bħala magna!

• Il-Lhud kienu u għadhom iżommu l-ġurnata tas-Sibt bħala jum ta' mistrieħ. Hekk ukoll Ġesù, bħala Lhudi, kien mgħallem iħares il-jum tas-

Sibt. Fil-jum tas-Sibt il-ħidma kellha tkun skarsa ħafna (isir dak biss li kien verament ta' bżonn) u kienu jmorru fis-sinagoga, fejn jinqraw siltiet mill-Kotba tat-Testment il-Qadim, u jiġu mfissra mir-rabbini, mgħallmin tal-Iskrittura.

• Wara li tgħammed minn Ġwanni l-Battista, Ġesù beda l-ħajja pubblika tiegħu. Fil-Vanġelu ta' San Luqa nsibu dan li ġej: "Ġesù ġie Nazaret fejn kien trabba. Daħal fis-sinagoga tagħhom, kif kien imdorri jagħmel nhar ta' Sibt u qam biex jaqra. Tawh f'idejh il-ktieb tal-Profeta Iżaija u sab fejn kien hemm miktub dan li ġej: l-Ispirtu tal-Mulej fuqi għax hu kkonsagrani. Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, inwassal il-Bxara t-tajba lill-fqajrin u d-dawl mill-ġdid lill-għomja, inrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar sena ta' grazzja tal-Mulej" (4:16-19). Hawnhekk Ġesù qed jassumi fuqu nnifsu l-programm ta' dak li kellu jagħmel fid-dinja bħala l-Mibgħut mill-Missier.

• San Luqa jkompli jgħidilna li dawk li kienu qegħdin jisimgħuh, stagħġbu għall-kliem mimli ħlewwa li kien ħiereġ minn fommu… u bdew jgħidu lil xulxin: "Dan mhuwiex bin Ġużeppi?". Iżda hu qalilhom: "Żgur li tgħidu għalija dan il-proverbju, 'Tabib, fejjaq lilek innifsek. Dak li smajna li ġara f'Kafarnahum, agħmlu hawn f'pajjiżek ukoll'. Imma tassew ngħidilkom: ebda profeta ma jilqgħuh tajjeb f'pajjiżu". Imbagħad semmielhom żewġ eżempji storiċi li kien għażel Alla minn ħafna nies oħra biex isalvahom mill-ġuħ (l-armla minn Sarefta ta' Sidon) u biex jitfejqu mil-lebbra (Nagħman tas-Sirja). Hawnhekk "huma mtlew bil-korla għalih, qamu u ħarġuh 'il barra mill-belt, ħaduh fuq xifer ta' rdum tal-għolja li fuqha kienet mibnija l-belt tagħhom u riedu jixħtuh minn hemm fuq għal isfel. Iżda hu għadda minn ġo nofshom u baqa' sejjer" (ara 4:16-30).

• Semmejt dan l-episodju għax għall-ewwel darba fil-Vanġeli, kien is-Sibt, Ġesù jidher imur fis-sinagoga tar-raħal fejn kien trabba, u ta' rabbi li kien narawh jaqra u jispjega silta mill-ktieb tal-Profeta Iżaija.

• Mhux darba u tnejn Ġesù kien akkużat mill-Fariżej għax fil-jum tas-Sibt kien ifejjaq u jagħmel il-ġid.

1. "Jum fost l-oħrajn, kien is-Sibt, huwa mar fis-sinagoga u hemmhekk kien hemm raġel li kellu idu niexfa. Biex ikollhom fuqiex jixluh, staqsewh: 'Jiswa li wieħed ifejjaq nhar ta' Sibt?'. Iżda hu qalilhom: 'Min minnkom ikollu nagħġa u taqagħlu s-Sibt u ma jmurx jaqbad u jtellagħha? Imma kemm jiswa bniedem iktar minn nagħġa? Mela jiswa nhar ta' Sibt li tagħmel il-ġid'. Imbagħad qal lir-raġel: 'Midd idek'. Dak medd idu, u reġgħet ġietu u qawwija u sħiħa bħall-oħra. U l-Fariżej ħarġu u bdew jiftiehmu bejniethom kontra tiegħu, kif se jeqirduh" (Mt 12:9-14).

2. "Ġara li darba, kien is-Sibt, Ġesù kien għaddej minn għalqa miżrugħa u d-dixxipli tiegħu, huma u mexjin, bdew jaqtgħu ż-żbul. U l-Fariżej staqsewh: 'Ara, għaliex qegħdin jagħmlu dak li ma jiswiex nhar ta' Sibt?'. U hu qalilhom: 'Qatt ma qrajtu x'għamel David meta kien fil-ħtieġa u ħadu l-ġuħ, hu u dawk li kienu miegħu, kif daħal fid-dar ta' Alla, fi żmien il-qassis il-kbir Abjatar, u kiel il-ħobż dal-preżenza ta' quddiem il-Mulej, li ħadd ma kien jista' jieklu ħlief il-qassisin, u ta minnu wkoll lil min kien miegħu?'. U qalilhom: 'Is-Sibt kien magħmul għall-bniedem, u mhux il-bniedem għas-Sibt! Għalhekk Bin il-Bniedem huwa wkoll Sid is-Sibt'" (Mk 2:23-28).

3. "Darba, kien is-Sibt, Ġesù daħal għand wieħed mill-kapijiet tal-Fariżej biex jiekol għandu, u huma qagħdu għajnejhom fih. U resaq quddiemu wieħed marid bl-ilma. Ġesù qabad jistaqsi lill-għorrief tal-Liġi u lill-Fariżej; qalilhom: 'Jiswa jew le li wieħed ifejjaq f'jum is-Sibt?'. Huma ma tkellmu xejn, iżda hu qabad lir-raġel, fejqu u bagħtu. Imbagħad qalilhom: 'Min minnkom se jaqagħlu ibnu jew barri f'ġiebja u għax ikun is-Sibt ma jmurx malajr itellgħu minn hemm?'. U ma kellhomx il-ħila jwiġbuh għal dan" (Lq 14:1-6).

4. "Ġesù qal lil wieħed mifluġ: 'Qum, aqbad friexek u imxi'. Minnufih dak ir-raġel fieq, qabad friexu u beda miexi. Dakinhar inzerta kien is-



Sibt. Għalhekk il-Lhud qalu lil dak li kien fieq: 'Is-Sibt illum, u ma jiswiex iġġorr friexek'. Iżda hu weġibhom u qalilhom: 'Dak li fejjaqni qalli: "Aqbad friexek u imxi…"'. Għalhekk il-Lhud ħraxu għal Ġesù għax f'jum is-Sibt kien jagħmel ħwejjeġ bħal dawn. Imma Ġesù qalilhom: 'Missieri għadu jaħdem sa issa, mela naħdem jien ukoll'. U minħabba f'hekk il-Lhud wisq iżjed minn qabel bdew ifittxu li joqtluh, mhux biss għax kien jikser is-Sibt, imma wkoll għax lil Alla kien jgħidlu Missieru u jqis ruħu daqs Alla" (Ġw 5:8-18).

• Dawn l-erba' eżempji, meħudin wieħed minn kull Vanġelu, juruna l-legaliżmu li kien joħnoq il-ħajja tal-Lhud li kienu jgħixu fi żmien Ġesù. Żgur li Ġesù ried jeħlishom minn dan il-legaliżmu, anki b'riskju għal ħajtu stess.

• L-istudjużi tal-Iskrittura jgħidulna li jekk tikser xi kmandament partikulari tkun ksirt kmandament wieħed, imma jekk ma tħarisx is-Sibt tkun bħallikieku ksirt il-Kmandamenti kollha!

• Iktar ma bdiet toqrob għalih is-siegħa li għaliha kien ġie fid-dinja (jiġifieri l-passjoni u l-mewt tiegħu fuq is-salib) u mbagħad il-qawmien tiegħu fit-tielet jum, iktar beda jitkellem dwar dan mal-Appostli u ma' dawk li kienu l-aktar midħla tiegħu.

1. "Minn dakinhar Ġesù beda juri lid-dixxipli tiegħu li kien meħtieġ għalih li jmur Ġerusalemm, isofri ħafna mix-xjuħ u l-qassin il-kbar u l-kittieba, joqtluh u fit-tielet jum iqum…" (Mt 16:21).

2. "Huma telqu minn hemm u għaddew minn nofs il-Galilija, u ma ried li ħadd ikun jaf, għax beda jgħallem lid-dixxipli tiegħu u jgħidilhom: 'Bin il-Bniedem se jingħata f'idejn il-bnedmin u joqtluh; u meta jkun maqtul, wara tlitt ijiem iqum mill-mewt'. Iżda huma ma fehmuhx dan il-kliem u beżgħu jistaqsuh…" (Mk 9:30-32).

3. "Ġesù sejjaħ lejh lit-Tnax u qalilhom: 'Ara, issa aħna telgħin Ġerusalemm, u jseħħ kulma kitbu l-profeti fuq Bin il-bniedem. Għax se jagħtuh f'idejn il-pagani u jiddieħku bih, iżebilħuh u jobżqulu fuqu, jagħtuh is-swat u joqtluh, u fit-tielet jum iqum mill-imwiet'. Iżda minn dan kollu ma fehmu xejn; kien diskors li għalihom li baqa' mistur għalihom, u ma fehmu xejn milli qal" (Lq 18:31-34).

4. "Kien qorob l-Għid tal-Lhud, u Ġesù tela' Ġerusalemm. Fit-tempju sab min qiegħed ibigħ barrin, nagħaġ u min kien bilqiegħda jsarraf il-flus. Għamel sawt mill-ħbula, u keċċiehom ilkoll 'il barra mit-tempju, bin-nagħaġ u l-barrin tagħhom; xerred il-flus ta' dawk li kienu jsarrfu u qalbilhom l-imwejjed. U l-bejjiegħa qalilhom: 'Warrbu dawn minn hawn, u dar Missieri tagħmluhiex suq…'. Lil-Lhud li rawh jagħmel dan qalilhom: 'Ħottu dan it-tempju u fit-tlitt ijiem nerġa' ntellgħu!'. Hu kien qed jikellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu" (ara Ġw 2:13-21).

• Mela waslet is-siegħa li għaliha l-Missier kien bagħat lil Ġesù fid-dinja, jiġifieri dik li permezz tat-tbatija u l-mewt tiegħu fuq is-salib (mewt tassew ħarxa) huwa jifdi lill-bniedem, jew aħjar lill-bnedmin kollha mill-ħtija tad-dnub.

• Imma jgħidulna l-erba' evanġelisti kollha, it-tbatija u l-mewt ta' Ġesù ma kinux għalih l-aħħar kelma għax fl-ewwel jum tal-Ġimgħa, għalina l-*Ħadd* (bil-Malti għandna n-numru wieħed, l-istess għerq jew konsonanti tal-kelma "Ħadd"), Ġesù qam mill-mewt kif kien ħabbar u qal.

1. "Meta għadda s-Sibt, maż-żerniq tal-ewwel jum tal-ġimgħa, Marija ta' Magdala u Marija l-oħra marru jaraw il-qabar. U ara, inħasset theżżiża kbira għax niżel anġlu mis-sema u resaq igerbeb il-ġebla u qagħad bilqiegħda fuqha… L-anġlu qabad u qal lin-nisa: 'Tibżgħu xejn intom, għax jien naf li qegħdin tfittxu lil Ġesù li kien imsallab. Mhuwiex hawn, għaliex qam kif kien qal…'" (ara Mt 28:1-6).

2. “Meta għadda s-Sibt, Marija ta’ Magdala, Marija ta’ Ġakbu u Salomi xtraw xi fwejjaħ biex imorru jidilkuh bihom. U kmieni ħafna fl-ewwel jum tal-ġimgħa, kif telgħet ix-xemx, marru ħdejn il-qabar. U bdew jgħidu lil xulxin: ‘Min se jgerbilna l-ġebla mid-daħla tal-qabar?’. Iżda meta ħarsu raw li l-ġebla kienet imressqa fil-ġenb, kienet ġebla kbira ħafna. Daħlu fil-qabar u raw żagħżugħ bilqiegħda n-naħa tal-lemin, liebes libsa bajda; u nħasdu. Imma hu qalilhom: ‘Xejn la tinħasdu. Qegħdin tfittxu lil Ġesù ta’ Nazaret li kien imsallab; qam mill-mewt, mhuwiex hawn…’” (Mk 16:1-6).

3. “Kmieni mas-sebħ tal-ewwel jum tal-ġimgħa, marru ħdejn il-qabar u ħadu magħhom il-fwejjaħ li kienu ħejjew. Huma sabu l-ġebla mgerba minn quddiem il-qabar imma meta daħlu fih, il-katavru tal-Mulej Ġesù ma sabuhx hemm. U kif kienu mħassbin fuq dan, f’daqqa waħda dehrulhom quddiemhom żewġt irġiel libsin ilbies jiddi. In-nisa, mimlijin bil-biża’ baxxew għajnejhom lejn l-art, imma dawk qalulhom: ‘L-għala qegħdin tfittxuh qalb il-mejtin lil min hu ħaj? Mhuwiex hawn, imma qam…’” (Lq 24:1-6).

4. “Kien l-ewwel jum tal-ġimgħa, filgħodu kmieni kif kien għadu d-dlam, u Marija ta’ Magdala ġiet ħdejn il-qabar u rat il-blata mneħħija mill-qabar. Għalhekk telqet tiġri għand Xmun Pietru u għand id-dixxiplu l-ieħor li kien iħobb Ġesù, u qaltilhom: ‘Qalgħu l-Mulej mill-qabar, u ma nafux fejn qegħduh!’. Pietru u d-dixxiplu l-ieħor ħarġu u ġew ħdejn il-qabar… Pietru… daħal fil-qabar u ra l-faxex tal-għażel imqiegħda hemm u l-maktur li kien madwar rasu; dan ma kienx mal-faxex, imma mitwi u mqiegħed f’post għalih” (Ġw 20:1-7).

• Kevin O’Sullivan, fissier tal-Iskrittura, jgħid li l-evanġelisti ma jaqblux bejniethom dwar xi dettalji tal-Qawmien ta’ Ġesù mill-imwiet, imma jaqblu ilkoll fuq ħaġa waħda: *jaqblu fuq il-qabar vojt!*



# IV

# MISTAGOĠIJA TAL-QUDDIESA

## *Dan it-tifsir tal-Quddiesa jista' jitqassam fuq sensiela ta' Ħdud*

Il-mistagoġija hija mod kif in-Nisrani jiddaħħal iktar 'il ġew fil-misteru ċċelebrat; fost l-oħrajn ifisser li wieħed ikun megħjun jagħraf fis-sinjali tal-Liturġija l-preżenza ħajja ta' Kristu u l-għemil tiegħu li jsalva.

Ngħidu aħna, biex il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jfisser aħjar is-Sagrament tal-Magħmudija, jaddotta l-metodu tal-mistagoġija u jfisser is-sinjali, il-ġesti u s-simboli li jintużaw fir-rit liturġiku, b'konvinzjoni li "t-tifsir u l-grazzja tas-sagrament tal-Magħmudija jidhru b'mod l-aktar ċar fir-riti taċ-ċelebrazzjoni" (n. 1234).

Dak li jingħad dwar ir-Rit tal-Magħmudija, jista' jiġi applikat ukoll għall-Quddiesa: "L-Insara jaslu biex jaraw l-għana kollu mfisser u mogħti minn dan is-sagrament lill-imgħammdin ġodda, jekk jieħdu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjoni u joqogħdu attenti għall-ġesti li jsiru u għall-kliem li jingħad" (ibid.)

### Ir-Riti tal-Bidu

*Dan it-tifsir jista' jsir, jew qabel il-purċissjoni u l-kant tal-bidu, jew fil-waqt tal-omelija. Jista' jsir ukoll dritt wara t-tislima tas-saċerdot fil-bidu tal-Quddiesa. F'dan il-każ, in-nies jintalbu joqogħdu bilqiegħda.*

## 1. Id-deskrizzjoni u t-tifsir tar-riti

"Dawn ir-riti jsiru biex il-fidili miġmugħa jingħaqdu qalb waħda bejniethom u jitħejjew tajjeb ħalli jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jiċċelebraw l-Ewkaristija kif jixraq." (IĠMR 24)

### i. Il-Purċissjoni tal-Bidu

Il-purċissjoni li fiha s-saċerdot (jew saċerdoti, flimkien mal-abbatini) jersaq lejn l-altar tkun imsieħba mill-kant tal-ġemgħa. Il-ġemgħa tkun bilwieqfa b'sens ta' stennija u rispett lejn is-saċerdot li jkun qed jirrappreżenta lil Kristu. Is-saċerdot jimxi lejn l-altar waqt li aħna nistennew bilwieqfa hekk kif fl-ewwel jum tal-ġimgħa l-Appostli kienu ħerqana jistennew lil Ġesù jidher f'nofshom dakinhar tal-Għid filgħaxija kif ukoll tmint ijiem wara.

### ii. Tislima lill-altar

Is-saċerdot isellem lill-altar b'bewsa b'sinjal ta' qima. L-altar jirrappreżenta lil Kristu Rxoxt, li huwa l-ġebla tax-xewka li fuqu hi mibnija l-Knisja. Is-saċerdot jagħmel din il-bewsa f'isem dawk kollha preżenti. Din il-bewsa f'isem il-ġemgħa miġbura tfakkar lill-Insara li huma magħqudin ħaġa waħda ma' Kristu Rxoxt. Is-saċerdot li jbus l-altar ifakkar lill-ġemgħa miġbura li aħna lkoll flimkien il-Ġisem Mistiku ta' Kristu ħaj.

### iii. Is-sinjal tas-Salib

Bir-radd tas-salib nistqarru t-twemmin tagħna f'Alla l-Missier, Alla l-Iben u Alla l-Ispirtu Santu. Il-ġest li nagħmlu b'idejna l-leminija fuq moħħna, sidirna u spallejna f'forma ta' salib, ifakkarna kemm it-tbatija u l-mewt ta' Ġesù huma importanti għall-persuna kollha tagħna – ħsibijiet (moħħ), emozzjonijiet (qalb) u għemil (spallejn).

### iv. Tislima tas-saċerdot lill-poplu

Is-saċerdot jiftaħ idejh u jsellem lill-ġemgħa bil-kelmiet: *"Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu Santu, tkun magħkom ilkoll"*, jew *"Il-grazzja u s-sliem mingħand Alla Missierna u Sidna Ġesù Kristu tkun magħkom ilkoll"*, jew *"Il-Mulej magħkom"*. Għal dan il-ġemgħa twieġeb: *"U miegħek ukoll"*. B'din it-tislima, is-saċerdot ifakkar

lill-ġemgħa miġbura li verament il-Mulej hu preżenti. Ġesù jgħidilna: *"Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom"* (Mt 18:20). B'din it-tislima s-saċerdot irid jgħin lill-ġemgħa biex b'fidi sħiħa temmen li Ġesù hu tassew preżenti fostna.

### v. "Ħuti, ejjew nagħrfu ħtijietna biex niċċelebraw il-misteri qaddisa" – Ir-Rit Penitenzjali

Bl-Att Penitenzjali aħna l-Insara nistqarru quddiem Alla u quddiem il-Knisja li aħna niżbaljaw *"bil-ħsieb, bil-kliem, bil-għemil u bit-tħollija tad-dmirijiet"*. Il-mument tas-skiet iservi biex ilkoll kemm aħna nagħrfu s-sitwazzjoni li qegħdin fiha, b'mod speċjali n-nuqqasijiet tagħna. Imbagħad nitolbu maħfra lil Alla permezz tal-karba *"Mulej, ħniena"*. Din it-talba tagħna turi li jiddispjaċina u li ma rridux nerġgħu naqgħu fl-iżball. It-taħbit fuq sidirna jesprimi din l-indiema u s-sogħba, u Alla li jħobbna bi mħabba u ħniena bla tarf jaħfrilna ħtijietna.

### vi. Il-"Glorja lil Alla fil-għoli tas-smewwiet"

Il-"Glorja lil Alla" hu innu ta' tifħir lil Alla Wieħed fi Tliet Persuni. B'dan l-innu aħna rroddulu ħajr talli ħafrilna ħtijietna. Dan l-innu għandu tliet taqsimiet: fl-ewwel taqsima, infaħħru lil Alla l-Missier ta' kull setgħa; fit-tieni, nagħtu ġieħ lil Kristu, Ħaruf ta' Alla, Bin il-Missier, u nitolbuh ħniena; fit-tielet, inqimu lil Kristu li hu waħdu Qaddis, waħdu l-Mulej, waħdu l-Għoli, flimkien mal-Ispirtu s-Santu fil-glorja tal-Missier. Dan il-kant ifakkarna fil-ferħ li Kristu ġab dakinhar tat-twelid tiegħu.

### vii. Il-Kolletta – Ninġabru biex nitolbu

Ilkoll kemm aħna niġu mistednin għat-talb mis-saċerdot, billi jistedinna u jgħidilna: *"Nitolbu"*. F'dak il-waqt aħna msejħin biex ninġabru f'pawsa ta' skiet u f'għaqda waħda mas-saċerdot, fil-preżenza ta' Alla, nifitħu qalbna u nuru lil Alla x-xewqat u t-talbiet tagħna. Wara dan, is-saċerdot jagħmel talba f'isimna lkoll, u li għalhekk tissejjaħ "Kolletta". It-talba tal-Kolletta tkun tiġbor fil-qosor il-ħsieb taċ-ċelebrazzjoni; u permezz tagħha l-Knisja titlob lil Alla l-Missier bi Kristu u fl-Ispirtu s-Santu. Kif is-saċerdot waqt din it-talba jgħolli jdejh, hekk kull Nisrani hu fid-dmir li jżomm 'il fuq il-qalb

tiegħu. Is-saċerdot f'dak il-waqt ikun bħal Mosè fuq l-għolja mqaddsa, li jgħolli jdejh u bit-talb jidħol quddiem Alla għall-poplu Nisrani fit-tiġrib tiegħu.

### 2. Indikazzjonijiet oħra għas-sehem interjuri u esterjuri tal-ġemgħa

*It-tħejjija minn kmieni.* Il-Quddiesa tibda minn qabel ħinha. Wieħed iħejji ruħu minn qabel għall-Quddiesa, billi:

1. jippjana l-attivitajiet tal-ġurnata tal-Ħadd u jagħżel ħin għall-Quddiesa;
2. isum minn siegħa qabel;
3. jilbes ilbies ta' festa.

*Stedina biex nidħlu fina nfusna.* Matul ir-Riti tal-Bidu, imma wkoll matul il-Quddiesa kollha, aħna mistiedna biex nidħlu fina nfusna: *"Ħuti, ejjew nagħrfu ħtijietna…".* Fil-Quddiesa nieħdu sehem bil-persuna sħiħa tagħna: ġisem, ħsieb, sentimenti u qalb. Ir-Riti tal-Bidu u s-skiet jgħinuna biex "ninġabru", jiġifieri, niġbru l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħna u nsiru sħaħ, u ma nibqgħux aktar imxerrdin 'l hawn u 'l hemm.

*Is-sehem fil-kant.* Il-kant jesprimi s-sentimenti tagħna li mhux lakemm nesprimuhom bil-kliem biss. Permezz tal-kant aħna nesprimu sentiment ta' ferħ jew ta' ndiema, ta' ringrazzjament jew ta' karba. Aktar ma nkunu nafu kif qegħdin inħossuna fil-Quddiesa, aktar nistgħu nieħdu sehem b'mod sħiħ fil-kant tal-Quddiesa. Min-naħa l-oħra, il-kant innifsu hu għajnuna biex fina jitqanqlu s-sentimenti xierqa għall-Quddiesa. Anki jekk ma nkantawx, il-kant li nisimgħu, mingħajr ma rridu jġorrna bħal fuq mewġa lejn il-laqgħa tagħna ma' Ġesù.

## Il-Liturġja tal-Kelma

*Jekk ma ssirx fl-omelija, issir wara l-Kolletta, qabel jibda l-Ewwel Qari.*

### 1. Id-deskrizzjoni u t-tifsir tar-riti

*"Il-lezzjonijiet bibliċi u l-biċċiet ta' bejniethom huma l-aqwa parti tal-Liturġija tal-Kelma. L-omelija, il-Kredu u t-Talba universali jew Talba tal-fidili, jgħinu*

*biex il-Liturġija tal-Kelma tiftiehem aħjar u biex jagħlqu ċ-ċelebrazzjoni tagħha… Bil-qari mill-Bibbja, il-Knisja tħejji l-mejda tal-Kelma ta' Alla lil uliedha u tifthilhom quddiemhom it-teżori tal-Iskrittura mqaddsa"* (IĠMR, nn. 33-34).

### i. Ix-xandir tal-Kelma ta' Alla

*"Il-fidi tiġi mis-smigħ"* tal-Aħbar it-Tajba (Rum 10:17). Il-misteri qaddisa, fi kliem ieħor, is-sagrifiċċju ta' Ġesù fuq is-salib u l-qawmien tiegħu li ngħixu fil-Quddiesa, jiġu mfissra lilna permezz tal-Kelma tiegħu. L-ambone, il-post li minnu tixxandar il-Kelma ta' Alla, hu sinjal tal-qabar vojt. L-akbar u l-isbaħ aħbar li qatt tista' tinstema' hi li Kristu qam mill-mewt. Meta tixxandar il-Kelma ta' Alla waqt il-Quddiesa jeħtieġ li nagħtu widen u nifthu qalbna, għax Alla nnifsu jkun qiegħed ikellimna. Niftakru li *"mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, imma b'dak kollu li joħroġ minn fomm il-Mulej"* (Dewt 8:3).

### ii. It-tweġibiet tal-ġemgħa

Meta l-lettur itemm il-Qari bil-kliem: *"Il-Kelma tal-Mulej"*, il-ġemgħa twieġeb: *"Irroddu ħajr lil Alla"*. U wara l-Vanġelu, il-ġemgħa twieġeb: *"Tifħir lilek, Kristu"*. Is-Salm Responsorjali wkoll hu t-tweġiba tal-ġemgħa għall-Kelma ta' Alla li ġiet imxandra.

### iii. Ix-xandir tal-Vanġelu

Il-kant tal-Hallelujah qabel il-Vanġelu huwa espressjoni ta' ferħ għax Ġesù ġej iżurna bil-Kelma tiegħu. Waqt li fl-Ewwel u fit-Tieni Qari noqogħdu bilqiegħda, fil-Vanġelu nqumu bilwieqfa b'sens ta' rispett lejn l-Kelma ta' Alla li tiġi mogħtija lilna fil-ġrajjiet u fil-kliem ta' Ġesù, li hu nnifsu hu l-istess Kelma ta' Alla. Fil-Vanġelu nqumu bilwieqfa wkoll biex nieħdu l-pożizzjoni ta' dawk li huma mqajmin, irxuxtati ma' Ġesù. Il-Mulej Ġesù għandu "l-kliem tal-ħajja ta' dejjem" (Ġw 6:68). Bilwieqfa għax-xandir tal-Vanġelu nagħmlu tliet slaleb: fuq ġbinna, fommna u sidirna. Din hi l-mixja li tagħmel il-Kelma ta' Alla: nisimgħuha b'widnejna, nifhmuha b'moħħna, tinżel f'qalbna u tgħaddi għall-opri tajba bil-kliem u x-xhieda. Ilkoll kemm aħna nsiru nixbhu lil Marija li tilqa' l-Kelma u tiled lil Ġesù.



### iv. L-omelija, il-Kredu u t-Talbiet tal-fidili

Permezz tal-omelija, is-saċerdot jgħinna nagħrfu kif il-Kelma ta' Alla taħdem tassew fina, u kif nistgħu nilqgħuha tassew f'ħajjitna. Il-Kredu hu l-istqarrija fil-qosor tal-fidi tagħna: *"Nemmen, Mulej, dak kollu li jogħġbok turini"*. Wara li nisimgħu l-Kelma ta' Alla u l-omelija, nindunaw li aħna nies fil-bżonn, u għalhekk inressqu t-talbiet tagħna. Fit-Talba tal-ġemgħa (jew Talbiet tal-fidili) jsir talb għall-Knisja, għad-dinja u għal dawk preżenti għall-Quddiesa. Hekk tiġi fi tmiemha l-Liturġija tal-Kelma.

## 2. Indikazzjonijiet oħra għas-sehem interjuri u esterjuri tal-ġemgħa

*Is-smigħ*. Waħda mill-isfidi l-kbar tal-bniedem hija s-smigħ ta' xulxin, u aktar u aktar ta' Alla. Biex wieħed jieħu sehem fil-Liturġija tal-Kelma, aktar minn f'mumenti oħra tal-Quddiesa, wieħed irid jisma'; jisma' anki dawk il-partijiet li jaħseb li jafhom, li ma jogħġbuhx, li ma jifhimx.

*Is-skiet*. L-attenzjoni lejn xi ħadd titlob mumenti ta' skiet, kif ukoll l-eskużjoni ta' kull ħaġa oħra li tista' tisraq dik l-attenzjoni. Is-skiet iħejjina għas-smigħ; imma jippermetti wkoll li nixtarru u niftakru dak li nkunu smajna. Fil-ħajja tagħna s-skiet spiss jiġi waħdu, kull darba li naħsbu li ser tiġri xi ħaġa importanti.

*Id-djalogu*. Il-Liturġija tal-Kelma hija djalogu; mhuwiex biss Alla li jkellimna, imma aħna li nweġbuh lura wkoll. Ir-risposti għal kull Qari, is-Salm u l-Hallelujah, il-Kredu u t-Talbiet tal-ġemgħa huma kollha risposti tagħna li nkunu għadna kif smajna lil Kristu jkellimna. Kultant, b'dawn ir-risposti nkellmu direttament lilu: *"Tifħir lilek, Kristu"*; *"Ismagħna, nitolbuk, Mulej"*.

### It-Tħejjija tal-Offerti

*Jekk ma ssirx fl-omelija, issir qabel il-Purċissjoni tal-Offerti. In-nies jintalbu joqogħdu bilqiegħda.*

## 1. Id-deskrizzjoni u t-tifsir tar-riti

*"Kristu ħa l-ħobż u l-kalċi, radd il-ħajr, qasam u ta lid-dixxipli tiegħu, u qal: 'Ħudu, kulu, ixorbu; dan huwa Ġismi; dan huwa Demmi. Agħmlu dan b'tifkira tiegħi'. Għalhekk il-Knisja qassmet iċ-ċelebrazzjoni kollha tal-Liturġija Ewkaristika b'taqsimiet li jwieġbu għal dawn l-istess kelmiet u azzjonijiet ta' Kristu. Fil-fatt, (1) fit-tħejjija tal-offerti, fuq l-altar jinġiebu l-ħobż u l-inbid bl-ilma, jiġifieri l-istess elementi li Kristu ħa f'idejh; (2) fit-Talba Ewkaristika jintradd il-ħajr lil Alla għall-opra kollha tas-salvazzjoni, u l-offerti jsiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu; (3) il-qsim tal-Ħobża waħda juri l-għaqda tal-fidili ħaġa waħda bejniethom, u fit-tqarbin il-fidili jirċievu l-Ġisem u d-Demm tal-Mulej xorta waħda kif għamlu l-Appostli minn idejn Kristu nnifsu"* (IĠMR, n. 48).

### i. L-Offertorju

Fil-bidu tal-Liturġija Ewkaristika (li hija t-tieni parti tal-Quddiesa), jitħejja l-altar billi jitressqu l-offerti tal-ħobż u l-inbid li aktar tard, bil-Konsagrazzjoni, isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Flimkien ma' dawn l-offerti jitressqu offerti oħra li jservu għall-ħtiġijiet tal-Knisja u tal-foqra. Waqt il-Purċissjoni bl-offerti, isir kant għall-Offertorju. L-offerta materjali tal-għotja ta' flus u tal-ħajja bis-sabiħ u bl-ikrah, ta' kull wieħed u waħda, hi parti mill-azzjoni liturġika, hija sehem fis-Sagrifiċċju u l-offerta ta' Kristu.

### ii. L-offerta tal-Ħobż

Is-saċerdot jieħu l-ħobż f'idejh waqt li b'idejh it-tnejn jerfgħu 'l fuq. Il-ħobż hu magħmul minn qamħ (frott tal-art) li jiġi mitħun biex isir dqiq u jiġi magħġun permezz tal-ilma (xogħol il-bniedem). Il-ħobż jirrappreżenta l-ħajja kollha tagħna l-bnedmin, dak li tagħtina l-art u dak li niksbu bil-ħidma tagħna. Bħall-ħobż, aħna wkoll ngħaddu mill-magħsar tal-umiltà u taċ-ċaħda biex niksbu s-safa li bih nogħġbu lil Alla. Meta s-saċerdot f'isimna joffri l-ħobż, li huwa l-frott tal-art, għandna niftakru li lil Alla għandna noffrulu dak kollu li tana u lilna nfusna, ir-rieda tagħna. Noffrulu wkoll it-talb tagħna, xogħolna, in-niket u l-ferħ li jkollna u ħajjitna kollha, filwaqt li nagħrfu li f'kollox niddependu minn Alla, għax hu ħalaqna u hu Sidna.

### iii. L-offerta tal-inbid

L-inbid huwa sinjal ta' ferħ li jrid jagħtina Ġesù bil-mewt u l-qawmien tiegħu. L-inbid ifisser ukoll id-demm ta' Kristu. Il-qatriet tal-ilma mħallta mal-inbid jirrappreżentaw l-għaqda tan-natura umana ma' dik divina. Din it-taħlita tfakkarna wkoll li mill-kustat minfud ta' Kristu ħarġu demm u ilma. Kif l-inbid u l-ilma jsiru ħaġa waħda, hekk aħna għandna nkunu magħqudin ma' Kristu r-Ras tagħna.

Is-sagrifiċċju li noffru b'mod li jidher, ifisser is-sagrifiċċju spiritwali, li bih ir-ruħ toffri lilha nfisha 'l Alla. Għalhekk l-offerta tal-ħobż u l-inbid għandha tkun imsieħba mas-sagrifiċċju tagħna, saċerdoti u ġemgħa, jiġifieri s-sagrifiċċju tal-qalb umli u niedma.

### iv. Il-ħasil tal-idejn

Is-saċerdot jaħsel idejh, waqt li jgħid: *"Naddafni, Mulej, minn ħżuniti u d-dnub tiegħi neħħili"*. Il-ħasil tal-idejn mis-saċerdot juri x-xewqa tas-safa tal-qalb biex ikun jista' jieħu sehem minn dan is-sagrifiċċju qaddis.

### v. Talba fuq l-offerti

Waqt li lkoll inqumu bilwieqfa, is-saċerdot f'isem kulħadd jitlob 'l Alla biex ibierek u jilqa' l-offerta tagħna l-Insara. Hi talba li sservi bħala għeluq tar-rit tat-tħejjija tal-offerti u twassal għat-Talba Ewkaristika.

## 2. Indikazzjonijiet oħra għas-sehem interjuri u esterjuri tal-ġemgħa

*Il-ferħ għax Kristu għandu bżonna.* Biex isseħħ l-Ewkaristija, hemm bżonn li aħna nħejju l-ħobż u l-inbid u nġibuh fuq l-altar. Hu sabiħ li Alla, minkejja li jista' kollox, ma jridx jagħmel kollox waħdu, imma jrid li jagħmel l-opri kbar tiegħu flimkien magħna. Il-fatt li Alla 'għandu bżonna' hu raġuni għall-ferħ tagħna.

*Il-ħobż u l-inbid u l-ħajja tagħna.* Il-ħobż u l-inbid mhumiex prodotti li nsibuhom lesti fil-ħolqien; biex isiru, jinvolvu l-ħidma ta' jdejna: il-ħsieb, l-enerġija, il-ħin u anki t-tbatija tagħna. Fihom, simbolikament, hemm miġbura l-ħajja kollha tagħna. Jekk esterjorment inkunu qed inressqu

l-ħobż u l-inbid lejn l-altar, jixraq li interjorment inpoġġu fuq l-altar ħajjitna kollha, kif inhi, biex mal-ħobż u l-inbid neħduha lura ttrasformta.

## Il-Liturġija tal-Ewkaristija

*Jekk ma ssirx fl-omelija, issir qabel il-Prefazju. In-nies jintalbu joqogħdu bilqiegħda.*

### 1. Id-deskrizzjoni u t-tifsir tar-riti

*"Is-sens ta' din it-Talba (Ewkaristika) hu li l-ġemgħa kollha tal-fidili tingħaqad ma' Kristu biex flimkien miegħu tfaħħar lil Alla għall-għemejjel kbar tiegħu u toffrilu s-sagrifiċċju"* (IĠMR, n. 54).

#### i. It-Talba Ewkaristika

Din hi l-quċċata taċ-ċelebrazzjoni kollha. Hi talba ta' radd il-ħajr lil Alla għal dak kollu li jagħmel u qed jagħmel magħna permezz ta' Ibnu. Din it-talba jgħidha s-saċerdot għax hu qed imexxi l-ġemgħa f'isem Kristu. Hu strument, intermedjarju, kemm tal-leħen ta' Alla li jkellem lill-poplu tiegħu, kemm tal-leħen tal-poplu li jitlob lil Alla. Għal din ir-raġuni din it-talba jgħidha s-saċerdot waħdu, filwaqt li l-ġemgħa miġbura tisma' fis-skiet u tieħu sehem fl-akklamazzjonijiet. It-Talba Ewkaristika fiha diversi partijiet, li flimkien ser nippruvaw infissru.

#### ii. Il-Prefazju

Is-saċerdot jibda t-Talba Ewkaristika billi jgħid lill-Insara: *"Il-Mulej magħkom"*. Jiftaħ idejh biex juri li hu qiegħed hemm biex ikellem lil Alla u jinterċedi għall-poplu bħal Mosè. Din it-talba ta' qabel il-*"Qaddis"* tissejjaħ Prefazju, li hija talba solenni lil Alla fil-bidu tat-Talba Ewkaristika. F'isem il-poplu qaddis, is-saċerdot isebbaħ lil Alla l-Missier u jroddlu ħajr għall-għeġubijiet tal-ħolqien, tal-Inkarnazzjoni, tal-ħelsien, u mirakli oħra li jseħħu fl-istorja tagħna.

#### iii. Il-Qaddis

Wara l-Prefazju, is-saċerdot u l-ġemgħa kollha flimkien nissellfu l-kliem ta' tifħir tal-qtajja' tas-Sema u nfaħħru lil Alla billi ngħidu: *"Qaddis, Qaddis,*

*Qaddis. Is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek. Hosanna fl-ogħla tas-smewwiet. Imbierek min ġej f'isem il-Mulej".*

### iv. L-ewwel Epiklesi – Anafora – Sejħa speċjali lill-Ispirtu Santu

Waqt li l-ġemgħa tkun bilwieqfa jew għarkupptejha, il-Knisja b'talba speċjali ssejjaħ il-qawwa divina tal-Ispirtu s-Santu sabiex l-offerti mogħtija minna l-bnedmin jiġu kkonsagrati u jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Il-kelma *"epiklesi"* tfisser talba ħerqana ta' xi ħadd li jinsab fi ħtieġa kbira u li jitlob l-għajnuna lil xi ħaddieħor iktar setgħani minnu. Fil-Quddiesa s-saċerdot isejjaħ l-Ispirtu s-Santu biex bil-qawwa tiegħu, il-ħobż u l-inbid isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. L-idejn miftuħa fuq il-ħobż u l-inbid huma sinjal tad-dell tal-Ispirtu s-Santu biex dawn isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù. Bil-ġest tat-tqegħid tal-idejn fuq l-offerti nġibu preżenti llum, inġeddu, dak li wettaq Ġesù fl-Aħħar Ċena mal-Appostli u dak li wettaq darba għal dejjem fuq il-Kalvarju għas-salvazzjoni tagħna. Din mhix rappreżentazzjoni jew reċta, iżda dak li ġara fl-Aħħar Ċena fuq il-Kalvarju jsir preżenti llum, issa, fil-Quddiesa.

### v. Ir-rakkont tal-Aħħar Ċena – Anamnesi

Permezz tal-kelmiet u l-ġesti ta' Kristu, tiġi rrakkontata l-Aħħar Ċena li fiha l-Mulej waqqaf is-sagrament tal-Ewkaristija. Is-saċerdot jgħid il-kelmiet tal-Konsagrazzjoni fil-persuna ta' Kristu u japplikahom għall-ħobż u l-inbid li jkollu preżenti quddiemu. Bil-kelmiet qaddisa *"Dan hu Ġismi"* u *"Dan hu l-Kalċi ta' Demmi"*, il-ħobż u l-inbid fuq l-altar jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Ġesù jinqeda bil-persuna tas-saċerdot biex jagħmel illum, għalina nies ta' dan iż-żmien, l-istess ikla u l-istess mewt u qawmien li ġarrab hu elfejn sena ilu.

### vi. Akklamazzjoni tal-ġemgħa

Dritt wara l-Konsagrazzjoni, aħna nqumu bilwieqfa u s-saċerdot jistqarr: *"Dan hu l-Misteru tal-fidi"*. Aħna nwieġbu b'akklamazzjoni, fi kliem ieħor nilqgħu dan il-misteru bi stqarrija ta' ferħ. Għaldaqstant, dan mhux mument ta' adorazzjoni iżda ta' akklamazzjoni. Il-pjan tas-salvazzjoni sab

il-milja tiegħu fil-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. Għalhekk jiġi akklamat (ngħajtu bil-ferħ): *"Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej, inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek, nistennewk sa ma tiġi fil-glorja"*.

### vii. It-tieni Epiklesi – Sejħa speċjali lill-Ispirtu Santu fuq il-ġemgħa

Imbagħad is-saċerdot jerġa' jsejjaħ l-inżul tal-Ispirtu s-Santu, din id-darba biex jinżel fuqna li qed nieħdu sehem fl-Ewkaristija u fuq dawk minna li ser nieħdu sehem fit-Tqarbin, u jitolbu biex jagħmel minna lkoll ġisem wieħed u ruħ waħda.

### viii. L-interċessjonijiet

Bit-talb li jagħmel iċ-ċelebrant, hekk imsejħa interċessjonijiet, jidher ċar li l-Quddiesa hi ċċelebrata f'għaqda mal-Knisja kollha: dik tas-Sema kif ukoll dik tal-art. Fil-fatt, nitolbu għall-Papa, għall-Isqof tagħna u l-isqfijiet kollha, għal dawk li jaqdu lil Kristu f'diversi ministeri, għall-mejtin tagħna, għall-poplu kollu, kif ukoll għad-dinja kollha.

### ix. Id-Dossoloġija

It-Talba Ewkaristika tintemm billi s-saċerdot jerfa' l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù u jistqarr: *"Bi Kristu, ma' Kristu, fi Kristu, jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox, kull ġieħ u glorja, għal dejjem ta' dejjem"*. L-*"Ammen"* finali (tissejjaħ l-Ammen il-kbira) hi t-tifħir li aħna nagħtu lit-Trinità Qaddisa. Din l-Ammen il-kbira hi bħal konferma tat-talbiet kollha li jsiru fil-Quddiesa u tfisser ukoll l-approvazzjoni u s-sehem tagħna lkoll bħala ġemgħa li temmen fis-sagrifiċċju li jkun qed jiġi offrut lil Alla.

## 2. Indikazzjonijiet oħra għas-sehem interjuri u esterjuri tal-ġemgħa

*Ir-radd ta' ħajr.* Din hi Talba Ewkaristika, u allura talba ta' radd il-ħajr. Fil-Prefazju u tul il-bqija tat-talba jissemmew raġunijiet li għalihom aħna l-poplu ta' Alla għandna għalfejn nirringrazzjaw lill-Missier. It-talb ta' ringrazzjament jitlob li aħna nagħrfu l-benefiċċji li Alla jagħmel magħna, nirrikonoxxuhom, u nimtlew bil-ferħ u l-gratitudni.

*L-għotja ta' Kristu.* Ir-rakkont tal-Aħħar Ċena jfakkar lill-Missier li Kristu ta Ġismu u xerred Demmu "għalina" l-bnedmin. Din l-għotja ta' Ġesù għalina l-bnedmin hi l-ikbar grazzja li qatt irċevejna, u tibqa' timliena bl-istagħġib u l-ferħ.

*L-opra tal-Ispirtu s-Santu.* Il-qalba tat-Talba Ewkaristika hija l-opra tal-Ispirtu s-Santu. Huwa l-Ispirtu li jibdel il-ħobż fil-Ġisem ta' Ġesù u l-inbid fid-Demm tiegħu. Jibdel ukoll lil dawk li jirċievu l-Ġisem u d-Demm fit-Tqarbin, u jagħmilna ħaġa waħda ma' Kristu u bejnietna. Il-ħobż u l-inbid ma jagħmlu ebda reżistenza lill-opra tal-Ispirtu s-Santu; imma fina, li hu jrid jgħaqqadna f'ġisem wieħed, l-Ispirtu s-Santu jista' jaħdem skont kemm nippermettulu aħna.

*Il-ħarsa lil hinn.* Matul il-Konsagrazzjoni, is-saċerdot juri lill-poplu l-ostja u l-kalċi; dan ifisser li f'dak il-mument il-poplu hu mistieden iħares lejhom. Lil hinn mill-forma tal-ħobż u l-inbid, aħna nilmħu l-Ġisem u d-Demm reali ta' Ġesù Rxoxt. Il-ħila li naraw lil hinn minn dak li jidher hi ħila proprja tan-Nisrani, li jara l-preżenza ta' Kristu wkoll fil-fqir u fl-istorja ta' ħajtu u ta' ħajjet l-oħrajn.

## Ir-Riti tat-Tqarbin

*Jekk ma ssirx fl-omelija, issir qabel il-Missierna. In-nies jintalbu joqogħdu bilqiegħda.*

### 1. Id-deskrizzjoni u t-tifsir tar-riti

*"Iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika hija l-Ikla tal-Għid tal-Mulej. Għalhekk il-fidili mħejjija tajjeb ikunilhom ta' ġid jekk, skont il-kmandament tal-Mulej, jersqu jirċievu l-Ġisem u d-Demm tiegħu b'ikel spiritwali tagħhom. Hu għalhekk li jsir il-Qsim tal-Ħobż u r-riti l-oħra tat-tħejjija li bihom il-fidili jitressqu għat-Tqarbin"* (IĠMR, n. 56).

#### i. Il-Missierna

Is-saċerdot jiftaħ idejh b'sens ta' abbandun f'idejn Alla u flimkien mal-ġemgħa jitlob kif għallimna l-Mulej. Nitolbuh jagħtina l-ħobż ta' kuljum



– liema ħobż ifakkarna fl-Ewkaristija – u biex jaħfrilna dnubietna biex il-ħwejjeġ qaddisa nirċevuhom bil-qdusija. Fiha nsibu eżempju kif għandna ngħixu u nitolbu. Hawn il-ġemgħa tkun bilwieqfa.

### ii. Ir-Rit tal-Paċi

Filwaqt li nagħtu sinjal ta' paċi, nitolbu lil Alla biex jagħti l-paċi u l-għaqda lill-Knisja u lill-bnedmin kollha, paċi ma' Alla u mal-proxxmu. Biex il-ġest tal-paċi jkun sinċier jeħtieġ li jkun imsieħeb mix-xewqa u l-impenn li naħdmu bis-serjetà għall-għaqda u l-paċi fost il-bnedmin. Il-paċi li nagħtu mhijiex tagħna, imma ta' Kristu Rxoxt.

### iii. Il-Qsim tal-Ħobż

Dan il-ġest hu importanti, u juri li Ġesù sar ikel mogħti għalina. Is-saċerdot jieħu l-ostja u jaqsamha, u jixħet fil-kalċi biċċa żgħira filwaqt li l-ġemgħa tgħid: *"Ħaruf ta' Alla…"*. Il-Qsim tal-Ħobż ifakkarna wkoll li għalkemm aħna ħafna, insiru ġisem wieħed meta fit-Tqarbin naqsmu bejnietna l-Ħobża waħda tal-ħajja, li hi Kristu. Hawn il-ġemgħa, jew tibqa' bilwieqfa jew tinżel għarkupptejha.

### iv. L-istedina għall-ikla

Is-saċerdot jieħu f'idejh l-ostja u jgħid lill-ġemgħa: *"Dan hu l-Ħaruf ta' Alla, dan hu li jneħħi d-dnubiet tad-dinja. Henjin dawk li huma mistiedna għall-ikla tal-Ħaruf"*. B'hekk jistieden lill-ġemgħa għal din il-mejda tal-Mulej. Is-saċerdot flimkien mal-ġemgħa nagħmlu lkoll att ta' fidi u umiltà u nirrepetu l-kliem taċ-ċenturjun fil-Vanġelu (ara Lq 7:6): *"Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi, iżda għid kelma waħda, u ruħi tkun imfejqa"*.

### v. It-Tqarbin

Il-Knisja tixtieq li meta nieħdu sehem fil-Quddiesa aħna nitqarbnu possibbilment bl-ostji kkonsagrati fl-istess quddiesa, ħalli jidher is-sinjal li t-tqarbina hi sehem mill-istess Sagrifiċċju li qed jiġi ċċelebrat. Hekk aħna lkoll li nieħdu sehemna mill-altar u nitqarbnu bil-Ġisem u d-Demm Imqaddes, nimtlew b'kull barka u grazzja tas-Sema. Meta t-tqarbin isir

fuq l-idejn, tajjeb li, kif jgħid San Irinew, nagħmlu minn idejna tron għal Kristu b'forma ta' salib. Imbagħad, meta nieħdu l-ostja f'idejna, nersqu fil-ġenb u waqt li nħarsu lejn l-altar, nieħdu u nieklu mill-Ħobż tal-ħajja.

### vi. Is-skiet wara t-Tqarbin

Wara t-Tqarbin ikun jixraq li nżommu ftit ħin tas-skiet u ġabra biex nirringrazzjaw lil Ġesù tad-don kbir tiegħu nnifsu lilna, u nitolbuh biex jgħinna nwettqu r-rieda tiegħu. Hekk nagħmlu r-ringrazzjament u t-talbiet personali tagħna. Xieraq li f'dan il-mument għażiż, min jiflaħ, joqgħod għarkupptejh.

### vii. It-Talba ta' wara t-Tqarbin

Wara l-mument ta' radd il-ħajr il-ġemgħa tqum bilwieqfa filwaqt li s-saċerdot jgħid: *"Nitolbu"*. F'dan il-ħin, is-saċerdot jitlob lil Alla biex ixerred fuqna u fuq id-dinja kollha l-ġid tal-Misteru li għadu kif ġie ċċelebrat.

## 2. Indikazzjonijiet oħra għas-sehem interjuri u esterjuri tal-ġemgħa

*L-għaqda ma' xulxin…* Kif jiġi mitlub fit-Talba Ewkaristika, it-Tqarbin imqaddes għandu l-għan li jagħmel minn dawk li jirċevuh Ġisem wieħed. Ir-riti kollha tat-Tqarbin iħejju u jesprimu din l-għaqda: fit-Talba tal-Mulej, jiġifieri l-Missierna, nistqarru li aħna wlied l-istess Missier, u allura aħwa; fil-paċi nuru l-fehma tagħna li nkunu marbutin flimkien; il-Qsim tal-Ħobż ifakkarna li aħna se nieklu kollha mill-istess ikel spiritwali.

*…permezz tal-għaqda ma' Kristu.* Imma dan kollu jseħħ mhux billi noqorbu lejn xulxin, imma billi noqorbu lejn Kristu. Huwa fih li aħna aħwa, hija l-paċi li nirċievu mingħandu li aħna mbagħad nagħtu lil xulxin, huwa billi nsiru ħaġa waħda miegħu fit-Tqarbin li aħna ningħaqdu flimkien.

## Ir-Riti tal-Għeluq

*Jekk ma ssirx fl-omelija, issir wara t-Talba ta' wara t-Tqarbin. In-nies jintalbu joqogħdu bilqiegħda.*

### 1. Id-deskrizzjoni u t-tifsir tar-riti

#### i. Il-Barka

Il-barka li s-saċerdot jitlob fuq dawk li jieħdu sehem fil-Quddiesa hi s-sinjal li l-Mulej jibqa' dejjem magħna li nemmnu sabiex inkunu xhieda fid-dinja. Kull Nisrani hu "Kristoforu", jiġifieri jġorr lil Kristu. Waqt li jagħti l-barka, is-saċerdot waħdu jgħid il-kliem waqt li jrodd is-salib. Il-ġemgħa, min-naħa tagħha, tagħmel is-sinjal tas-salib u, mingħajr ma tgħid il-kliem mas-saċerdot, twieġeb: *"Ammen"*. Dan minħabba li l-barka hi mogħtija mis-saċerdot f'isem Ġesù.

#### ii. It-Tislima tal-aħħar (liċenzjament) – l-istedina biex immorru

It-tislima *"Morru fil-paċi ta' Kristu"* fl-aħħar tal-Quddiesa tfakkar li, għad li l-Quddiesa spiċċat, għan-Nisrani ta' veru tibda ċelebrazzjoni oħra fit-toroq tal-ħajja billi nkunu xhud ta' Kristu Rxoxt bil-kelma u bl-eżempju. Fil-fatt, mill-kelma *"Missa"* bil-Latin ġejja l-kelma *"Missio"* li tfisser li issa bdiet il-missjoni tagħna. Il-kant tal-aħħar hu sinjal li aħna pellegrini mexjin lejn is-Sema pajjiżna.

### 2. Indikazzjonijiet oħra għas-sehem interjuri u esterjuri tal-ġemgħa

*L-għajn tal-ħajja Nisranija.* Fil-Quddiesa nirċievu doni kbar, imma dawn għandhom l-għan li jgħinuna ngħixu l-ħajja u l-missjoni Nisranija tagħna fil-ħajja ta' kuljum. Il-Quddiesa mhix skop fiha nfisha, imma hija vjatku li trid twassalna, mit-toroq differenti ta' ħajjitna, lejn l-Ikla tassew fis-Saltna tas-Sema. L-istedina biex *"immorru"* allura hija stedina biex ngħixu dak li rċevejna u nikkollaboraw miegħu biex jagħmel il-frott fina u fl-oħrajn.

*L-avviżi tal-komunità.* Peress li din l-aħħar parti taċ-ċelebrazzjoni tiftaħ il-bieb għall-bqija tal-ħajja Nisranija, f'dan il-mument isiru xi avviżi dwar kif dik il-komunità partikulari se tkompli tgħix dak li rċeviet.

*Il-ġemgħa li xxolji (tiġi mibgħuta).* It-Tqarbin jagħmilna tassew Ġisem wieħed bejnietna; imma l-ħajja ta' kuljum titlobna biex ilkoll inkunu f'postijiet differenti. Fi tmiem il-Quddiesa jixraq li wieħed isellem lill-ieħor, mhux tant b'kortesija, imma bħala aħwa u kollaboraturi fl-istess għalqa tal-Knisja.

# V

# IL-QUDDIESA "RORATE": ĠOJJELL TAL-AVVENT

## Daħla

Il-Knisja, fl-istennija tal-Messija li ser jiġi fil-glorja, tinsab mifxula fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt. Iżda l-Profeta Iżaija jimliena bit-tama u l-kuraġġ bħalma mela n-nies ta' żmienu meta jgħidilna: "Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir; in-nies li joqogħdu f'art id-dlam dawl idda fuqhom" (9:1).

L-Avvent huwa żmien li jgħaqqad l-istennija eskatoloġika tar-ritorn ta' Kristu mal-miġja fl-istorja tat-twelid tiegħu, fejn Marija tokkupa post ċentrali. Għax fiha huma kkonċentrati t-tamiet ta' Iżrael u l-ftuħ tal-qalb tal-bniedem tal-lum biex jilqgħu l-grazzja ta' Alla. Il-Quddiesa *Rorate*, bit-ton kontemplattiv tagħha, tfakkarna li l-ebda qalb ma stenniet lill-Messija b'fidi, umiltà u mħabba ikbar minn dik tal-Omm ta' Alla.

Il-Quddiesa *Rorate* hija Quddiesa votiva f'ġieħ il-Verġni Marija, li tiġi ċċelebrata għad-dawl tax-xemgħa qabel is-sebħ matul iż-Żmien tal-Avvent. Il-Quddiesa tissejjaħ 'Rorate' għaliex it-talba tal-bidu tal-Quddiesa bil-Latin tibda b'dawn il-kelmiet: "*Rorate, cæli, desuper, et nubes pluant justum, aperiatur terra, et germinet Salvatorem* – Qattru, smewwiet, mill-għoli, u jraxxax is-sħab il-ġustizzja; tinfetaħ l-art u tinbet is-salvazzjoni" (Iż 45:8).

Il-fatt li l-Quddiesa tiġi ċċelebrata fid-dlam, imdawla biss mix-xemgħat, mhuwiex sempliċiment għażla estetika u ta' sbuħija. Huwa ġest teoloġiku li jesprimi l-istat tad-dinja qabel l-Inkarnazzjoni u, fl-istess ħin, ix-xenqa tar-ruħ għad-dawl ta' Kristu. Id-dlam tal-bidu jirrappreżenta r-realtà umana mmarkata mid-dnub u l-istennija tal-Feddej. Id-dawl baxx tax-xemgħat jissimbolizza t-tama li diġà bdiet tiddi, għalkemm dgħajfa. U s-sebħ li jasal bil-mod il-mod hekk kif iċ-ċelebrazzjoni tieħu l-kors tagħha jissimbolizza l-wasla ta' Kristu, li jinfed id-dlam bid-dawl tad-dehra tiegħu. Ħafna huma l-fidili li jesperjenzaw dan il-passaġġ b'mod profond ħafna: jaslu l-knisja fil-qalba tal-lejl u jirritornaw id-dar fid-dawl tal-jum, sinjal li l-fidi ddawwal il-ħajja ta' kuljum.

Fir-riforma li saret tas-Sena Liturġika frott il-Konċilju Vatikan II, iż-Żmien tal-Avvent ħa dan il-karattru doppju: it-tħejjija għall-ġrajja storika tat-twelid tal-Feddej u l-istennija għat-tieni miġja ta' Kristu fl-aħħar taż-żmien. L-istennija għat-tieni miġja ta' Kristu mhijiex ikkaratterizzata liturġikament minn biża', kundanna u qerda, iżda, kif nitolbu fit-talba tal-Missierna, "Tiġi saltnatek" hija oġġett ta' tama. Kif jgħid il-Missal Ruman, "l-Avvent huwa għalhekk żmien ta' stennija, sahra ferrieħa" (*Ordni Ġenerali tas-Sena Liturġika u l-Kalendarju*, 39).

Dan iż-żmien ta' stennija u sahra għall-miġja ta' Kristu jista' jingħaqad mal-istennija ta' Marija għat-twelid ta' Binha. Madwar tmien snin wara l-għeluq tal-Konċilju Vatikan II, il-Papa San Pawlu VI spjega li l-Avvent "għandu jitqies bħala żmien partikolarment adattat għad-devozzjoni lejn Omm il-Mulej, hu tassew żmien Marjan tas-sena" (Eżortazzjoni Appostolika *Marialis cultus*, 4). Huwa rrimarka wkoll li "l-liturġija tal-Avvent torbot l-istennija tal-Messija fl-istorja u l-istennija tar-ritorn glorjuż ta' Kristu mat-tifkira xierqa ta' Ommu, hekk jidher bilanċ tassew xieraq fejn tidħol il-qima" (*Marialis cultus*, 4). Dan il-bilanċ fil-Liturġija huwa norma teoloġika li tgħin biex tenfasizza li d-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka ma tistax tiġi separata minn dik ta' Kristu.

## Meta bdiet din iċ-ċelebrazzjoni?

Il-Quddiesa *Rorate* taf il-bidu tagħha fil-Medjuevu, magħrufa wkoll bħala *Missa aurea* (Quddiesa tad-deheb), u hi waħda mid-devozzjonijiet tal-Verġni Marija marbuta mal-Avvent. Minħabba l-ħafna wegħdiet mill-profeti li nisimgħu f'dan iż-żmien tal-Avvent, din il-quddiesa hija msejħa wkoll 'Quddiesa tal-Anġli', peress li fil-Vanġelu li jinqara hemm it-Tħabbira tal-anġlu Gabrijel, tant li jibda: *"L-anġlu Gabrijel ġie mibgħut"* (Lq 1:26). It-teologu u liturġista Adam Adolf, meta jitkellem fuq is-Sena Liturġika u dwar il-Quddiesa *Rorate* jgħid: "Din iċ-ċelebrazzjoni kienet popolari ħafna fost in-nies, speċjalment f'postijiet bħall-Ġermanja, il-Polonja, l-Awstrija, il-Kroazja, u l-Ungerija".

Il-prattika tal-Quddiesa *Rorate* nistgħu ngħidu li tmur lura għas-seklu 8 fl-Ordo Romanus XV: "Imbagħad, fil-Ħadd ta' qabel il-festa tat-Twelid tal-Mulej, jibdew ikantaw kant marbut mal-fatt li l-Mulej jinsab fil-ġuf tal-Verġni Marija". Dan il-Ħadd huwa meqjus bħala l-aktar Ħadd Marjan tas-sena. Il-Quddiesa *Rorate* tidher ukoll aktar tard fl-Antifonarju ta' Compiègne (l-Antifonarju ta' Karlu l-Fartas), li nkiteb fis-sena 877, u l-antifona tal-ġurnata tibda *"Rorate cæli"*.

Eventwalment, dan il-Quddies votiv inxtered ħafna tant li beda jiġi ċċelebrat f'diversi jiem konsekuttivi, u hekk twieldet in-Novena tal-Milied. Iċ-ċelebrazzjoni ta' disat ijiem ta' dan il-Quddies votiv li beda fil-Medjuevu b'mod jew ieħor nistgħu ngħidu li għadu ħaj sa żminijietna, għalkemm b'xorti ħażina d-dinja materjalista qed tisirqilna dan il-ġawhar prezzjuż. In-Novena ta' disat ijiem qabel il-Milied kienet tissimbolizza kull ġurnata marbuta ma' kull xahar tat-tqala ta' Marija.

Il-Quddiesa *Rorate*, minkejja li għadda tant żmien, għadha tista' tiġi ċċelebrata permezz ta' Quddiesa votiva tal-Verġni Marija fil-jiem matul l-Avvent. Fil-Liturġija, li ġiet riformata wara l-Konċilju Vatikan II, għadha teżisti Quddiesa votiva tal-Verġni Marija li għandha tintuża matul dan iż-żmien. Din il-Quddiesa tista' tiġi ċċelebrata b'mod xieraq u sabiħ bid-

dawl tax-xemgħat biex tgħin lill-fidili jidħlu fl-istennija doppja u ferrieħa għall-Festa tat-Twelid ta' Kristu u t-tieni miġja tiegħu.

Kien hemm id-drawwa li titkanta tliet darbiet l-antifona *"Ecce, Dominus veniet"* fi tmiem il-Quddiesa *Rorate*, fejn is-saċerdot imur fiċ-ċentru tal-altar, imbagħad ikanta l-antifona tliet darbiet, u wara dan l-antifona titkompla mill-ġemgħa preżenti. Kull intonazzjoni tinbeda b'ton ogħla minn ta' qabel. Dan jirrifletti l-prattika tal-kant għal tliet darbiet tal-*"Ecce Lignum Crucis"* nhar il-Ġimgħa l-Kbira u għal tliet darbiet tal-*"Lumen Christi"* u tal-"Hallelujah" fil-Vġili tal-Għid. It-test tal-antifona jgħid: "*Ecce Dominus veniet, et omnes sancti eius cum eo: et erit in die illa lux magna, alleluia.* – Ara, il-Mulej jiġi, u miegħu l-qaddisin kollha tiegħu; u dakinhar ikun hemm dawl kbir, hallelujah". L-*"Ecce, Dominus veniet"* hija t-tielet antifona għall-Uffiċċju tal-Ewwel Ħadd tal-Avvent. Ir-riferiment għad-dawl il-kbir huwa l-eku tal-Quddiesa li għadha kif saret fid-dawl tax-xemgħat u li matulha telgħet ix-xemx, simbolu ta' dawl etern, Kristu l-Mulej.

## Għaliex qabel sbiħ il-jum?

L-aspett ta' stennija u sahra jidher aktar ċar fl-istennija ta' tlugħ ix-xemx. Kif jgħid is-salmista, "tistenna ruħi lil Sidi, aktar milli l-għassiesa s-sebħ. Aktar milli l-għassiesa s-sebħ, jistenna Iżrael lill-Mulej!" (130:6). Filwaqt li d-dlam jiksi l-art, il-bniedem jista' biss jistenna. Fil-Quddiesa *Rorate* kmieni filgħodu qabel tlugħ ix-xemx, il-fidili fil-qalba tal-lejl fi knisja mdawla bid-dawl tax-xemgħat jimitaw l-għassiesa tas-salm, jistennew bil-ħerqa d-dawl etern li qatt ma jgħib. Il-fidili mdawrin mid-dlam naturali jistennew il-miġja tad-dawl fiżiku u dak spiritwali. Id-dawl huwa simbolu ta' Kristu, għax Kristu huwa d-dawl tad-dinja (ara Ġw 8:12). Kristu huwa wkoll "dawl li jdawwal lill-ġnus" (Lq 2:32). Matul din il-Quddiesa, il-fidili jkunu jistennew fiżikament id-dawl li qed ibexbex u spiritwalment jistennew il-miġja tad-dawl tad-dinja. Ir-rabta bejn id-dinja materjali u d-dinja spiritwali tidher b'mod sabiħ u ċar f'dan is-simboliżmu tad-dawl. Qabel ir-riforma konċiljari l-kulur liturġiku għal din iċ-ċelebrazzjoni kien l-abjad, iżda wara r-riforma l-kulur hu vjola, iżda ma jkunx barra minn

loku jekk għal din iċ-ċelebrazzjoni ta' din il-Quddiesa l-kulur ikun roża li juri s-sebħ, li jindika x-xemx li hu Kristu, ix-xemx tal-ġustizzja u li qatt ma tgħib.

## Sbuħija ta' tradizzjoni tal-Avvent li qed tirriskja li tintesa

Din iċ-ċelebrazzjoni tidher iktar attwali minn qatt qabel fejn donnu d-dinja tilfet kull sens ta' direzzjoni u valuri, fejn kollox sar relattiv. Id-dlam tal-materjaliżmu, l-indifferenza, il-pjaċir ħakmu d-dinja. Iżda l-Knisja f'dawn il-jiem tal-Avvent timliena bit-tama. F'dinja mudlama mifnija mill-gwerer, l-egoiżmu u l-inġustizzji hemm dawl f'dan il-post mudlam; u dan id-Dawl isaltan b'mod rebbieħ għax ser jitweldilna Salvatur li hu Kristu l-Mulej.

Il-Knisja tagħmel din il-verità aktar viżibbli bi tradizzjoni antika xi ftit minsija, dik tal-Quddiesa *Rorate*. Il-Quddiesa preferibbilment għandha ssir is-Sibt, peress li jum is-Sibt hu marbut mal-Madonna. Is-simboliżmu tagħha huwa enormi, espressjoni elokwenti tal-Avvent. Peress li tiġi ċċelebrata mas-sebħ, ir-raġġi sħan tax-xemx idawlu bil-mod il-knisja. Dan jirrifletti t-tema ġenerali tal-Avvent, żmien ta' stennija u antiċipazzjoni ħerqana għall-wasla tal-Iben ta' Alla, id-Dawl tad-dinja kemm bħala bniedem u kemm bħala l-Imħallef fl-aħħar taż-żmien.

Fil-Knisja tal-bidu, Ġesù kien irrappreżentat bħala s-*Sol Invictus*, u fid-dinja pagana l-25 ta' Diċembru kien magħruf bħala *Dies Natalis Solis Invicti* (Jum it-Twelid tax-Xemx qatt mirbuħa).

Santu Wistin jirreferi għal dan is-simboliżmu f'wieħed mid-diskorsi tiegħu: "Ħa nifirħu, ħuti; ħa jithennew il-popli. Dan il-jum sar qaddis għalina mhux minħabba x-xemx viżibbli, iżda minħabba l-Ħallieq inviżibbli tagħha, meta Omm verġni, fil-ġuf tagħha ġabitu fid-dinja, u għamlitu viżibbli għalina".

Marbut ma' dan is-simboliżmu hemm il-fatt li din il-Quddiesa tiġi ċċelebrata fit-Tifkira tal-Imqaddsa Verġni Marija, imsejħa wkoll il-


AVE
MRA
EVA

"Kewkba ta' filgħodu". Fl-istudju tal-astronomija, il-"Kewkba ta' Filgħodu" hija l-pjaneta Venere (li minnha ġejja l-kelma 'vespri'), li tidher l-aktar ċara fis-sema qabel tlugħ ix-xemx u wara nżul ix-xemx. Il-Verġni Marija hija l-vera "Kewkba ta' Filgħodu", li dejjem tressaqna lejn Binha. B'dan il-mod, il-Quddiesa *Rorate* tfakkarna fir-rwol ta' Marija fl-Istorja tas-Salvazzjoni.

Tfakkarna wkoll li d-dlam tal-lejl dejjem jingħeleb bid-dawl tal-jum. Hija verità sempliċi, iżda waħda li spiss ninsew, speċjalment meta nħossu li madwarna kollox qed jifgana. Alla jserrħilna moħħna billi jgħidilna li din il-ħajja hija għal żmien u li aħna barranin f'din l-art għax id-destin tagħna huwa s-Sema, kif jistqarr tajjeb San Pawl: "Imma aħna pajżana tas-sema; minn hemm bil-ħerqa nistennewh jiġi, is-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu. Hu għad irid ibiddlilna l-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu" (Fil 3:20-21).

Essenzjalment, il-Quddiesa *Rorate* hija tradizzjoni sabiħa li tgħinna nidħlu fl-ispirtu tal-Avvent. Fuq kollox, tgħinna niftakru u nirriflettu fuq waħda mill-veritajiet tal-fidi tagħna: id-dlam huwa dell li jgħaddi u jaħrab aktar malajr meta jara d-dawl il-kbir li hu Kristu: "Jiena hu d-dawl tad-dinja" (Ġw 8:12).

Din il-Quddiesa żmien ilu kienet espressjoni importanti tad-devozzjoni popolari. Il-fidili kienu jinġabru bi ħġarhom fil-knejjes, jisfidaw il-kesħa tax-xitwa, biex jieħdu sehem f'din il-liturġija speċjali. Maż-żmien, din it-tradizzjoni naqset, iżda llum hawn qawmien mill-ġdid, u toffri mod profond kif wieħed jgħix l-Avvent, f'dinja li dejjem aktar qed titbiegħed mit-tifsira spiritwali tal-Milied. Din il-Quddiesa f'ġieħ il-Verġni Marija tfakkarna li hija kienet l-ewwel dawl, iż-żerniq tas-salvazzjoni, tant li fit-talba tat-tmiem tal-quddiesa ta' jum it-Twelid ta' Marija l-Knisja titlob: *"Tifraħ, Mulej, il-Knisja tiegħek bil-misteri qaddisa li bihom inti ssaħħaħha, u tithenna bit-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija li mela d-dinja kollha bit-tama u bih żernaq għalina l-jum tas-salvazzjoni"*. L-umiltà u r-rieda tagħha wasslu biex id-Dawl tad-dinja jidħol fl-istorja. Fil-Quddiesa *Rorate* ningħaqdu ma' Marija fl-istennija tagħha u nitgħallmu mill-atteġġjament

ta' fidi u fiduċja totali tagħha f'Alla. Il-Quddiesa *Rorate* tistedinna nżommu l-fjamma tal-fidi mixgħula u ngħixu fl-istennija fidiċjuża tal-wegħdiet ta' Alla.

## Kif napplikaw l-ispirtu tal-Quddiesa Rorate fil-ħajja ta' kuljum

Minbarra li nipparteċipaw f'din iċ-ċelebrazzjoni mill-isbaħ, nistgħu napplikaw it-tifsira tagħha għall-ħajja tagħna ta' kuljum partikularment f'dan iż-żmien tal-Avvent. Dan billi:

*a) Inqumu kmieni għat-talb:* Hekk kif il-Quddiesa *Rorate* tiġi ċċelebrata mas-sebħ, nistgħu niddedikaw l-ewwel mumenti tal-ġurnata għat-talb. Li nqumu ftit qabel biex nitolbu u nimmeditaw fuq il-Kelma ta' Alla jgħinna nibdew il-ġurnata bi spirtu aktar orjentat lejn Alla.

*b) Ngħixu l-Avvent bit-tama:* Minflok ma nħallu lilna nfusna niġu megħluba mill-konsumiżmu taż-żmien tal-Milied, tajjeb niskopru mill-ġdid l-Avvent bħala żmien ta' tħejjija interjuri u spiritwali. Eżami serju tal-kuxjenza, qrara xierqa, u taħriġ tal-virtù tal-paċenzja fost l-oħrajn fl-istennija ta' Kristu, huma modi konkreti biex ngħixu dan iż-żmien liturġiku.

*c) Inkunu dawl għall-oħrajn:* Hekk kif id-dawl tax-xemgħa jdawwal il-Quddiesa *Rorate*, aħna wkoll imsejħin inkunu dawl għad-dinja. Permezz ta' atti żgħar ta' karità, kliem ta' inkuraġġiment, u ħajja koerenti mal-Vanġelu, nistgħu nirriflettu d-dawl ta' Kristu fid-dinja ta' madwarna.

*d) Insaħħu r-relazzjoni tagħna ma' Marija:* Il-Verġni Marija tgħallimna nistennew bil-fidi u l-umiltà. Nistgħu nonorawha billi ngħidu t-talba tar-Rużarju, nirriflettu u nimitaw l-eżempju tagħha.

## Konklużjoni

Il-Quddiesa *Rorate* tipproponi spiritwalità tal-Avvent ikkaratterizzata minn qawmien intern, sahra, u tama fiduċjuża. Hija stedina biex neħilsu lilna nfusna mir-rutina u nkunu aktar konxji mill-preżenza ta' Alla, li hi moħbija iżda hi tassew hemm. Id-dawl dgħajjef tax-xemgħat ifakkarna fil-ħtieġa li nżommu l-fidi tagħna ħajja, anki meta l-klima u l-ambjent ta' madwarna jimbuttawna lejn distrazzjoni, aljenazzjoni, indifferenza

u għeja. L-istennija bil-fiduċja li takkumpanja din il-liturġija tistedinna biex nimitaw l-attitudni ta' Marija, li żammet il-Kelma f'qalbha u ntelqet għalkollox għar-rieda ta' Alla. Il-Quddiesa *Rorate* b'hekk issir skola ta' ħajja Nisranija li tħejji r-ruħ biex tilqa' lill-Mulej b'qalb imġedda.

F'termini ta' kontenut, il-Quddiesa *Rorate* tiffoka fuq iċ-ċentralità tal-Avvent. L-ewwel li nsibu hi *s-sahra*: il-ħin mhux tas-soltu u stramb, u spirtu ta' sagrifiċċju huma meħtieġa biex wieħed jieħu sehem u jiftakar fid-dimensjoni evanġelika tal-"għassa" fl-istennija tal-Mulej, li jista' jiġi bħal ħalliel bil-lejl. It-tieni, *it-tama*: iċ-ċelebrazzjoni, li tibda fid-dlam, hija maħsuba biex tfakkarna li l-Insara ma jiċħdux l-eżistenza tad-dlam (kumbattimenti spiritwali, ġlidiet personali, kriżijiet, sitwazzjonijiet ta' sfida…), iżda pjuttost niġġildulhom, billi nafdaw f'dawl li ġej minn lil hinn minna, li hu Kristu l-Mulej. It-tielet, *Marija* tfakkarna b'insistenza li l-istennija Nisranija mhijiex waħda immaġinarja, iżda għandha l-wiċċ konkret tal-Iben li ġġorr f'ġufha.

Il-Quddiesa *Rorate* hija ħafna aktar minn tradizzjoni liturġika sabiħa. Hija stedina biex nidħlu fl-istennija tas-Salvatur, biex napprofondixxu r-relazzjoni tagħna mal-Verġni Marija, u biex ngħixu l-Avvent b'sens imġedded ta' fidi u tama. F'dinja dejjem aktar mgħaġġla u superfiċjali, jeħtieġ li niskopru mill-ġdid mumenti ta' riflessjoni u talb.

F'ħafna partijiet tad-dinja, il-Quddiesa *Rorate* esperjenzat qawmien spiritwali fi ħdan il-komunità parrokkjali. Din il-Quddiesa reġgħet kisbet post importanti fil-kalendarju tal-Avvent. Familji sħaħ, tfal, adolexxenti, żgħażagħ u adulti, u komunitajiet parrokkjali jinġabru billejl qabel is-sebħ, imsaħħrin mis-sbuħija tas-skiet u l-ambjent fejn dan il-ħin tal-lejl joffri opportunità ta' approfondiment spiritwali f'kuntrast mal-aljenazzjoni u d-distrazzjoni li toffri d- mad-dinja ta' madwarna f'dan iż-żmien ta' qabel il-Milied. Mingħajr il-ħtieġa ta' prietki twal, il-Quddiesa *Rorate* tevanġelizza waħedha: id-dawl baxx, il-kant Gregorjan, l-atmosfera tat-talb, u s-simboliżmu tal-lejl li jinbidel f'nhar ikellmu direttament lill-qalb.

Jekk għandek l-opportunità li tattendi għal Quddiesa *Rorate* f'dan l-Avvent, agħmel dan mingħajr tqanżiħ u skuži foloz. Ħalli d-dlam ta' filgħodu u d-dawl tax-xemgħat ikellmu lil qalbek, u ħalli din l-esperjenza ddawwal it-triq tiegħek lejn Kristu. U jekk ma tistax tattendi, ftakar li t-tifsira vera ta' din il-Quddiesa tinsab mhux biss fis-sbuħija esterna tagħha, iżda fil-messaġġ tagħha ta' tama, konverżjoni u tħejjija għal-laqgħa mal-Mulej.

## Tħejjija għal din il-Quddiesa

• Din il-Quddiesa tinsab fil-ktieb liturġiku *Quddies f'ġieħ il-Verġni Marija*, paġni 22-24. Il-Qari jinsab fil-Lezzjonarju *Ġabra ta' quddies f'ġieħ il-Verġni Marija*, paġni 15-17. Ara https://laikosblog.org/2024/11/06/quddies-fgieh-il-vergni-marija/.

• Xi suġġerimenti dwar il-kant: ovvjament ir-*Rorate cæli*, *Nistennew ħerqanin*, *Inħejju t-triq*, *Ejja fostna*, *Fik it-tama*, *Ejja Mulej*, *Ejja ejj'Emmanuel*, *Ġej il-Mulej*, *Ejja ejja o Ġesù*, *Ġo Nazaret*, *Smewwiet qattru*, *Jinstema' fl-għoli*, *Ejja Divin Messija*, u *Alma Redemptoris Mater*. Il-parti l-kbira ta' dawn l-innijiet isibuhom fil-ktieb *Għanjiet il-Ġemgħa*.

• Ambjent: Fuq il-presbiterju żewġ xbihat kbar, waħda tal-Madonna li tinsab tqila b'Ġesù, u oħra tal-Pantocrator: l-istennija tat-twelid ta' Ġesù fiż-żmien u l-istennija ta' Ġesù fl-aħħar taż-żmien. Il-knisja kollha tkun imdawla bid-dawl tax-xemgħa. Id-dawl elettriku fil-knisja jrid ikun mill-inqas kemm jista' jkun. Jekk tkun ser issir matul il-ġimgħa wara l-Ħadd Gaudete, il-presbiterju jista' jiżżejjen bi fjuri roża jew ta' lewn ħawħi.

• Din il-Quddiesa possibbilment issir is-Sibt, il-jum Marjan. Jagħmel sens jekk issir fil-jiem ta' qabel in-Novena, biex tkun stedina qawwija biex wieħed jattendi għal dawn id-disat ijiem ta' tħejjija għall-Milied.

• Il-kulur liturġiku hu l-vjola, iżda għal din l-okkażjoni ma tkunx ħaġa barra minn lokha jekk jintuża l-kulur roża, sinjal taż-żerniq.

• Il-ħin tal-Quddiesa jrid ikun filgħodu qabel is-sebħ. Jekk wieħed għandu gruppi ffurmati, jista' jistedinhom għal-lejl ta' velja li jkun jikkonsisti f'adorazzjoni fis-skiet li tibda għall-ħabta tal-11.00pm tal-jum ta' qabel, li mbagħad jintemm b'din il-quddiesa qabel is-sebħ. Jista' qabel il-Quddiesa wieħed jiċċelebra l-Uffiċċju tal-Qari.

• Tkun ħaġa xierqa li wara l-Quddiesa wieħed jistieden lil dawk preżenti għall-kolazzjon flimkien.

## Appendiċi

**• L-innu *Rorate cæli*: għajta u karba li tidwi mill-profeti u mill-Insara ta' kull żmien**

L-innu *Rorate cæli* huwa l-qalba mużikali ta' din iċ-ċelebrazzjoni u wieħed mill-aktar innijiet maħbuba tal-Avvent. Il-kliem tiegħu, ispirat minn Iżaija, jesprimi l-għajta tal-umanità kollha li qed tistenna lis-Salvatur. In-"nida" nieżla mis-sema ssejjaħ il-grazzja divina li tinżel bil-mod fuq dinja niexfa bil-għatx, bżonn tal-ħniena ta' Alla. F'ħafna komunitajiet, l-innu jitkanta f'purċissjoni, imdawla biss bid-dawl tax-xemgħat, u joħloq atmosfera u ambjent li jistieden għar-riflessjoni u jfakkarna li d-dinja f'kull żmien hija mxennqa għall-miġja tal-Messija. Il-ħlewwa tal-għanja u t-ton ta' talb tagħha jimlew b'entużjażmu l-ispirtu ta' dan iż-żmien liturġiku: xewqa profonda li Alla jintervieni u jidħol fl-istorja tal-bniedem, u jġedded wiċċ l-art.

**• Test tal-innu bil-Latin u bil-Malti** (adattament ħieles bil-Malti ta' Dun Michael Bugeja, 2026) ***[isimgħu hawn: https://youtu.be/9mp1VZtLbrc?is=vf-2ZheHBzC3GUZh]***

**℟ Roráte caéli désuper,
et núbes plúant Iustum.**

Ne irascáris, Dómine,
ne ultra memíneris iniquitátis:
ecce cívitas Sancti facta est desérta,
Sion desérta facta est,
Ierúsalem desoláta est:
domus sanctificatiónis tuae et glóriae tuae,
ubi laudavérunt te patres nostri.

**℟ Roráte caéli désuper,
et núbes plúant Iustum.**

Peccávimus, et facti sumus tamquam immúndus nos,
et cecídimus quasi fólium univérsi:
et iniquitátes nostrae quasi ventus abstulérunt nos:
abscondísti fáciem tuam a nobis,
et allisísti nos in manu iniquitátis nostrae.

℟ **Roráte caéli désuper,
et núbes plúant Iustum.**

Vide, Dómine, afflictiónem pópuli tui,
et mitte quem missúrus es:
emítte Agnum, dominatórem terrae,
de Petra desérti ad montem fíliae Sion:
ut áuferat ipse iugum captivitátis nostrae.

℟ **Roráte caéli désuper,
et núbes plúant Iustum.**

Consolámini, consolámini, pópule meus:
cito véniet salus tua:
quare maeróre consúmeris,
quia innovávit te dolor?
Salvábo te, noli timére:
ego enim sum Dóminus Deus tuus,
Sanctus Israel, Redémptor tuus.

℟ **Roráte caéli désuper,
et núbes plúant Iustum.**

**℟ Qattru sew,**
**smewwiet, mill-għoli,**
**u ħalli l-Ġust jitraxxax mis-sħab.**

La żżommx fuqna l-korla tiegħek,
Mulej, Alla, f'dan iż-żmien,
insa l-ħażen ta' għemilna
li jdellilna kullimkien.

Sijon ħerba, mhix tingħaraf,
tiġrif biss Ġerusalemm;
f'dar qdusitek talbuk ħniena.
ta' qabilna faħħruk fl-hemm.

℟. **Qattru sew…**

Dnibna lkoll, bis-semm tniġġisna,
bħal werqiet dbilna qatigħ;
sew il-qerq u l-ħażen tagħna
ġarrew ruħna ma' kull riħ.

Wiċċek ħbejt u tgħattejt minna,
ma nistgħux inħarsu lejk.
Tlaqtna, rħejtna f'idejn l-għadu,
ma nistgħux nitfarrġu ħdejk.

℟. **Qattru sew…**

Ħares lejna, Mulej Alla,
b'kemm tbatija imdawrin,
ibgħat fostna lill-Imwiegħed
għaliex niedma u mregħxin.

Ibgħat fostna l-Ħaruf Sidna
mid-deżert fejn Petra nbniet,
sa bint Sijon l-għolja mqaddsa
biex jeħlisna mir-rabtiet.

℟ **Qattru sew…**

Farraġ, farraġ lil dal-poplu,
fittex salva lill-bnedmin
għaliex mifni int u mweġġa',
'n-niket sehmek għall-ħajjin

Insalvak, iva, neħilsek
għaliex jien Alla l-Mulej,
il-Qaddis tal-poplu tiegħi,
jien għalik se nkun Feddej.

℟. **Qattru sew…**

## Melodija Gregorjana




*Il-Kor jirrepeti: Roráte.*




℟. Roráte.




℟. Roráte.




℟. Roráte.




℟. Roráte.

## Verżjoni oħra tal-innu bil-Malti




Smewwiet qattru, qattrulna mill-għoli.
Bla dewmien raxxax, sħab, il-Feddej.
Art infetaħ, ħa jinbet minn ġufek
il-Mistenni tal-ġnus; hu l-Mulej.

Din hi t-talba ħerqana xħin nersqu
magħqudin fil-quddies inqimuk:
Int li ġejt, tehdiex tiġi hawn fostna!
Tkun sultan il-ġnus kollha rriduk.

II

## IL-VERĠNI MARIJA FIT-TĦABBIRA TAL-MULEJ

Fi żmien l-Avvent il-Liturġija kuljum tfakkar it-tħabbira ta' l-Anġlu lill-Verġni Marija: "Qal l-anġlu Gabrjel lil Marija: Sliem għalik, mimlija bil-grazzja; il-Mulej miegħek; imbierka inti fost in-nisa" *(Ant f'nofs in-nhar)*. U kuljum titlob: "Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej, int... ilqajt it-tislima li tak Gabrjel u bqajt xebba... ħenn... għal uliedek midinba *(Ant. ta' l-aħħar)*.

Il-kunsens tal-Verġni Marija li ġie qabel l-Iben ta' Alla sar bniedem, għax hekk kienet ir-rieda ta' Alla (ara *Lumen gentium* 56), għandu importanza kbira fil-ġrajja tas-salvazzjoni, għaliex l-inkarnazzjoni tal-Verb ta' Alla hi t-tiġdid tal-bniedem.

Il-Liturġija tal-Knisja ta' Ruma tfakkar dan il-misteru tas-salvazzjoni tagħna mhux biss fis-solennità tal-25 ta' Marzu, imma wkoll, qrib il-Milied, fl-20 ta' Diċembru, u b'mod speċjali fir-raba' Ħadd tal-Avvent ċiklu B. Iċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-misteru jaqbel ħafna man-natura u l-karattru ta' żmien l-Avvent. Għalhekk il-Quddiesa f'ġieħ il-Verġni Marija fit-tħabbira tal-Mulej tkun flokha ħafna jekk titqaddes kull darba li, fi żmien l-Avvent, għal xi raġuni ġusta, tkun se ssir it-tifkira ta' Omm il-Mulej.

Fil-formularju ta' din il-Quddiesa naqraw il-profezija dwar xebba li ssir omm: ("Araw, ix-xebba titqal u tiled iben". *Lezz.* I Is 7,10-14; 8,10c) u tħabbira ta' l-Anġlu lix-xebba ta' Nazaret ("Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben": Evanġ. Lq 1, 26-38).

Din il-Quddiesa fl-imgħoddi kienet titqaddes fl-Erbgħat tal-Avvent, u minħabba l-ġmiel tagħha, spiss, fiż-żminijiet tan-nofs, kienet magħrufa bħala "missa aurea". Il-formularju ta' din il-Quddiesa jinsab fis-Sagramentarju Malti fil-Komun tal-Verġni Marija fi żmien l-Avvent, imma l-prefazju hu dak tas-solennità tat-Tħabbira tal-Mulej.

### ANTIFONA TA' L-INTROJTU

Qattru, smewwiet, mill-għoli,
u ħalli s-sħab iroxx il-ġustizzja,
ħa tinferaq l-art u tinbet is-salvazzjoni.

Is 45,8

### KOLLETTA

Nitolbu.
O Alla, int ridt li, mat-tħabbira ta' l-Anġlu,
il-Verb tiegħek isir bniedem fil-ġuf tal-imqaddsa Verġni Marija,
u aħna nemmnu li hi saret tassew Omm Alla;
fiċ-ċokon tagħna nitolbuk
li jkollna l-għajnuna tat-talb tagħha.
B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla,
u miegħek igħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu,
għal dejjem ta' dejjem.

## TALBA FUQ L-OFFERTI

L-Ispirtu s-Santu, li bil-qawwa tiegħu
Ibnek tnissel fil-ġuf tal-Verġni Mqaddsa Marija,
iqaddes, Mulej, dawn l-offerti
li aħna qegħidna fuq l-artal tiegħek.
Bi Kristu Sidna.

## PREFAZJU

*Il-Verġni Marija tilqa' t-tħabbira ta' l-Anġlu b'fidi sħiħa.*

℣. Il-Mulej magħkom.
℟. U miegħek ukoll.

℣. Nerfgħu qlubna 'l fuq.
℟. Nerfgħuhom lejn il-Mulej.

℣. Niżżu ħajr lill-Mulej Alla tagħna.
℟. Hekk sewwa u xieraq.

Sewwa u xieraq tassew,
Mulej, Missier qaddis, Alla ta' dejjem li tista' kollox,
tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna
li dejjem u kullimkien inroddulek ħajr:
bi Kristu Sidna.

Biex Hu jitwieled fostna u għalina l-bnedmin,
il-Verġni Marija laqgħet bil-qalb
it-tħabbira li int bgħattilha mis-sema,
u nisslitu bl-imħabba fil-ġuf tagħha bla tebgħa,
bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu,
li xeħet id-dell tiegħu fuqha.
Hekk seħħu tassew il-wegħdiet
li int għamilt lil ulied Israel
u d-dinja ħasset, b'għaġeb liema bħalu,
li x-xewqa tal-ġnus kienet waslet biex tintemm.

Bih, il-qtajja' kollha ta' l-Anġli,
ferħana għal dejjem quddiemek,
iqimu l-kobor tiegħek.
Flimkien ma' tagħhom, ilqa', nitolbuk, it-tifħir tagħna,
waqt li magħhom nifirħu u ntennulek:

Qaddis, qaddis, qaddis, Mulej Alla ta' l-eżerċti,
is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek.
Hosanna fl-għoli tas-smewwiet.
Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.
Hosanna fl-għoli tas-smewwiet.

## ANTIFONA TAT-TQARBIN

Arawha, ix-xebba ssir omm
u jkollha iben u ssemmih Għimmanu-el.

Is 7,14

## TALBA WARA T-TQARBIN

Nitolbu.
Mulej Alla tagħna, agħmel li din it-tqarbina mqaddsa
tkun għalina sinjal tal-ħniena tiegħek
li inti dejjem ixxerred fuqna, biex aħna li, b'fidi kbira,
niċċelebraw it-tifkira ta' Omm Alla,
insalvaw bil-qawwa ta' l-inkarnazzjoni
ta' Ibnek Ġesù Kristu Sidna,
li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

II

# IL-VERĠNI MARIJA FIT-TĦABBIRA TAL-MULEJ

## Lezzjoni I

*Araw, ix-xebba titqal*

Qari mill-Ktieb tal-profeta Isaija 7,10-14; 8,10c

F'dawk il-jiem:

Il-Mulej issokta jkellem lil Aħaz u jgħidlu: "Itlob sinjal għalik minn għand il-Mulej Alla tiegħek f'qiegħ l-art jew fil-għoli tas-smewwiet."

U Aħaz wieġeb: "Ma nitlobx; ma rridx nittanta lil Alla".

U l-profeta wieġeb: "Isimgħu, mela, dar David: mhux biżżejjed għalikom li tkiddu lill-bnedmin, biex issa se tkiddu lil Alla tiegħi? Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess. Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-el, għax Alla magħna".

Il-Kelma tal-Mulej.

## Salm responsorjali

Salm 39, 7-8a.8b-9.10-11 (℟. ara 8a u 9a)

℟. Hawn jien ġej, Mulej, biex nagħmel ir-rieda tiegħek.
Int ma titgħaxxaqx b'sagrifiċċji u offerti;
imma widnejja inti ftaħtli;
ma tlabtnix vittmi tal-ħruq u tat-tpattija.
Imbagħad jien għidt: "Hawn jien ġej". ℟.

"Fil-bidu tal-ktieb hemm miktub fuqi
li nagħmel ir-rieda tiegħek.
Alla tiegħi dan jogħġobni;
il-liġi tiegħek ġewwa qalbi." ℟.

Xandart il-ġustizzja tiegħek f'ġemgħa kbira;
xofftejja ma żammejthomx magħluqa
Mulej dan inti tafu. ℟.

Ma ħbejtx f'qalbi l-ġustizzja tiegħek;
il-fedeltà u s-salvazzjoni tiegħek jien ħabbarthom;
ma ħbejtx it-tjieba u l-fedeltà tiegħek
lill-ġemgħa kbira. ℟.

Tista' tinqara wkoll il-Lezzjoni I bis-salm responsorjali tal-Appendici n.6.

## Vers tal-Hallelujah

Ġw 1, 14ab

℟. Hallelujah.
℣. Il-Verb sar bniedem
u għammar fostna
u aħna rajna l-glorja tiegħu.
℟. Hallelujah.

## Evanġelju

*Int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben*

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa

1,26-38

F'dak iż-żmien:

Alla bagħat l-anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha, x'setgħet qatt tfisser dik it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba jiena verġni?"

Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej; ħa jsir minni skond kelmtek". U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.

Jista' jinqara wkoll l-Evanġelju bil-vers ta' l-Hallelujah mill-Appendiċi n.17.

## Talbiet Universali

**Ċel:** Kristu huwa l-ferħ u l-hena ta' kull min jemmen fih. Għalhekk inġbarna kmieni dalgħodu qabel tlugħ ix-xemx biex niċċelebrawh fl-istennija tat-tifkira tat-Twelid tiegħu fiż-żmien bħala tarbija f'Betlehem, kif ukoll fl-istennija tat-tieni miġja tiegħu fil-glorja fl-aħħar taż-żmien. Insejħulu bil-qalb u ngħidulu: *Ejja, Mulej, la tiddawwarx.*

1. Iben ta' Alla l-Għoli, int kont imħabbar lill-Verġni Marija mill-Anġlu Gabrijel: ejja saltan fuq il-poplu tiegħek għal dejjem. *Nitolbu.*

2. Inti l-Qaddis ta' Alla, li quddiemek Ġwanni qabeż bil-ferħ fil-ġuf ta' Eliżabetta: ejja biex tferraħ id-dinja kollha bis-salvazzjoni tiegħek. *Nitolbu.*

3. Ġesù Salvatur, ismek ħabbru l-anġlu lil Ġużeppi, ir-raġel ġust: ejja salva 'l-poplu tiegħek minn dnubiethom. *Nitolbu.*

4. Inti d-dawl tad-dinja, mistenni minn Xmun u l-ġusti kollha: ejja fostna u kun il-faraġ tagħna. *Nitolbu.*

5. Żakkarija ħabbar il-miġja tiegħek fostna mill-għoli bħax-xemx tielgħa li qatt ma tgħib: ejja dawwal lil dawk li qegħdin fid-dell tal-mewt. *Nitolbu.*

6. Iżaija l-profeta mela lill-poplu tiegħek bit-tama li għad jerġa' lura mill-eżilju lejn il-belt il-qaddisa Ġerusalemm: għinna sabiex qatt ma ninsew li xi darba aħna wkoll irridu naslu f'Ġerusalemm tas-Sema. *Nitolbu.*

**Ċel:** O Alla, inti taf b'liema fedeltà l-poplu tiegħek qiegħed jistenna l-festa tal-Milied; agħtina, nitolbuk, li jseħħilna naslu bl-istess ferħ u ħeġġa li aħna nġarrbu fit-Twelid ta' Sidna għall-hena bla qies għal dejjem fis-sema. Bi Kristu Sidna. Ammen.

## Referenzi


Adolf Adam, *The Liturgical Year: Its History and its Meaning after the Reform of the Liturgy*, trans. Matthew J. O'Connell (Liturgical Press 1981), 138.

Augé Matias, *L'Anno Liturgico. Il Tempo della Manifestazione del Signore* (Città del Vaticano, Libreria Editrice Vaticana 2009), 203-213.

Kummissjoni Liturġika Maltija, *Quddies f'ġieħ il-Verġni Marija* (Malta 1987).

Nocent Adrien, *"Il Tempo della manifestazione"*, f'*Anamnesis: L' Anno Liturgico* (Genova, Marietti 1988), 193-198.

*Ordni Ġenerali tas-Sena Liturġika u l-Kalendarju*, 39.

Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika *Marialis cultus*, 4.

Vogel Cyrille, *Medieval Liturgy* (Washington, DC: Pastoral Press 1986), 153-154, 168.

## VI

# NOTA DWAR IL-KANT WAQT IĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI

### L-importanza tal-kant (mill-Missal Ruman)

39. Il-fidili, li jinġabru jistennew il-miġja tal-Mulej tagħhom, huma mħeġġa mill-Appostlu biex ikantaw flimkien salmi, innijiet u għanjiet spiritwali (ara Kol 3:16). Fil-fatt, il-kant huwa sinjal ta' qalb ferħana (ara Atti 2:46). Għalhekk, Santu Wistin bir-raġun jgħid: "Il-kant huwa għal dawk li jħobbu", u qawl antik jgħid: "Min ikanta tajjeb jitlob darbtejn".

40. Fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, għalhekk, għandha tingħata importanza kbira lill-kant, filwaqt li tingħata attenzjoni lid-diversità kulturali tan-nies u l-possibbiltajiet lil kull assemblea liturġika. Għalkemm mhux dejjem ikun meħtieġ, fil-Quddies ta' matul il-ġimgħa, li jitkantaw it-testi kollha li min-natura tagħhom huma maħsuba għall-kant, għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li l-kant tal-ministri u tan-nies ma jkunx nieqes fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ħadd, solennitajiet u festi.

Fl-għażla tal-partijiet li għandhom jiġu kantati, għandha tingħata preferenza lil dawk ta' importanza akbar, speċjalment dawk li għandhom jiġu kantati mis-saċerdot, mid-djaknu, jew mil-lettur flimkien man-nies li jwieġbu, jew mis-saċerdot u n-nies flimkien.

41. Sa fejn hu possibbli, għandha tingħata preferenza lill-kant Gregorjan, peress li huwa proprju tal-Liturġija Rumana. Ġeneri oħra ta' mużika sagra, speċjalment il-polifonija, bl-ebda mod ma huma esklużi, sakemm jikkorrispondu mal-ispirtu tal-azzjoni liturġika u jinkuraġġixxu l-parteċipazzjoni tal-fidili kollha.

## Daħla

Billi l-kant għandu post importanti waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u Ewkaristiċi, qed ngħaddu lil dawk inkarigati minn dan is-servizz (animaturi tal-kant, kanturi, organisti, eċċ.), kriterji u linji-gwida li għandhom isegwu, kif inhuma mitluba f'dokumenti konċiljari, partikularment fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija *Sacrosantum Concilium* li, dwar il-mużika sagra, tiddikjara:

1. L-azzjoni liturġika tieħu forma aktar nobbli meta ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi jiġu ċċelebrati solennement bil-kant, u l-ministri li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni jipparteċipaw fihom flimkien mal-poplu b'mod attiv. (n. 113)

2. Il-Knisja universali tirrikonoxxi l-kant bħala teżor ta' valur imprezzabbli, għalhekk il-mużika tkun aktar qaddisa iktar ma tkun magħquda intimament mal-azzjoni liturġika. Għal din ir-raġuni, il-kant magħżul għall-Quddiesa għandu jkun dak l-aktar adattat għal-liturġija. (n. 112)

3. Huwa meħtieġ li wieħed ikollu formazzjoni liturġika adegwata sabiex l-għażla tal-kant tkun f'armonija ma' dak li jkun qed jiġi ċċelebrat f'dak iż-żmien partikulari tas-sena liturġika.

4. Il-liturġija hija l-azzjoni li fiha Alla jiġi gglorifikat u l-bniedem jitqaddes. (n. 7)

5. Testi maħsuba għall-kant għandhom ikunu skont id-duttrina Kattolika u, aktar minn hekk, għandhom jittieħdu prinċipalment mill-Iskrittura Mqaddsa u minn sorsi liturġiċi. (n. 121)

6. Il-kant għandu jidħol fil-liturġija skont id-dispożizzjonijiet tal-Quddiesa u tas-Sagramenti.

7. Għandu jiġi inkuraġġit il-kant matul iċ-ċelebrazzjoni liturġika kollha sabiex il-poplu jingħaqad f'leħen wieħed ifaħħar lil Alla.

8. Minbarra l-orgni, strumenti oħra huma permessi fiċ-ċelebrazzjoni, sakemm ikunu adattati jew jistgħu jiġu adattati għall-użu sagru u jikkontribwixxu għall-edifikazzjoni tal-fidili. (n. 120)

9. Il-kant liturġiku jservi biex jesprimi kull tip ta' talb, tifħir, maħfra, petizzjoni, rikonċiljazzjoni, fejqan, u ħelsien.

10. Ħadd ma jista' jbiddel, iżid, jew ineħħi xi ħaġa fuq inizjattiva personali tiegħu fejn tidħol il-liturġija, lanqas jekk hu saċerdot. (n. 22)

11. Il-kompożituri Nsara għandhom jikkomponu xogħlijiet li juru l-karatteristiċi tal-mużika sagra vera u li mhux biss jistgħu jiġu kantati mill-korijiet il-kbar, iżda wkoll minn korijiet żgħar, u jinkuraġġixxu l-parteċipazzjoni attiva tal-fidili. (n. 121)

12. Il-kant reliġjuż popolari għandu jiġi inkuraġġit. (n. 118)

13. Kull kant liturġiku jrid jesprimi ruħu b'mużika u melodija xierqa, u li tkun adattata u xierqa għall-mument li jkun qed jiġi ċċelebrat. L-ebda kant liturġiku m'għandu jiġi interpretat b'mużika profana, kummerċjali jew popolari.

## Kant għal waqt il-quddiesa – karatteristiċi

Din li ġejja hi ħarsa ħafifa skematika iżda prattika biex wieħed jifhem u jagħmel għażla bir-reqqa ta' kant għall-quddies ritwali bħal magħmudija, tqarbin, funerali, żwieġ, eċċ., u l-mument liturġiku fejn għandu jiddaħħal.

Il-*kant tad-dħul* huwa tħejjija għall-bidu tal-Quddiesa; in-nies għandhom joqogħdu bilwieqfa għax dan ifisser "il-mixja tal-poplu ta' Alla". Il-kant jibda mill-mument li s-saċerdot jibda l-mixja lejn l-altar u jispiċċa meta jasal fuq is-sedja. (Jekk jintuża l-inċens, il-kant ikompli sakemm is-saċerdot jasal fuq is-sedja.) L-iskop tal-kant huwa li jgħin lill-ġemgħa miġbura tieħu sehem sħiħ fiċ-ċelebrazzjoni liturġika, kif ukoll jakkumpanja l-purċissjoni tas-saċerdot u l-ministri. Għandu jkun kant ferrieħi li jistieden lill-komunità tipparteċipa fl-Ewkaristija. Il-kant jista' jkun ibbażat fuq l-Antifona tad-Dħul.

Il-*Mulej, ħniena* hija l-akklamazzjoni tal-fidili li jitolbu ħniena; huwa kant ta' rikonċiljazzjoni. Jekk ma titkantax, tingħad. Ġeneralment titkanta u tindaqq f'tonalità minuri, għax tesprimi sens ta' ndiema u dispjaċir. Tista' tiġi esegwita bir-ripetizzjoni tal-akklamazzjonijiet.

Il-*Glorja* hija innu li jagħti glorja lil Alla l-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu. Skont iż-żmien liturġiku, ma tiġix kantata matul ir-Randan u l-Avvent; titkanta fis-solennitajiet, fil-Ħdud u fil-festi. Suppost dejjem titkanta, peress li hija innu. Il-kliem ma għandux jinbidel.

Is-*Salm Responsorjali* huwa t-tweġiba tal-poplu għall-Kelma ta' Alla; preferibbilment, għandu jkun salm li jikkorrispondi mal-ġurnata. Is-salm kollu jista' jiġi kantat, jew inkella jinqara. Il-parti ripetuta mill-poplu tista' tiġi kantata, u l-partijiet l-oħra jinqraw. Importanti li l-mużika ma tkunx miktuba fuq noti għoljin, biex kemm jista' jkun kulħadd ikanta.

L-*Hallelujah* hija akklamazzjoni ta' tifħir għall-Evanġelju u tħabbira ta' Kristu Rxoxt; liturġikament, l-ebda kelma ma għandha titħalla barra jew tiżdied. L-akklamazzjoni għandha tinqara f'nofs il-kant jew tiġi inkluża

fil-kant innifsu. Matul ir-Randan, l-espressjoni "hallelujah" tinbidel għal "Glorja u tifħir lilek, Kristu".

Il-*kant għall-preżentazzjoni tal-offerti* huwa kant marbut mal-offerta tal-ħobż u l-inbid. Il-kliem tal-kant għandu jirreferi għat-trasformazzjoni tal-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Il-kant jibda mar-Rit tal-Offertorju.

Il-*Qaddis* m'għandux jinbidel, jitneħħa, jew tiżdied xi kelma fih; preferibbilment, għandu jitkanta.

L-*Akklamazzjoni* tista' tkun "Kull darba li nieklu…", "Inħabbru l-mewt tiegħek…", jew, fir-Randan, "Salvana int…". Il-kliem ma jinbidilx meta jitkanta.

Il-kliem tal-*Missierna* ma għandux jinbidel, jitneħħa, jew jiżdied. Tista' titkanta jew tiġi reċitata, imma m'għandhiex titkanta b'mużika meħuda minn kant profan jew mhux sagru.

Is-*Sinjal tal-Paċi* huwa fakultattiv fil-Quddiesa; jista' jitkanta jew ma jitkantax. Jekk jitkanta, m'għandux jittawwal aktar milli meħtieġ sabiex ma jfixkilx ir-ritmu tat-talba tal-Quddiesa. Għandu jintemm meta s-saċerdot ikun lest fuq l-altar għall-preżentazzjoni ta' Ġesù fl-Ewkaristija u tibda l-akklamazzjoni tal-Ħaruf ta' Alla.

Il-kant tal-*Ħaruf ta' Alla* ma jistax u m'għandux jiġi sostitwit b'kant ta' paċi, u lanqas b'xi kant ieħor. Irid jitkanta mill-ġemgħa kollha u jista' jiġi ripetut diversi drabi biex jakkumpanja l-qsim tal-ħobż. Għandu jintemm b'"Agħtina l-paċi". Il-kliem ma jistax jinbidel.

Il-*kant tat-Tqarbin* jipprovdi lin-nies ambjent favorevoli għall-meditazzjoni; preferibbilment, għandu jkun kant li jitkellem dwar il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu bħala ikel. Jsta' jkun kant relatat mal-Evanġelju jew mal-Antifona tat-Tqarbin.

Jista' jsir *kant ta' riflessjoni jew radd il-ħajr* wara t-tqarbin. Huwa possibbli, u dejjem skont il-mument, li jitkanta kant li jgħin għall-ġabra u r-riflessjoni. Jista' jgħin ukoll għall-meditazzjoni. Wieħed ma għandux jisforza dan il-mument; irridu nitgħallmu nżommu s-skiet!

Il-*kant finali* jista' jkun kant li jistedinna biex ngħixu l-Ewkaristija f'ħajjitna; jista' jkun kant ta' ferħ u ta' radd il-ħajr. Hija sejħa biex inħossuna poplu, biex nimxu flimkien b'kuraġġ għax imsaħħin bl-Ewkaristija nistgħu naffrontaw id-dinja ta' madwarna. Jista' jkun ukoll kant lill-Verġni Marija.

## VII

# SHEMA:
# LEJL IMDAWWAL MILL-EWKARISTIJA

### *Kartelluni mill-Wirja li saret fis-Sotterran tal-Kurja tal-Isqof (Mejju 2026) dwar l-iżvilupp tal-Ewkaristija*



# Shema
Lejl Imdawwal mill-Ewkaristija

Iktar milli oġġetti ta' valur storiku jew artistiku, din il-wirja interattiva tixtieq toffrilek katekeżi sempliċi u qasira dwar l-iżvilupp tal-Misteru li hu l-qalba tal-ħajja tal-Knisja – l-Ewkaristija – u li fih Sidna Ġesù Kristu ried iħallilna Ġismu u Demmu biex jifdina.

Fil-kuntest tal-attività *Shema – Lejl Imdawwal mill-Ewkaristija*, qed nerġgħu noffrulek wirja oħra f'dan is-Sotterran uniku tal-Kurja tal-Isqof, waħda mill-aktar binjiet eleganti tal-Belt Victoria. Dawn il-kmamar joffru ambjent mill-isbaħ biex int tista' tagħmel mixja żgħira ta' fidi, bl-għajnuna ta' dak li se tara, tisma' u taqra.

Int u ddur din il-wirja, ftakar li għalik Kristu ta ħajtu kollha. L-Ewkaristija Mqaddsa, flimkien mal-Kelma ta' Alla, hi l-ikel li bih ngħixu bħala Nsara. Bħalma qalu l-Martri tal-Abitene fis-seklu 4, "aħna ma nistgħux ngħixu mingħajr l-Ewkaristija".

GHIMMANU-EL

APS bank



# L-EWKARISTIJA

Ftit hemm suġġetti li ġew ittrattati tul l-elfejn sena ta' storja tal-Knisja daqs l-Ewkaristija Mqaddsa. Sa minn dak il-mument tal-Aħħar Ikla li fiha tlissnu l-kelmiet "Dan hu Ġismi", "Dan hu Demmi", il-Knisja obdiet b'fedeltà l-amar tal-Imgħallem Divin: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (Lq 22:19-20).

L-Ewkaristija, mill-Grieg *eucharistein* (εὐχαριστεῖν), litteralment tfisser "trodd ħajr", tirringrazzja. Matul l-istorja tal-Knisja nsibuha wkoll b'ismijiet oħra, bħall-*Qsim tal-Ħobż* u l-*Ikla tal-Mulej*.

Ma hemmx mod isbaħ u ogħla minnha biex – bi Kristu, ma' Kristu, u fi Kristu – il-bniedem jirringrazzja u jfaħħar lil Alla tad-doni kollha li huwa tah – mill-ħolqien sal-għotja l-kbira ta' Ibnu magħmul bniedem li biha salva l-eżistenza kollha tagħna.

# IL-QIMA LID-DIVINITÀ

Fuq din l-art ċkejkna f'nofs il-Mediterran, sa miż-żminijiet bikrin Neolitiċi (seklu 4 QK) għandna ħjiel ta' poplu reliġjuż tassew, li bena tempji ta' statura enormi bħalma kienu dawk tal-Ġgantija f'Għawdex u tal-Imnajdra u Ħaġar Qim f'Malta biex jagħti qima lill-allat tiegħu. Il-kult tal-fertilità, fost l-oħrajn, huwa xhieda tar-rabta intima li sa mill-qedem il-bniedem ħass li teżisti mad-divin, bl-għotja tas-sagrifiċċji offruti lill-allat.

F'diversi kulturi tal-qedem, l-elementi tan-natura kellhom rwol importanti fir-relazzjoni tal-bniedem mad-divinità. F'bosta ritwali primittivi, komuni jew simili f'diversi popli, insibu l-offerta tal-ġid tal-art lid-divinità bħala sinjal ta' gratitudni, sottomissjoni jew tpattija.

Fil-Monoteiżmu Lhudi, Alla jirrivela ruħu l-ewwel bħala l-Feddej u mbagħad bħala l-Ħallieq, dak li jipprovdi u jagħti l-għajxien lill-bniedem li huwa jeħles bl-id setgħana tiegħu.



# IL-ĦOBŻ LI TAGĦTI L-QAMĦA

*"Imbierek int, Mulej, Alla tal-ħolqien kollu, għax fi tjubitek tajtna l-ħobż li qegħdin noffrulek, frott tal-art u xogħol il-bniedem, li minnu jsir għalina l-ħobż tal-ħajja."*

mil-Liturġija tal-Quddiesa

Fl-Iskrittura Mqaddsa, fost l-aktar ħjiel bikri li jipprefigura l-ħobż Ewkaristiku għandna fil-ktieb tal-Ġenesi l-figura primordjali tas-saċerdot u sultan Melkisedek (kap. 14) li jagħmel lil Abraham l-offerta misterjuża ta' ħobż u nbid.

Fil-ktieb tal-Eżodu, il-ħobż ażżmu fuq il-mejda tal-Lhud fl-ikla tat-tluq tagħhom mill-jasar tal-Eġittu (kap. 12) hu bla ħmira għax isir il-ħobż tal-ħelsien. Fid-deżert, imbagħad, Alla jibgħat il-manna mis-Sema, għax hu dak li jipprovdi u jitma' lill-poplu tal-Patt tiegħu (kap. 16).

B'tifkira ta' dan kollu, fit-Tinda tal-Laqgħa u mbagħad fil-Qaddis tal-Qaddisin fit-Tempju ta' Ġerusalemm jitqiegħdu t-tnax-il ħobża tal-Preżenza (Eż 25), kif ordna Alla nnifsu.

Anki l-profeta Elija jingħata l-ħobż biex ikun ta' sosteniment għalih fil-mixja, huwa u jaħrab mill-korla tas-sultana Ġeżabel (1 Slat 17 u 19).



Fit-Testment il-Ġdid, il-miġja ta' Kristu taghti tifsira mġedda lil dan l-element. L-Iben ta' Alla jingħata għalina bħala ikel f'maxtura, f'Betlehem, "dar il-ħobż".

Il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż irrakkuntat mill-erba' evanġelisti jħabbar minn qabel l-abbundanza tal-għotja Ewkaristika li hi inizjattiva ta' Alla li jserraħ fuq il-ġenerożità tal-bniedem. U meta l-Appostli jgħidulu jgħallimhom jitolbu, fil-Missierna Ġesù jpoġġi fuq fommna t-talba biex Alla jagħtina l-ħobża ta' kuljum (Mt 6; Lq 11).

F'kapitlu 6 ta' San Ġwann, fid-diskors tas-Sinagoga ta' Kafarnahum, Kristu jitkellem dwaru nnifsu bħala l-"Ħobż ħaj li niżel mis-Sema", waqt li fit-tħabbira tal-glorifikazzjoni tiegħu jiddikjara li l-qamħa trid taqa' fl-art u tmut biex tista' tagħmel il-frott (Ġw 12:24), riferiment għall-Passjoni u l-Mewt tiegħu.





# L-INBID FROTT ID-DIELJA

*"Imbierek int, Mulej, Alla tal-ħolqien kollu, għax fi tjubitek tajtna l-inbid li qegħdin noffrulek, frott tad-dielja u xogħol il-bniedem, li minnu jsir għalina x-xorb tar-ruħ."*

Mil-Liturġija tal-Quddiesa

Sa mill-qedem l-inbid hu sinjal ta' ferħ u festa. Issibu fuq il-mejda fl-aktar mumenti ċelebrattivi sinifikattivi. Mhux ta' b'xejn li l-ewwel sinjal li jagħmel Ġesù f'Kana tal-Galilija, bħala daħla għall-ministeru pubbliku tiegħu u dell ta' dik is-Siegħa li fiha kellu jxerred demmu għalina fuq is-Salib, hu proprju li jibdel l-ilma fi nbid li jrodd il-ferħ lill-festa tat-tieġ, simbolu tal-għerusija dejjiema bejnu u bejn il-Knisja (Ġw 2:1-12).

Fl-Iskrittura Mqaddsa, Iżrael, il-poplu l-magħżul ta' Alla, ukoll hu mxebbah ma' dielja mħawla minnu li ż-żraġen tagħha mistennija jagħmlu frott bnin, anki jekk spiss jiġri bil-kontra (Iż 5). Hija xbieha li Kristu nnifsu juża meta jitkellem dwaru nnifsu bħala d-Dielja vera, u Missieru l-bidwi (Ġw 15). Hija allegorija li tirritorna f'aktar minn parabbola waħda rrakkuntata fil-Vanġeli.

Bl-istess mod naraw it-tema tal-kalċi tas-salvazzjoni li jitkellem dwarha s-Salm 116 tirritorna fil-Ġnien tal-Ġetsemani, fejn Kristu jitlob li jitwarrab minnu l-kalċi mimli bil-morr (Lq 22:42).

Interessanti li l-ikla tas-Seder, li fiha l-poplu Lhudi kull sena kien jgħix mill-ġdid il-ħelsien mill-jasar tal-Eġittu u l-Patt ma' Alla, kienet magħmula minn erba' tazzi simboliċi ta' nbid li fuqhom tingħad barka.

Ma' mejda bħal din, Ġesù lissen lid-dixxipli tiegħu: "Ngħidilkom li ma nerġax nixrob iżjed minn dan il-frott tad-dielja sa dakinhar li nixrob inbid ġdid magħkom fis-Saltna ta' Missieri" (Mt 26:29).





# L-AĦĦAR IKLA

L-istorja biblika tal-ħobż u l-inbid li rajna fiż-żewġ kmamar ta' qabel tintiseġ flimkien u tieħu tifsira ġdida iktar profonda fuq il-mejda tal-Aħħar Ikla tal-Mulej mad-dixxipli tiegħu, awl il-lejl tal-Passjoni tiegħu.

Hi ġrajja li bdiet fiċ-Ċenaklu imma ġiet issiġillata fuq il-Kalvarju, kif tista' tara jekk tħares fuq ix-xellug tiegħek. Hemm, seħħ il-misteru sħiħ tal-għotja b'xejn tal-Ħaruf bla tebgħa għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha biċ-ċarċir ta' demmu fuq is-Siġra tal-Ħajja.

L-elementi tal-ħobż u l-inbid huma ċentrali għall-ġrajja tat-twaqqif tal-Ewkaristija, fl-Aħħar Ċena, irrakkuntata l-ewwel minn San Pawl (1 Kor 11:23s) u mbagħad mit-tliet Vanġeli Sinottiċi (Mt 26; Mk 14; Lq 22).

**"Ħudu u kulu, dan hu Ġismi". "Ħudu u ixorbu, dan hu Demmi… id-Demm tal-Patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem". "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi".**

Huwa l-kliem li jtenni s-saċerdot – *in persona Christi* – f'kull Quddiesa waqt il-Konsagrazzjoni, biex dak li seħħ darba għal dejjem fiċ-Ċenaklu u fuq is-Salib, ngħixuh mill-ġdid madwar l-altar – memorjal, iktar milli tifkira, tal-Misteru tas-Salvazzjoni tagħna.

San Ġwann fir-rakkont tiegħu tal-Aħħar Ċena jagħtina l-ħasil tar-riġlejn (kap. 13), biex bħal donnu jfakkarna li l-Ewkaristija tkun tassew vera jekk f'ħajjitna nittraduċuha fi djakonija – il-qadi ta' xulxin fuq l-eżempju ta' Kristu, is-Saċerdot il-Kbir li jsir fl-istess ħin l-Altar u l-Vittma.



# IS-SAGRIFIĊĊJU TAL-QUDDIESA



Sa mill-bidu nett l-Insara ċċelebraw l-Ewkaristija, l-ogħla Misteru tal-Fidi tagħna, f'Jum il-Mulej – il-Ħadd – bħala tifkira ħajja tal-Qawmien tal-Mulej. L-Ewkaristija fissret għalihom, kif tfisser għalina, l-ewwel frott tal-Irxoxt, "l-ikla tat-tieġ tal-Ħaruf" li hu jaqsam mad-dixxipli tiegħu f'kull żmien, kif għamel maż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws dakinhar stess tal-Għid filgħaxija (Lq 24:13-35).

San Pawl ifakkarna: "Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi" (1 Kor 11:26). L-istess Appostlu jkompli jgħidilna wkoll li dan hu l-ħobż tal-komunjoni u l-għaqda. X'xorti kbira kellhom l-ewwel Maltin li xehdu għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija minn dan il-Missier tagħna fil-fidi!



Matul il-medda tas-sekli ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija għaddiet minn evoluzzjoni – minn dak tal-*fractio panis* fid-djar-knejjes tal-ewwel Insara u fil-katakombi madwar il-fdalijiet tal-martri, għall-kodifikazzjoni liturġika tal-Quddiesa Kattolika mill-Konċilju ta' Trento fis-seklu 16, u eventwalment għar-riforma konċiljari ta' Vatikan II li tatna l-Missal Ruman attwali (1970).

Imma fil-qalba ta' din iċ-ċelebrazzjoni jibqgħu l-karatteristiċi kostituttivi tagħha ta' *ikla* u *sagrifiċċju* fuq l-Altar, li hu sinjal elokwenti ta' Kristu f'nofs il-Knisja tiegħu, li jagħmel l-offerta tiegħu nnifsu lill-Missier għall-fidwa tagħna.

Fil-Malti, l-isem għandu valur ieħor kbir: l-istess kelma *quddiesa* tfakkarna li kull darba li nieħdu sehem fiha, f'komunjoni mal-Knisja militanti, purganti u glorifikanti, aħna spiritwalment nixorbu mill-qdusija li tiġi mir-rabta ma' Kristu, il-Qaddis tal-Qaddisin.





# IL-PREŻENZA REALI

L-ispeċifiċità tal-fidi Kattolika fl-Ewkaristija, f'kuntrast mad-denominazzjonijiet Insara l-oħra, tenfasizza l-verità tal-Preżenza Reali.

Bi tweġiba għar-Riforma Protestanta fis-seklu 16, il-Knisja Kattolika rriaffermat bil-qawwa kollha d-duttrina tat-transustanzazzjoni (il-ħobż u l-inbid jinbidlu fi Kristu bil-ġisem, id-demm, ir-ruħ, u d-divinità), kif ukoll tal-preżenza sagramentali, reali u fiżika, ta' Kristu fl-Ewkaristija, anki barra miċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa.

Il-Festa ta' Corpus Christi, imwaqqfa diġà fis-seklu 13 biex tafferma dan l-istess twemmin, tpoġġi enfasi fuq il-qima dovuta lil Ġesù Ewkaristija, u b'riżultat ta' hekk, il-Liturġija Mqaddsa ġiet mogħnija b'bosta testi sbieħ Ewkaristiċi, bħalma huma dawk tad-Duttur tal-Knisja d-Dumnikan San Tumas ta' Aquino, li ġie kkummissjonat mill-Papa Urbanu IV biex jinseġ l-innijiet u talb liturġiku għal din il-festa.

Mal-medda tas-snin żviluppaw bosta devozzjonijiet popolari li saħħu dan it-twemmin, kif ukoll inħolqu l-Fratellanzi tas-Santissmu Sagrament, li kellhom fost l-oħrajn bħala wieħed mid-dmirijiet tagħhom li jakkumpanjaw il-Vjatku fid-djar tal-morda.

Kien il-Papa San Piju X, magħruf bħala 'l-Papa tal-Ewkaristija', li niżżel l-età tat-tqarbin għal 7 snin, u ppromova l-frekwenza iktar spissa tiegħu, saħansitra kuljum.







# NADURAWK, JA ĦOBŻ TAS-SEMA

Fl-1913, il-Poeta Nazzjonali tagħna Dun Karm Psaila ġie mitlub jikteb innu Ewkaristiku għall-24 Kungress Internazzjonali Ewkaristiku, li nżamm f'Malta bis-sehem ta' bosta prelati mid-dinja kollha. Huwa ħareġ bil-ġmiel ta' innu *T'Adoriam Ostia Divina*, immużikat minn Giuseppe Caruana. Fl-1924, l-awtur stess qalbu għall-Malti, u għadu jitkanta fi knejjes mhux biss f'pajjiżna imma anki madwar id-dinja.

Din it-traduzzjoni kellha ssostni x-xewqa ta' Dun Karm li jagħti lill-poplu innu b'kontenut teoloġiku profond imma fl-istess ħin imfisser fi kliem li jinftiehem min-nies komuni; dan kollu kellu jiżvolġi f'kuntest mużikali mirqum b'sengħa u sensittiv għall-kliem u t-tifsir tiegħu.

Il-mibki Papa Franġisku darba rrakkonta li kien ikantah bl-ilsien tiegħu bħala tifel tal-Preċett fi Buenos Aires, l-Arġentina.

*Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema,*
*frott l-imħabba l-iżjed bnin;*
*għalik l-anġli dlonk titniehed,*
*inti l-hena tal-bnedmin.*

*Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema,*
*frott l-imħabba l-iżjed bnin.*

*Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema,*
*frott l-imħabba l-iżjed bnin;*
*int is-saħħa tal-qawwija,*
*int il-faraġ tad-dgħajfin.*

*Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema,*
*frott l-imħabba l-iżjed bnin;*
*int il-qawwa ta' min raqad,*
*inti l-għaxja tal-ħajjin.*

*Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema,*
*frott l-imħabba l-iżjed bnin;*
*jalla d-dinja tagħraf tħobbok,*
*fik il-qlub huma henjin.*

*Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema,*
*frott l-imħabba l-iżjed bnin;*
*insellmulek, Alla moħbi,*
*inti biss taħkem is-snin.*





# ARTI U MUŻIKA

L-Ewkaristija kienet ispirazzjoni għal bosta u bosta artisti li rrappreżentawha fix-xogħlijiet tagħhom. Forsi l-aktar xbihat ikoniċi nsibu L-*Aħħar Ċena* ta' Leonardo da Vinci (c. 1495-1498), u li serviet bħala prototip għal bosta kapulavuri oħrajn.

Temi Ewkaristiċi huma fost l-aktar popolari f'arti liturġika, b'simboli bħal dawk tal-ħaruf, iż-żbul, l-għenieqed tal-għeneb, il-kalċi, u l-pelikan jidhru fuq oġġetti u paramenti sagri, fided, twieqi tal-istained glass, mużajk, bizzilla, u ħafna aktar.

Min qatt ma waqaf jitgħaxxaq bil-ġmiel smewwi tal-*Ave Verum Corpus* ta' Wolfgang Amadeus Mozart! Testi Ewkaristiċi bħall-innijiet *Pange Lingua*, *O Salutaris Hostia* u *Adoro te devote* ta' San Tumas ta' Aquino huma s-suġġett ta' għadd bla tarf ta' kompożizzjonijiet mill-aqwa ta' kull żmien.

Anki f'pajjiżna, għandna diversi opri mużikali, fosthom quddies, minsuġa f'ġieħ lill-Ewkaristija.





# LETTERATURA

Ibda mill-Missirijiet ewlenin tal-Knisja, is-Santi Padri u d-Dutturi, u spiċċa fl-Enċikliċi tal-Papiet bħal dik ta' Ġwanni Pawlu II *Ecclesia de Eucharistia* (2003), it-tradizzjoni bimillenarja tal-Knisja hi mżejna b'bosta kitbiet ta' tagħlim mill-isbaħ dwar l-Ewkaristija.

Ma naqsux lanqas ix-xogħlijiet letterarji bħal poeżiji fuq is-suġġett, kif ukoll it-testi spiritwali ta' qaddisin devoti tal-Ewkaristija u promuturi tal-qima lejha.

Min-naħa l-oħra, id-devozzjoni popolari żammet ħajja fuq fomm il-poplu Nisrani bosta forom ta' ġieħ lil Ġesù Ewkaristija. Eżempju lokali hu l-*Viżta lil Ġesù Sagramentat* li kiteb is-saċerdot Għawdxi Mons. Luigi Vella (1859-1928), u li tingħad f'ħafna knejjes. Kien hu li ppromova tant l-Adorazzjoni Perpetwa fil-Knisja ta' Savina, fil-Belt Victoria.

*Kemm nixtieq li ninvizitak*
*o Ġesù Sagramentat,*
*f'kull altar fejn tinsab waħdek*
*minn kulħadd abbandunat.*

*Kemm nixtieq illi l-qlub kolli*
*ta' kemm huma lejk ingrati*
*u ta' dawk li ma jagħrfukx*
*biex tant qlub lilek kont nagħti.*

*Imma għaliex qalb waħda tajtni*
*kollha lilek jien nagħtiha*
*bħala vittma tal-imħabba*
*tant għalihom, kemm għalija.*

*Mill-imqaddes tabernaklu*
*o Ġesù, qatt la tinsieni;*
*fidi u tama kattar fija*
*u bin-nar tal-imħabba mlieni.*

*O Ġesù, fuq ħsibijieti,*
*fuq kull xenqa tal-qalb tiegħi*
*xerred, int, il-barka tiegħek,*
*b'mod li tibqa' dejjem miegħi.*



*"L-Ewkaristija hi l-għajn u l-quċċata tal-ħajja Nisranija kollha. Is-sagramenti l-oħra, l-istess bħall-ministeri kollha ekkleżjastiċi u l-ħidmiet tal-appostolat huma kollha marbutin mal-Ewkaristija u jwasslu għaliha. Dan għaliex fl-Ewkaristija jinsab l-għana spiritwali kollu tal-Knisja, jiġifieri Kristu nnifsu, l-Għid tagħna."*

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n. 1324

Iż-żagħżugħ Carlo Acutis, l-aktar qaddis riċenti devot tal-Ewkaristija, kien iħobb jgħid li hi "l-highway għall-Ġenna!". Qaddisin oħra qablu kienu sejħulha "l-ħobż tal-anġli", "l-ikel tal-vjaġġ", u l-"mediċina tal-immortalità".

Wara li doqt ftit mill-ġmiel tal-istorja li tatna dan il-Misteru tal-Imħabba ta' Alla, nistednuk titla' t-taraġ u tpoġġi tisma' ftit mill-kitbiet sbieħ li l-Kelma ta' Alla u t-Tradizzjoni tal-Knisja jagħtuna dwar l-Ewkaristija, biex dan il-lejl tiegħek ikompli jiddawwal minnha.

Ftakar li, kif qal Sant'Ambroġ, int ukoll, meta tiekol dan l-Ikel tas-Sema, tinbidel fih!



VIII

# IL-QUDDIESA MFISSRA

*Spjegi fil-qosor li dehru fuq il-Bullettin tal-Ħadd*

https://www.churchingozo.mt/dokumenti/rizorsi-dwar-il-quddiesa-sussidju-pastorali-2026-2027

# IL-QUDDIESA:
## IĊ-ĊENTRU TAL-ĦAJJA NISRANIJA



Fid-dawl tal-enfasi li qed issir minn Pjan Pastorali għall-ieħor fid-Djoċesi tagħna dwar is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa, matul din is-Sena Liturġika li qed tibda se niddedikaw il-faċċata ta' dan il-Bullettin għal spjega iżjed fid-dettall tagħha, bl-għan li napprezzaw aktar din it-talba hekk għolja li fiha l-Knisja tissieħeb ma' Kristu fl-offerta tiegħu lill-Missier. Dan hu li tgħid l-*Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman* (dokument importanti li jintroduċi l-Missal u t-tifsir tal-Liturġija tal-Quddiesa), f'numru 1:

**Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, bħala azzjoni ta' Kristu u tal-poplu ta' Alla mqassam f'ordni ġerarkiku, hija ċ-ċentru tal-ħajja Nisranija kollha għall-Knisja sew universali u sew lokali, u għal kull wieħed u waħda mill-fidili. Il-ħidma li biha Alla jqaddes id-dinja permezz ta' Kristu u l-qima ta' adorazzjoni li l-bnedmin jagħtu lill-Missier permezz ta' Ibnu, jilħqu l-quċċata tagħhom fil-Quddiesa. Fiha aħna nfakkru l-misteru tal-fidwa tagħna tul is-sena, b'mod li qisna narawhom għaddejjin quddiem għajnejna. Iċ-ċelebrazzjonijiet imqaddsa l-oħra, kif ukoll l-għemejjel kollha tal-ħajja Nisranija, għandhom rabta sħiħa mal-Quddiesa, li hi l-bidu u t-tmiem tagħhom.**



## IL-PREŻENZA TA' KRISTU FIL-LITURĠIJA

Kristu hu dejjem mal-Knisja tiegħu, fuq kollox fl-azzjonijiet tal-Liturġija. Huwa preżenti fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa kemm fil-persuna tal-ministru – "l-istess wieħed li joffri issa bil-ministeru tas-saċerdoti dakinhar offra lilu nnifsu fuq is-salib" – kemm, fuq kollox, taħt ix-xbihat Ewkaristiċi [...] Huwa preżenti fil-Kelma tiegħu għaliex ikun hu nnifsu li jitkellem meta fil-Knisja jinqraw il-Kotba Mqaddsa [...] Bir-raġun li l-Liturġija titqies bħala l-ħidma tal-uffiċċju saċerdotali ta' Ġesù Kristu; fiha jitfisser u jseħħ, permezz ta' sinjali sensibbli, it-tqaddis tal-bniedem skont il-mod proprju tiegħu; f'din il-ħidma l-Ġisem Mistiku ta' Ġesù Kristu, jiġifieri r-Ras u l-membri tiegħu, jagħtu qima pubblika sħiħa.

*mill-Kostituzzjoni tal-Konċilju Vatikan II*
Sacrosanctum Concilium, *nru 7*

# IS-SENA LITURĠIKA

"Ommna l-Knisja mqaddsa tħoss li jmiss lilha li tiċċelebra b'tifkira qaddisa, f'jiem magħżula matul is-sena, l-opra tas-salvazzjoni tal-Għarus imqaddes tagħha. Kull ġimgħa, fil-jum li sejħitlu Jum il-Mulej, tfakkar il-Qawmien tal-Mulej li darba fis-sena jitfakkar ukoll flimkien mal-Passjoni mqaddsa tiegħu fl-akbar Solennità tal-Għid. Matul is-sena, imbagħad, tfisser il-misteru kollu ta' Kristu, mill-Inkarnazzjoni u t-Twelid sat-Tlugħ fis-Sema, sa Għid il-Ħamsin, sa ma sseħħ it-tama hienja u l-miġja tal-Mulej. Waqt li b'dan il-mod tfakkar il-misteri tal-fidwa, hija turi lill-fidili l-għana tal-għemil li jsalva u tal-merti tal-Mulej hekk li b'xi mod tagħmilhom preżenti fiż-żminijiet kollha biex il-fidili jkunu f'rabta magħhom u jimtlew bil-grazzja tas-salvazzjoni."

*Sacrosanctum Concilium, n. 102*




# XI JFISSRU L-ILWIEN LITURĠIĊI




Fl-użu tal-paramenti sagri, il-Liturġija tinqeda b'diversi lwien, skont il-festa jew iż-żmien liturġiku. Anki qabel ma ġie Kristu, l-abjad, l-aħmar, l-ikħal u l-vjola kienu l-erba' kuluri liturġiċi użati għall-purtieri tas-Santwarju u l-ilbies tas-saċerdoti tat-Tempju.

"L-ilwien użati fl-ilbies liturġiku qegħdin bħala għajnuna oħra esterna biex il-fidili jifhmu aħjar il-kwalità proprja tal-misteri talfidi ċċelebrati u s-sens tal-mixja tal-ħajja nisranija matul is-sena liturġika."

*Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman, n. 307*

IL-QUDDIESA MFISSRA (1)

## IL-PURĊISSJONI TAL-BIDU

*Minn dan il-Bullettin se nibdew it-tifsira biċċa biċċa fil-qosor tar-riti tal-Quddiesa. L-ewwel ma jiġu huma r-**Riti tal-Bidu**: mill-Purċissjoni sa qabel il-Liturġija tal-Kelma.*

Il-purċissjoni li fiha s-saċerdot (jew saċerdoti, flimkien mal-abbatini) jersaq lejn l-altar tkun imsieħba mill-kant tal-ġemgħa. Il-ġemgħa tkun bilwieqfa b'sens ta' stennija u rispett lejn is-saċerdot li jkun qed jirrappreżenta lil Kristu. Is-saċerdot jimxi lejn l-altar waqt li aħna nistennew bilwieqfa hekk kif fl-ewwel jum tal-ġimgħa l-Appostli kienu ħerqana jistennew lil Ġesù jidher f'nofshom dakinhar tal-Għid filgħaxija kif ukoll tmint ijiem wara. Matul il-purċissjoni jitkanta innu tal-introjtu li idealment il-kliem tiegħu jkun dak tal-Antifona tal-Introjtu.



IL-QUDDIESA MFISSRA (2)

## TISLIMA LILL-ALTAR

Is-saċerdot isellem lill-altar b'bewsa b'sinjal ta' qima. L-altar jirrappreżenta lil Kristu Rxoxt, li huwa l-ġebla tax-xewka li fuqu hi mibnija l-Knisja. Is-saċerdot jagħmel din il-bewsa f'isem dawk kollha preżenti. Din il-bewsa f'isem il-ġemgħa miġbura tfakkar lill-Insara li huma magħqudin ħaġa waħda ma' Kristu Rxoxt. Is-saċerdot li jbus l-altar ifakkar lill-ġemgħa miġbura li aħna lkoll flimkien il-Ġisem Mistiku ta' Kristu ħaj.



IL-QUDDIESA MFISSRA (3)

## IS-SINJAL TAS-SALIB

Bir-radd tas-salib nistqarru t-twemmin tagħna f'Alla l-Missier, Alla l-Iben u Alla l-Ispirtu Santu. Il-ġest li nagħmlu b'idna l-leminija fuq moħħna, sidirna u spallejna f'forma ta' salib, ifakkarna kemm it-tbatija u l-mewt ta' Ġesù huma importanti għall-persuna kollha tagħna – ħsibijiet (moħħ), emozzjonijiet (qalb) u għemil (spallejn).



IL-QUDDIESA MFISSRA (4)

## IT-TISLIMA TAS-SAĊERDOT LILL-POPLU

Is-saċerdot jiftaħ idejh u jsellem lill-ġemgħa bil-kelmiet: *"Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu Santu, tkun magħkom ilkoll"*, jew *"Il-grazzja u s-sliem mingħand Alla Missierna u Sidna Ġesù Kristu tkun magħkom ilkoll"*, jew *"Il-Mulej magħkom"*. Għal dan il-ġemgħa twieġeb: *"U miegħek ukoll"*. B'din it-tislima, is-saċerdot ifakkar lill-ġemgħa miġbura li verament il-Mulej hu preżenti. Ġesù jgħidilna: "Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom" (Mt 18:20). B'din it-tislima s-saċerdot irid jgħin lill-ġemgħa biex b'fidi sħiħa temmen li Ġesù hu tassew preżenti fostna.



IL-QUDDIESA MFISSRA (5)

## L-ATT PENITENZJALI



Bl-Att Penitenzjali aħna l-Insara nistqarru quddiem Alla u quddiem il-Knisja li aħna niżbaljaw *"bil-ħsieb, bil-kliem, bil-għemil u bit-tħollija tad-dmirijiet"*. It-taħbit fuq sidirna hu ġest li jfisser l-istqarrija tal-ħtija tagħna. Il-mument tas-skiet iservi biex ilkoll kemm aħna nagħrfu s-sitwazzjoni li qegħdin fiha, b'mod speċjali n-nuqqasijiet tagħna. Imbagħad nitolbu maħfra lil Alla permezz tal-karba *"Mulej, ħniena"*. Din it-talba tagħna turi li jiddispjaċina u li ma rridux nerġgħu naqgħu fl-iżball. It-taħbit fuq sidirna jesprimi din l-indiema u s-sogħba, u Alla li jħobbna bi mħabba u ħniena bla tarf jaħfrilna ħtijietna.

IL-QUDDIESA MFISSRA (6)

## IL-GLORJA



Il-"Glorja lil Alla" hu innu ta' tifħir lil Alla Wieħed fi Tliet Persuni. B'dan l-innu aħna rroddulu ħajr talli ħafrilna ħtijietna. Dan l-innu għandu tliet taqsimiet: fl-ewwel taqsima, infaħħru lil Alla l-Missier ta' kull setgħa; fit-tieni, nagħtu ġieħ lil Kristu, Ħaruf ta' Alla, Bin il-Missier, u nitolbuh ħniena; fit-tielet, inqimu lil Kristu li hu waħdu Qaddis, waħdu l-Mulej, waħdu l-Għoli, flimkien mal-Ispirtu s-Santu fil-glorja tal-Missier. Dan il-kant ifakkarna fil-ferħ li Kristu ġab dakinhar tat-twelid tiegħu.

IL-QUDDIESA MFISSRA (7)



## IL-KOLLETTA

Ilkoll kemm aħna niġu mistednin għat-talb mis-saċerdot, billi jistedinna u jgħidilna: *"Nitolbu"*. F'dak il-waqt aħna msejħin biex ninġabru f'pawsa ta' skiet u f'għaqda waħda mas-saċerdot, fil-preżenza ta' Alla, niftħu qalbna u nuru lil Alla x-xewqat u t-talbiet tagħna. Wara dan, is-saċerdot jagħmel talba f'isimna lkoll, u li għalhekk tissejjaħ "Kolletta": din tkun tiġbor fil-qosor il-ħsieb taċ-ċelebrazzjoni, u permezz tagħha l-Knisja titlob lil Alla l-Missier bi Kristu u fl-Ispirtu s-Santu. Kif is-saċerdot waqt din it-talba jgħolli jdejh, hekk kull Nisrani hu fid-dmir li jżomm 'il fuq il-qalb tiegħu. Is-saċerdot f'dak il-waqt ikun bħal Mosè fuq l-għolja mqaddsa, li jgħolli jdejh u bit-talb jidħol quddiem Alla għall-poplu Nisrani fit-tiġrib tiegħu.

IL-QUDDIESA MFISSRA (8)

## IX-XANDIR TAL-KELMA TA' ALLA

*"Il-fidi tiġi mis-smigħ"* tal-Aħbar it-Tajba (Rum 10:17). Il-misteri qaddisa, fi kliem ieħor, is-sagrifiċċju ta' Ġesù fuq is-salib u l-qawmien tiegħu li ngħixu fil-Quddiesa, jiġu mfissra lilna permezz tal-Kelma tiegħu. L-ambone, il-post li minnu tixxandar il-Kelma ta' Alla, hu sinjal tal-qabar vojt. L-akbar u l-isbaħ aħbar li qatt tista' tinstema' hi li Kristu qam mill-mewt. Meta tixxandar il-Kelma ta' Alla waqt il-Quddiesa jeħtieġ li nagħtu widen u niftħu qalbna, għax Alla nnifsu jkun qiegħed ikellimna. Niftakru li *"mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, imma b'dak kollu li joħroġ minn fomm il-Mulej"* (Dewt 8:3).



Ambone tal-Kappella ta' Sant'Anna, id-Dwejra, maħdum miċ-Ċentru tal-Arti Liturġika Eikon fl-2021.



IL-QUDDIESA MFISSRA (9)

## IT-TWEĠIBIET TAL-ĠEMGĦA

Meta l-lettur itemm il-Qari bil-kliem: *"Il-Kelma tal-Mulej"*, il-ġemgħa twieġeb: *"Irroddu ħajr lil Alla"*. U wara l-Vanġelu, il-ġemgħa twieġeb: *"Tifħir lilek, Kristu"*. Is-Salm Responsorjali wkoll hu t-tweġiba tal-ġemgħa għall-Kelma ta' Alla li ġiet imxandra.

Għadna kemm tajna bidu għar-Randan Imqaddes, żmien ipprivileġġjat ta' smigħ tal-Kelma ta' Alla. Ejjew nagħmlu dan qabelxejn bil-parteċipazzjoni sħiħa tagħna fil-Quddiesa tal-Ħadd, u possibbilment ukoll matul il-ġimgħa. Opportunitjiet oħra huma l-korsijiet tal-Eżerċizzi, il-Lectio Divina, il-Liturġija tas-Sigħat, l-irtiri spiritwali, kif ukoll mumenti oħra ta' talb u formazzjoni. **Kull nhar ta' Ħadd fis-6.30pm, fis-Santwarju Ta' Pinu, int tista' tisma' t-tifsira tal-Kelma fil-Lectio Divina mmexxija minn biblisti differenti.**



IL-QUDDIESA MFISSRA (10)

## IX-XANDIR TAL-VANĠELU

Il-kant tal-Hallelujah qabel il-Vanġelu huwa espressjoni ta' ferħ għax Ġesù ġej iżurna bil-Kelma tiegħu. Waqt li fl-Ewwel u fit-Tieni Qari noqogħdu bilqiegħda, fil-Vanġelu nqumu bilwieqfa b'sens ta' rispett lejn l-Kelma ta' Alla li tiġi mogħtija lilna fil-ġrajjiet u fil-kliem ta' Ġesù, li hu nnifsu hu l-istess Kelma ta' Alla. Fil-Vanġelu nqumu bilwieqfa wkoll biex nieħdu l-pożizzjoni ta' dawk li huma mqajmin, irxuxtati ma' Ġesù. Il-Mulej Ġesù għandu "l-kliem tal-ħajja ta' dejjem" (Ġw 6:68). Bilwieqfa għax-xandir tal-Vanġelu nagħmlu tliet slaleb: fuq ġbinna, fommna u sidirna. Din hi l-mixja li tagħmel il-Kelma ta' Alla: nisimgħuha b'widnejna, nifhmuha b'moħħna, tinżel f'qalbna u tgħaddi għall-opri tajba bil-kliem u x-xhieda. Ilkoll kemm aħna nsiru nixbhu lil Marija li tilqa' l-Kelma u tiled lil Ġesù.

IL-QUDDIESA MFISSRA (11)

## L-OMELIJA, IL-KREDU U T-TALBIET TAL-FIDILI

Permezz tal-omelija, is-saċerdot jgħinna nagħrfu kif il-Kelma ta' Alla taħdem tassew fina, u kif nistgħu nilqgħuha tassew f'ħajjitna. Il-Kredu hu l-istqarrija fil-qosor tal-fidi tagħna: *"Nemmen, Mulej, dak kollu li jogħġbok turini"*. Wara li nisimgħu l-Kelma ta' Alla u l-omelija, nindunaw li aħna nies fil-bżonn, u għalhekk inressqu t-talbiet tagħna. Fit-Talba tal-ġemgħa (jew Talbiet tal-fidili) jsir talb għall-Knisja, għad-dinja u għal dawk preżenti għall-quddiesa. Hekk tiġi fi tmiemha l-Liturġija tal-Kelma.



IL-QUDDIESA MFISSRA (12)

## L-OFFERTORJU

Fil-bidu tal-Liturġija Ewkaristika (li hija t-tieni parti tal-Quddiesa), jitħejja l-altar billi jitressqu l-offerti tal-ħobż u l-inbid li aktar tard, bil-Konsagrazzjoni, isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Flimkien ma' dawn l-offerti jitressqu offerti oħra li jservu għall-ħtiġijiet tal-Knisja u tal-foqra. Waqt il-Purċissjoni bl-offerti, isir kant għall-Offertorju. L-offerta materjali tal-għotja ta' flus u tal-ħajja bis-sabiħ u bl-ikrah, ta' kull wieħed u waħda, hi parti mill-azzjoni liturġika, hija sehem fis-Sagrifiċċju u l-offerta ta' Kristu.



IL-QUDDIESA MFISSRA (13)

## L-OFFERTA TAL-ĦOBŻ

Is-saċerdot jieħu l-ħobż f'idejh waqt li b'idejh it-tnejn jerfgħu 'l fuq. Il-ħobż hu magħmul minn qamħ (frott tal-art) li jiġi mitħun biex isir dqiq u jiġi magħġun permezz tal-ilma (xogħol il-bniedem). Il-ħobż jirrappreżenta l-ħajja kollha tagħna l-bnedmin, dak li tagħtina l-art u dak li niksbu bil-ħidma tagħna. Bħall-ħobż, aħna wkoll ngħaddu mill-magħsar tal-umiltà u taċ-ċaħda biex niksbu s-safa li bih nogħġbu lil Alla. Meta s-saċerdot f'isimna joffri l-ħobż, li huwa l-frott tal-art, għandna niftakru li lil Alla għandna noffrulu dak kollu li tana u lilna nfusna, ir-rieda tagħna. Noffrulu wkoll it-talb tagħna, xogħolna, in-niket u l-ferħ li jkollna u ħajjitna kollha, filwaqt li nagħrfu li f'kollox niddependu minn Alla, għax hu ħalaqna u hu Sidna.

IL-QUDDIESA MFISSRA (14)

## L-OFFERTA TAL-INBID

L-inbid huwa sinjal ta' ferħ li jrid jagħtina Ġesù bil-mewt u l-qawmien tiegħu. L-inbid ifisser ukoll id-demm ta' Kristu. Il-qatriet tal-ilma mħallta mal-inbid jirrappreżentaw l-għaqda tan-natura umana ma' dik divina, u jfakkruna wkoll li mill-kustat minfud ta' Kristu ħarġu demm u ilma. Kif l-inbid u l-ilma jsiru ħaġa waħda, hekk aħna għandna nkunu magħqudin ma' Kristu r-Ras tagħna. Is-sagrifiċċju li noffru b'mod li jidher ifisser is-sagrifiċċju spiritwali, li bih ir-ruħ toffri lilha nfisha 'l Alla. Għalhekk l-offerta tal-ħobż u l-inbid għandha tkun imsieħba mas-sagrifiċċju tagħna, saċerdoti u ġemgħa, jiġifieri s-sagrifiċċju tal-qalb umli u niedma.

IL-QUDDIESA MFISSRA (15)



## IL-ĦASIL TAL-IDEJN

Is-saċerdot jaħsel idejh, waqt li jgħid: "Naddafni, Mulej, minn ħżuniti u d-dnub tiegħi neħħili". Il-ħasil tal-idejn mis-saċerdot juri x-xewqa tas-safa tal-qalb biex ikun jista' jieħu sehem minn dan is-sagrifiċċju qaddis.

IL-QUDDIESA MFISSRA (16)



## TALBA FUQ L-OFFERTI

Waqt li lkoll inqumu bilwieqfa, is-saċerdot f'isem kulħadd jitlob 'l Alla biex ibierek u jilqa' l-offerta tagħna l-Insara. Hi talba li sservi bħala għeluq tar-rit tat-tħejjija tal-offerti u twassal għat-Talba Ewkaristika.

IL-QUDDIESA MFISSRA (17)



## IT-TALBA EWKARISTIKA

Din hi l-quċċata taċ-ċelebrazzjoni kollha. Hi talba ta' radd il-ħajr lil Alla għal dak kollu li jagħmel u qed jagħmel magħna permezz ta' Ibnu. Din it-talba jgħidha s-saċerdot għax hu qed imexxi l-ġemgħa f'isem Kristu. Hu strument, intermedjarju, kemm tal-leħen ta' Alla li jkellem lill-poplu tiegħu, kemm tal-leħen tal-poplu li jitlob lil Alla. Għal din ir-raġuni din it-talba jgħidha s-saċerdot waħdu, filwaqt li l-ġemgħa miġbura tisma' fis-skiet u tieħu sehem fl-akklamazzjonijiet. It-Talba Ewkaristika fiha diversi partijiet, li se nfissru fil-Bullettini li jmiss.

IL-QUDDIESA MFISSRA (18)



## IL-PREFAZJU

Is-saċerdot jibda t-Talba Ewkaristika billi jgħid lill-Insara: *"Il-Mulej magħkom"*. Jiftaħ idejh biex juri li hu qiegħed hemm biex ikellem lil Alla u jinterċedi għall-poplu bħal Mosè. Din it-talba ta' qabel il-*"Qaddis"* tissejjaħ Prefazju, li hija talba solenni lil Alla fil-bidu tat-Talba Ewkaristika. F'isem il-poplu qaddis, is-saċerdot isebbaħ lil Alla l-Missier u jroddlu ħajr għall-għeġubijiet tal-ħolqien, tal-Inkarnazzjoni, tal-ħelsien, u mirakli oħra li jseħħu fl-istorja tagħna.



IL-QUDDIESA MFISSRA (19)

## IL-QADDIS

Wara l-Prefazju, is-saċerdot u l-ġemgħa kollha flimkien nissellfu l-kliem ta' tifħir tal-qtajja' tas-Sema u nfaħħru lil Alla billi ngħidu: *"Qaddis, Qaddis, Qaddis. Is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek. Hosanna fl-ogħla tas-smewwiet. Imbierek min ġej f'isem il-Mulej".*



IL-QUDDIESA MFISSRA (20)

## L-EWWEL EPIKLESI: SEJĦA SPEĊJALI LILL-ISPIRTU SANTU

Waqt li l-ġemgħa tkun bilwieqfa jew għarkupptejha, il-Knisja b'talba speċjali ssejjaħ il-qawwa divina tal-Ispirtu s-Santu sabiex l-offerti mogħtija minna l-bnedmin jiġu kkonsagrati u jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Il-kelma *"epiklesi"* tfisser talba ħerqana ta' xi ħadd li jinsab fi ħtieġa kbira u li jitlob l-għajnuna lil xi ħaddieħor iktar setgħani minnu. Fil-Quddiesa s-saċerdot isejjaħ l-Ispirtu s-Santu biex bil-qawwa tiegħu, il-ħobż u l-inbid isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. L-idejn miftuħa fuq il-ħobż u l-inbid huma sinjal tad-dell tal-Ispirtu s-Santu biex dawn isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù. Bil-ġest tat-tqegħid tal-idejn fuq l-offerti nġibu preżenti llum, inġeddu, dak li wettaq Ġesù fl-Aħħar Ċena mal-Appostli u dak li wettaq darba għal dejjem fuq il-Kalvarju għas-salvazzjoni tagħna. Din mhix rappreżentazzjoni jew reċta, iżda dak li ġara fl-Aħħar Ċena fuq il-Kalvarju jsir preżenti llum, issa, fil-Quddiesa.

**IL-QUDDIESA MFISSRA (21)**

## L-ANAMNESI: IR-RAKKONT TAL-AĦĦAR ĊENA

Permezz tal-kelmiet u l-ġesti ta' Kristu, tiġi rrakkontata l-Aħħar Ċena li fiha l-Mulej waqqaf is-sagrament tal-Ewkaristija. Is-saċerdot jgħid il-kelmiet tal-Konsagrazzjoni fil-persuna ta' Kristu u japplikahom għall-ħobż u l-inbid li jkollu preżenti quddiemu. Bil-kelmiet qaddisa *"Dan hu Ġismi"* u *"Dan hu l-Kalċi ta' Demmi"*, il-ħobż u l-inbid fuq l-altar jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Ġesù jinqeda bil-persuna tas-saċerdot biex jagħmel illum, għalina nies ta' dan iż-żmien, l-istess ikla u l-istess mewt u qawmien li ġarrab hu elfejn sena ilu.



**IL-QUDDIESA MFISSRA (22)**

## L-AKKLAMAZZJONI TAL-ĠEMGĦA

Dritt wara l-Konsagrazzjoni, aħna nqumu bilwieqfa u s-saċerdot jistqarr: *"Dan hu l-Misteru tal-fidi"*. Aħna nwieġbu b'akklamazzjoni, fi kliem ieħor nilqgħu dan il-misteru bi stqarrija ta' ferħ. Għaldaqstant, dan mhux mument ta' adorazzjoni iżda ta' akklamazzjoni. Il-pjan tas-salvazzjoni sab il-milja tiegħu fil-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. Għalhekk jiġi akklamat (ngħajtu bil-ferħ): *"Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej, inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek, nistennewk sa ma tiġi fil-glorja"*.





IL-QUDDIESA MFISSRA (23)

## IT-TIENI EPIKLESI: SEJĦA SPEĊJALI LILL-ISPIRTU SANTU FUQ IL-ĠEMGĦA

Wara l-Konsagrazzjoni, is-saċerdot jerġa' jsejjaħ l-inżul tal-Ispirtu s-Santu, din id-darba biex jinżel fuqna li qed nieħdu sehem fl-Ewkaristija u fuq dawk minna li ser nieħdu sehem fit-Tqarbin, u jitolbu biex jagħmel minna lkoll ġisem wieħed u ruħ waħda.



IL-QUDDIESA MFISSRA (24)

## L-INTERĊESSJONIJIET

Bit-talb li jagħmel iċ-ċelebrant, hekk imsejħa interċessjonijiet, jidher ċar li l-Quddiesa hi ċċelebrata f'għaqda mal-Knisja kollha: dik tas-Sema kif ukoll dik tal-art. Fil-fatt, nitolbu għall-Papa, għall-Isqof tagħna u l-isqfijiet kollha, għal dawk li jaqdu lil Kristu f'diversi ministeri, għall-mejtin tagħna, għall-poplu kollu, kif ukoll għad-dinja kollha.

IL-QUDDIESA MFISSRA (25)

## ID-DOSSOLOĠIJA

It-Talba Ewkaristika tintemm billi s-saċerdot jerfa' l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù u jistqarr: *"Bi Kristu, ma' Kristu, fi Kristu, jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox, kull ġieħ u glorja, għal dejjem ta' dejjem"*. L-*"Ammen"* finali (tissejjaħ l-Ammen il-kbira) hi t-tifħir li aħna nagħtu lit-Trinità Qaddisa. Din l-Ammen il-kbira hi bħal konferma tat-talbiet kollha li jsiru fil-Quddiesa u tfisser ukoll l-approvazzjoni u s-sehem tagħna lkoll bħala ġemgħa li temmen fis-sagrifiċċju li jkun qed jiġi offrut lil Alla.



IL-QUDDIESA MFISSRA (26)

## IL-MISSIERNA

Is-saċerdot jiftaħ idejh b'sens ta' abbandun f'idejn Alla u flimkien mal-ġemgħa jitlob kif għallimna l-Mulej. Nitolbuh jagħtina l-ħobż ta' kuljum – liema ħobż ifakkarna fl-Ewkaristija – u biex jaħfrilna dnubietna biex il-ħwejjeġ qaddisa nirċevuhom bil-qdusija. Fiha nsibu eżempju kif għandna ngħixu u nitolbu. Hawn il-ġemgħa tkun bilwieqfa.





IL-QUDDIESA MFISSRA (27)

## IR-RIT TAL-PAĊI

Filwaqt li nagħtu sinjal ta' paċi, nitolbu lil Alla biex jagħti l-paċi u l-għaqda lill-Knisja u lill-bnedmin kollha, paċi ma' Alla u mal-proxxmu. Biex il-ġest tal-paċi jkun sinċier jeħtieġ li jkun imsieħeb mix-xewqa u l-impenn li naħdmu bis-serjetà għall-għaqda u l-paċi fost il-bnedmin. Il-paċi li nagħtu mhijiex tagħna, imma ta' Kristu Rxoxt.



IL-QUDDIESA MFISSRA (28)

## IL-QSIM TAL-ĦOBŻ

Dan il-ġest hu importanti, u juri li Ġesù sar ikel mogħti għalina. Is-saċerdot jieħu l-ostja u jaqsamha, u jixħet fil-kalċi biċċa żgħira filwaqt li l-ġemgħa tgħid: *"Ħaruf ta' Alla..."*. Il-Qsim tal-Ħobż ifakkarna wkoll li għalkemm aħna ħafna, insiru ġisem wieħed meta fit-Tqarbin naqsmu bejnietna l-Ħobża waħda tal-ħajja, li hi Kristu. Hawn il-ġemgħa, jew tibqa' bilwieqfa jew tinżel għarkupptejha.

IL-QUDDIESA MFISSRA (29)



## L-ISTEDINA GĦALL-IKLA

Is-saċerdot jieħu f'idejh l-ostja u jgħid lill-ġemgħa: *"Dan hu l-Ħaruf ta' Alla, dan hu li jneħħi d-dnubiet tad-dinja. Henjin dawk li huma mistiedna għall-ikla tal-Ħaruf".* B'hekk jistieden lill-ġemgħa għal din il-mejda tal-Mulej. Is-saċerdot flimkien mal-ġemgħa nagħmlu lkoll att ta' fidi u umiltà u nirrepetu l-kliem taċ-ċenturjun fil-Vanġelu (ara Lq 7:6): *"Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi, iżda għid kelma waħda, u ruħi tkun imfejqa".*

IL-QUDDIESA MFISSRA (30)



## IT-TQARBIN

Il-Knisja tixtieq li meta nieħdu sehem fil-quddiesa aħna nitqarbnu possibbilment bl-ostji kkonsagrati fl-istess quddiesa, ħalli jidher is-sinjal li t-tqarbina hi sehem mill-istess Sagrifiċċju li qed jiġi ċċelebrat. Hekk aħna lkoll li nieħdu sehemna mill-altar u nitqarbnu bil-Ġisem u d-Demm Imqaddes, nimtlew b'kull barka u grazzja tas-Sema. Meta t-tqarbin isir fuq l-idejn, tajjeb li, kif jgħid San Irinew, nagħmlu minn idejna tron għal Kristu b'forma ta' salib. Imbagħad, meta nieħdu l-ostja f'idejna, nersqu fil-ġenb u waqt li nħarsu lejn l-altar, nieħdu u nieklu mill-Ħobż tal-ħajja.



IL-QUDDIESA MFISSRA (31)

## IS-SKIET WARA T-TQARBIN

Wara t-Tqarbin ikun jixraq li nżommu ftit ħin tas-skiet u ġabra biex nirringrazzjaw lil Ġesù tad-don kbir tiegħu nnifsu lilna, u nitolbuh biex jgħinna nwettqu r-rieda tiegħu. Hekk nagħmlu r-ringrazzjament u t-talbiet personali tagħna. Xieraq li f'dan il-mument għażiż, min jiflaħ, joqgħod għarkupptejh.



IL-QUDDIESA MFISSRA (32)

## IT-TALBA TA' WARA T-TQARBIN

Wara l-mument ta' radd il-ħajr il-ġemgħa tqum bilwieqfa filwaqt li s-saċerdot jgħid: *"Nitolbu"*. F'dan il-ħin, is-saċerdot jitlob lil Alla biex ixerred fuqna u fuq id-dinja kollha l-ġid tal-Misteru li għadu kif ġie ċċelebrat.



IL-QUDDIESA MFISSRA (33)

**IL-BARKA**

Il-barka li s-saċerdot jitlob fuq dawk li jieħdu sehem fil-Quddiesa hi s-sinjal li l-Mulej jibqa' dejjem magħna li nemmnu sabiex inkunu xhieda fid-dinja. Kull Nisrani hu "Kristoforu", jiġifieri jġorr lil Kristu. Waqt li jagħti l-barka, is-saċerdot waħdu jgħid il-kliem waqt li jrodd is-salib. Il-ġemgħa, min-naħa tagħha, tagħmel is-sinjal tas-salib u, mingħajr ma tgħid il-kliem mas-saċerdot, twieġeb: *"Ammen"*. Dan minħabba li l-barka hi mogħtija mis-saċerdot f'isem Ġesù.



IL-QUDDIESA MFISSRA (34)

**IT-TISLIMA TAL-AĦĦAR – L-ISTEDINA BIEX IMMORRU**

It-tislima *"Morru fil-paċi ta' Kristu"* fl-aħħar tal-Quddiesa (Liċenzjament) tfakkar li, għad li l-quddiesa spiċċat, għan-Nisrani ta' veru tibda ċelebrazzjoni oħra fit-toroq tal-ħajja billi nkunu xhud ta' Kristu Rxoxt bil-kelma u bl-eżempju. Fil-fatt, mill-kelma *"Missa"* bil-Latin ġejja l-kelma *"Missio"* li tfisser li issa bdiet il-missjoni tagħna. Il-kant tal-aħħar hu sinjal li aħna pellegrini mexjin lejn is-Sema pajjiżna.



ABITI U VAŻI SAGRI (1)

## L-ILBIES TAS-SAĊERDOT

Wara li fissirna fit-tul kull parti tal-quddiesa, se niddedikaw ftit puntati oħra biex nifhmu fil-qosor is-sinifikat ta' oġġetti oħra liturġiċi, bħalma huma l-abiti u l-vażi sagri.

Fil-Liġi l-Qadima, Alla kien ordna lil Mosè kif għandu jkun l-ilbies ta' dawk li jservu fit-Tinda tal-Mulej u kif għandhom ikunu lebsin is-saċerdoti li joffru s-sagrifiċċju (Eż 39:1ss).

Fil-Liturġija tal-Knisja Kattolika wkoll hemm liġijiet dwar l-ilbies tal-ministri li jwettqu diversi servizzi liturġiċi, għax "it-tqassim ta' dawn is-servizzi liturġiċi jidher minn barra wkoll permezz tal-ilbies imqaddes, maħsub għal kull servizz u li għalhekk għandu jkun is-sinjal tal-uffiċċju proprju ta' kull ministru. Iżda jeħtieġ ukoll li dan l-istess ilbies ikompli jsebbaħ l-azzjoni qaddisa" (OGMR, n. 297).

Kull waħda mill-ilbiesi tas-saċerdot waqt il-quddiesa – l-Amittu, l-Alba, iċ-Ċinglu, l-Istola, u l-Pjaneta – hi simbolu b'tifsira kbira marbuta magħha.



ABITI U VAŻI SAGRI (2)

## L-AMITTU

L-Amittu huwa bħal maktur tal-għażel, li wara li jitqiegħed fuq ir-ras, jintlibes fuq l-għonq u l-ispallejn tas-saċerdot. Barra l-użu prattiku biex jipproteġi mill-għaraq, it-tifsira simbolika tiegħu hija l-qawwa tal-fidi li biha għandu jkun imseddaq is-saċerdot ta' Kristu.

ABITI U VAŻI SAGRI (3)



## L-ALBA

L-Alba jew kamżu hija bħal libsa bajda li tgħatti l-persuna tas-saċerdot minn għonqu sa tarf riġlejh. Hija ġejja mit-tunika jew libsa wiesgħa li kienet tintuża fi żmien l-imperaturi Rumani. Il-kulur abjad tagħha jfisser is-safa tal-qalb.

ABITI U VAŻI SAGRI (4)





## IĊ-ĊINGLU

Iċ-Ċinglu huwa bħal kurdun abjad jew ta' xi lewn ieħor li bih is-saċerdot jorbot l-alba minn qaddu. Iċ-ċinglu huwa l-għelm ta' ħajja kasta.

ABITI U VAŻI SAGRI (5)



## L-ISTOLA

L-Istola tal-istess lewn tal-pjaneta tintlibes kemm mid-djakni u kemm mis-saċerdoti u mill-isqfijiet, iżda b'mod differenti. Fil-Quddiesa, is-saċerdot jilbes l-istola madwar għonqu u mdendla fuq sidru. Hija s-simbolu tal-immortalità, jiġifieri tal-ħajja li tibqa' għal dejjem.

*L-istola ħamra li libes il-Papa Franġisku f'Ta' Pinu, fit-2 ta' April 2022, minsuġa bl-idejn fuq stil tradizzjonali u magħmula mit-tajjar. Id-disinn tagħha sar minn Dun Roberto Gauci, taċ-Ċentru tal-Arti Liturġika Eikon, b'konsultazzjoni man-nissieġa Għawdxija s-Sinjura Alda Bugeja li għamlet ix-xogħol tal-insiġ b'idejha stess.*

ABITI U VAŻI SAGRI (6)



## IL-PJANETA

Il-Pjaneta hija l-ilbies liturġiku proprju tas-saċerdot u tintlibes fuq l-alba u fuq l-istola. Ġejja mill-mantell li r-Rumani antiki kienu jilbsu fuq ħwejjiġhom. Ħafna drabi l-pjaneta jkollha fuqha xi sinjal jew forma ta' salib. Hija simbolu tal-virtujiet tal-karità u tar-rabta mar-rieda ta' Alla, li biha nġorru s-salib kif ġarru Kristu.



ABITI U VAŻI SAGRI (7)

## IL-VAŻI SAGRI

"Fost il-ħwejjeġ meħtieġa għaċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, jistħoqqilhom ġieħ speċjali l-vażi sagri, fosthom il-kalċi u l-patena li fihom jew fuqhom isiru l-offerti u l-konsagrazzjoni tal-ħobż u tal-inbid, u li minnhom isir it-tqarbin."
*(Ordni Ġenerali għall-Missal Ruman, n. 289)*



ABITI U VAŻI SAGRI (8)

## IL-KALĊI

Il-Kalċi huwa għamla ta' tazza tal-metall bis-sieq, u fih jitqiegħed l-inbid għall-Konsagrazzjoni waqt il-quddiesa.

ABITI U VAŻI SAGRI (9)

## IL-PATENA

Il-Patena hija bħal plattina, tonda fl-għamla, li fuqha titqiegħed l-ostja kbira għall-Konsagrazzjoni.



ABITI U VAŻI SAGRI (10)

## IL-PISSIDI

Il-Pissidi (jew ċiborju) jintuża sabiex fih jiġu mqegħdin l-ostji ż-żgħar ikkonsagrati, imsejħa partikoli, għat-tqarbin tal-Insara.



ABITI U VAŻI SAGRI (11)

## IL-KORPORAL

Fuq it-tvalja f'nofs l-altar, waqt il-Quddiesa, jiġi mifrux bħal maktur abjad illamtat li jissejjaħ Korporal, sabiex fuqu titqiegħed il-patena bl-ostja u tiġi kkonsagrata, kif ukoll il-kalċi, u jekk ikun hemm ħtieġa, il-pissidi bil-partikoli għat-tqarbin tal-fidili.



ABITI U VAŻI SAGRI (12)

## IL-PALLA U L-PURIFIKATUR

Il-kalċi jiġi mgħotti bil-Palla li tkun forma kwadra u ftit ikbar minn xifer il-kalċi. Din, flimkien mal-korporal u maktur imsejjaħ purifikatur li bih jintmesaħ il-kalċi minn ġewwa, hemm bżonn li jkunu ndaf u mingħajr tebgħa u jinżammu b'ċerta qima.




IHS


JHS

DJOĊESI TA' GĦAWDEX

9 789918 957767 >